IL-GĦID TA' L-ASSUNTA

L-ERBGHIN SENA

40 (2005)

www.gozocathedral.org.mt

KOLLEĠJATA LEJN IS-SENA 1445

iris
PORCELLANATO
TILES

Sole Agents:

JOSEPH CARUANA
CO. LTD.

'Caruana Bldgs', Mġarr Road, Victoria

Tel: 21-560019

www.gozocathedral.org.mt

IL-GHID TA' L-ASSUNTA

40 (2005)

Stampat
għall-ewwel darba
Awwissu 1966

Pjazza tal-Katidral,
Ċittadella, Għawdex.
VCT 103

Tel • 2155-4101
Fax • 2156-4572

Home-page:
http://www.gozocathedral.org.mt

E-mail:
joseph.bezzina@um.edu.mt

Editur
JOSEPH BEZZINA

Deputat Editur
MAXIMILLIAN GRECH

Reklami
PEPPINU DEBRINCAT

Ittajpjar
MAXIMILLIAN GRECH
FABIENNE GRECH

Proof Reading
VICTOR J. GALEA
DUN GEORGE MERCEICA

Setting
ERIC DE BONO
AARON ZAMMIT

Ritratti tal-qoxra
Id-dokument tat-22 ta' Diċembru, 1463, li jsemmi l-Kolleġġjata ta' Għawdex, superimpost fuq pittura tal-Kolleġġjata 1623.

Stampata
J. DE BONO
PRINTING PRESS LTD.
TEL: 2155-2219 • 7955-2219

© ***Copyright***
L-ARTIKLI HUMA COPYRIGHT TA' L-AWTURI RISPETTIVI U MA JISTGHU JIGU RIPRODOTTI B'EBDA MOD MINGHAJR IL-PERMESS TA' L-AWTURI. IL-FEHMIET ESPRESSI FL-ARTIKLI M'HUXIEX NECESSARJAMENT TAL-BORD EDITORJALI

Kolleġġjata lejn is-Sena 1445

Din hi l-ħarġa numru **erbgħin** ta' *Il-Għid ta' l-Assunta.* Sa mill-1966, sena wara l-oħra, għal erbgħin darba, dan l-annwal żamm l-appuntament tiegħu mal-qarrejja Maltin u Għawdxin. U ma stajniex niċċelebraw dan l-anniversarju b'mod iktar sublimi milli qegħdin nagħmlu – jiġifieri bil-pubblikazzjoni ta' dokument li juri li l-Matriċi ta' Santa Marija kienet ġa kolleġġjata lejn is-sena 1445.

• L-ewwel u qabel kollox jixraq li f'dan l-erbgħin anniversarju niftakru u nuru l-apprezzament tagħna lil Monsinjur Karm Scicluna, ex-arċipriet tal-Katidral u fundatur ta' dan l-annwal li mar jistrieħ mal-Mulej nhar it-8 ta' Marzu, 2005. Monsinjur Scicluna beda jmexxi l-Katidral bħala vigarju ko-operatur mal-mewt ħesrem ta' ħuh Dun Franġisk, li ġrat nhar it-3 ta' Awwissu, 1962, fl-għomor ta' 34 sena. Hu mexxielu jqajjem mill-ġdid il-ħajja pastorali fil-Katidral, ħajja li kienet meqruda kważi għal kollox minn dawk li waqt li kienu qegħdin jitħallsu mill-Katidral, warrbu fil-ġenb il-knisja li tagħha kienu suppost mexxejja spiritwali. Kien magħżul arċipriet tal-Katidral nhar il-15 ta' Marzu, 1976. Fil-5 ta' Mejju, inħatar *prelato d'onore* tal-Papa Pawlu VI. Ħa l-pussess nhar il-15 ta' Mejju. Dam f'din il-kariga sakemm irriżenja nhar il-11 ta' Awwissu, 1995. F'din il-ħarġa ġibna żewġ apprezzamenti dwaru.

• It-tieni, kif sal-lum jaf kulħadd, f'Mejju li għadda kien ippubblikat dokument ta' importanza kbira fl-istorja glorjuża ta' dan il-Katidral. Patri Ġorġ Aquilina, Franġiskan Minuri, u Professur Stanley Fiorini, it-tnejn riċerkaturi u studjużi ta' l-istorja, ippubblikaw dokument li jixhed li l-Matriċi ta' Santa Marija kienet diġà kolleġġjata fis-sena 1463. S'issa konna naħsbu li saret kolleġġjata fl-1623. L-ewwel żewġ artikli ta' dan l-annwal huma dwar dan id-dokument. U fadal ħafna x'jingħad. Naf li nkun qiegħed nesprimi s-sentimenti ta' kull monsinjur, saċerdot, u parruċċjan tal-Katidral, kif ukoll ta' kull min iħobb l-istorja ta' Għawdex, meta ngħid grazzi kbir lil dawn iż-żewġ studjużi. Jistħoqqilhom ir-rikonoxximent u r-radd il-ħajr ta' kulħadd għal din il-paġna ġdida li qiegħda tinkiteb fl-istorja ta' Għawdex grazzi għar-riċerka tagħhom.

• It-tielet, dan id-dokument, bħad-dadi tal-możajk li flimkien jiffurmaw kwadru sħiħ u sabiħ, jsaħħaħ il-ħjiel ta' dokumenti oħrajn dwar il-Matriċi ta' Santa Marija. Il-Belt imdawra bis-swar ta' Għawdex kienet iċ-ċentru l-iktar importanti ta' Għawdex. (1) *L-ewwel* ħjiel ta' knisja f'din il-Belt imur lura għas-sena 1299, meta nafu li kien hemm knisja tiffunzjona ta' parroċċa. (2) *It-tieni,* nafu li fis-sena 1398, il-festa ta' Santa Marija kienet il-fulkru tal-ħajja soċjali f'Għawdex tant li magħha kien hemm marbuta l-ħlasijiet taċ-ċnus fil-gżira. (3) *It-tielet* nafu li fis-sena 1435, il-knisja tal-Belt kienet iddedikata lil-Santa Marija u nafu wkoll li din il-knisja kienet Matriċi ta' Għawdex kollu, jiġifieri tal-knejjes filjali u tat-tliet parroċċi l-oħra ta' Għawdex, it-tlieta fir-Rabat. (4) *Ir-raba'* nafu li fl-1463, din il-knisja Matriċi kienet ilha s-snin kolleġġjata.

Dokument wara l-ieħor qegħdin isaħħu 'l xulxin. Id-dadi tal-możajk qegħdin kulma jmur joffru stampa iktar ċara ta' l-iktar knisja importanti ta' Għawdex sa mill-ibgħad żminijiet.

DUN ĠUŻEPP BEZZINA

L-Editur ta' dan l-annwal, monsinjur tal-Katidral

kitba ta'
Maximillian Grech
Deputat-editur
f'kollokwju ma' Monsinjur Bezzina

Nhar il-15 ta' Lulju, 2005, tħabbret il-ħatra ta' Dun Ġużepp Bezzina, editur ta' dan l-annwal tal-Katidral u membru tal-presbiterju parrokkjali tal-Katidral, bħala monsinjur tal-Kapitlu Katidrali ta' Għawdex. Hu ħa l-pussess il-Ħadd 7 ta' Awwissu, 2005.

Joseph Bezzina twieled ir-Rabat, Għawdex, fis-Sena Mqaddsa 1950. Studja l-iskola primarja tar-Rabat, il-Liċeo, u s-Sixth Form, Għawdex; l-Università ta' Malta; u l-Università Pontifiċja Gregorjana, Ruma. Kien ordnat saċerdot mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Pawlu VI fid-29 ta' Ġunju, tas-Sena Mqaddsa 1975.

Mons. Bezzina għandu tliet gradi ak-kademiċi fl-istorja, fosthom dottorat *first class honours* fl-Istorja tal-Knisja. Rebaħ ukoll l-*award* tal-Papa – l-ogħla unur ta' l-Università Gregorjana – meta spiċċa l-ewwel fl-eżamijiet finali tas-sena 1982. Fis-snin 1976–77, kien membru attiv tas-senat akkademiku ta' l-imsemmija Università Gregorjana.

Ma' tmiem l-istudju tiegħu f'Ruma, in-ħatar professur ta' l-Istorja tal-Knisja u tal-Patroloġija fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, Għawdex. Minn Marzu 1991, inħatar *lecturer* il-Fakultà tat-Teoloġija, l-Università ta' Malta. Illum huwa *senior lecturer*, kif ukoll kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja tal-Knisja, tal-Patroloġija, u ta' l-Arkeoloġija Paleokristjana fl-istess Università. Bejn is-snin 1996–1998, hu sar l-ewwel professur ta' l-Istorja tal-Knisja, wara l-waqgħa tad-dittatura Komunista, fis-Seminarju Interdjoċesan ta' l-Albanija, Shkodër.

Huwa wkoll l-arkivista tal-Kurja ta' l-Isqof ta' Għawdex, u kien instrumentali fil-modernizzar ta' l-arkivju. Hu fundatur ta' l-Arkivju Nazzjonali, sezzjoni ta' Għawdex, li nfetaħ fl-1 ta' Awwissu, 1989, fuq xewqa espressa u bl-appoġġ ta' Anton Tabone, l-ewwel Ministru għal Għawdex. Hu għadu sal-lum arkivista ta' l-Arkivju Nazzjonali.

Monsinjur Bezzina ilu jaqdi l-knisja Katidrali mingħajr interess ta' xejn għal iktar minn erbgħin sena. Fl-1 ta' Novembru, 1962, fl-età ta' tnax-il sena, intgħażel mazzier tal-Kapitlu Katidrali, uffiċċju li baqa' jaqdi anki meta daħal is-Seminarju f'Settembru, 1968. Bħala seminarist, bejn Settembru 1968 u Ġunju 1975, għin ħafna fil-ħajja pastorali u kulturali tal-Katidral. Kien il-moħħ wara ħafna mill-attivitajiet li saru f'dawk is-snin.

Hu ddedika s-sajf kollu tas-sena 1972 u

L-ordinazzjoni ta' Monsinjur Bezzina mill-Papa Pawlu VI

www.gozocathedral.org.mt



Monsinjur Bezzina jippreżenta ktieb lill-Papa Ġwanni Pawlu II waqt udjenza privat (15 ta' Settembru, 1990)

tas-sena 1973 jaħdem volontarjament fil-katalogar ta' l-Arkivju tal-Katidral mal-Professur Godfrey Wettinger.

Għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu l-Katidral fid-9 ta' Awissu, 1975. Wara l-istudji tiegħu f'Ruma, irritorna Għawdex u, b'sagrifiċċji personali kbar, dlonk medd għonqu ħalli wara ħafna tqanżiħ jiftaħ il-Mużew tal-Katidral, inawgurat nhar il-21 ta' Ottubru, 1979. Hu kien l-ewwel kuratur-għassies tal-Mużew. Baqa' jieħu sehem l-iktar attiv fil-ħajja pastorali u kulturali tal-Katidral. Fl-1982, beda jservi bħala kappillan tal-Kor, uffiċċju li qeda bl-ikbar skruplu sas-sena 2000. Nhar it-23 ta' Ottubru, 2000, inħatar monsinjur onorarju tal-Katidral.

Monsinjur Bezzina hu awtur ta' iktar minn ħamsin ktieb, bl-Ingliż, bil-Malti, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, u bit-Taljan. Ta' min isemmi fost dawn : *Religion and Politics in a Crown Colony. The Gozo-Malta Story. 1798-1864,* studju profond dwar Malta u Għawdex fi żmien l-Ingliżi ; *Storja tal-Knisja f'Malta,* mill-era appostolika sa żmienna, l-ewwel storja tal-Knisja f'Malta u Għawdex bil-Malti; u *Gozo's Government. The autonomy of an island through history,* storja ta' Għawdex fil-qosor. Kotba li huma kollha frott ta' tiftix f'diversi arkivji ta' Għawdex, ta' Malta, tal-Belt tal-Vatikan, ta' Palermo, ta' Barċellona u ta' l-Ingilterra.

Ktieb li għamel suċċess kbir u li f'dawn il-ġranet kien ippubblikat għat-tielet darba hu l-istorja u l-gwida tal-Katidral: *The Gozo Cathedral and the Cathedral Museum, history and guide.* Barra dan Monsinjur Bezzina kien dejjem fuq quddiemnett biex jiddefendi l-interessi tal-Katidral u ta' l-istorja glorjuża tiegħu. Ta' dan sofra tagħjir u tfixkil ta' kull xorta. Iżda dan kollu iktar imlieh b'kuraġġ biex jiddefendi l-interessi tal-Katidral.

Ċertament li bħala monsinjur ikompli dan b'iktar ħeġġa. Nifirħulu!

Ħatriet oħra fil-Kapitlu Katidrali

- Monsinjur **Anton Gauci** sar Dekan tal-Kapitlu, post vakat bil-mewt ta' Monsinjur Carmelo Scicluna.
- Monsinjur **Girgor Vella** sar Kantur tal-Kapitlu, post vakat bil-ħatra ġdida ta' Monsinjur Anton Gauci.
- Monsinjur **Ġużeppi Azzopardi** sar Teżorier tal-Kapitlu, post vakat bil-ħatra ġdida ta' Monsinjur Girgor Vella.

  Dawn it-tliet ħatriet saru b'votazzjoni kapitulari nhar is-19 ta' Mejju, 2005.
- Monsinjur **Franġisk Debrincat** sar monsinjur effettiv tal-Kapitlu, post vakat bil-mewt ta' Monsinjur Carmelo Scicluna, b'effett mill-24 ta' Lulju, 2005. Monsinjur Debrincat twieled fil-ħara tal-Munxar, parroċċa Ta' Sannat, fl-1934; kien ordnat qassis fl-1960; vigarju parrokkjali Ta' Sannat bejn is-snin 1965-1973; kappillan tal-parroċċa Ta' Kerċem bejn is-snin 1973-2004; u monsinjur kuġitur ta' Monsinjur Tumas Curmi fl-2004.

  Nifirħulhom ilkoll u nawguralhom ħidma fejjieda u disintessata b'riżq il-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

IL-MATRIĊI TA' SANTA MARIJA KIENET KOLLEĠĠJATA LEJN IS-SENA 1445

minn
Monsinjur Joseph Bezzina
Kap tad-Dipartiment ta' l-Istorja l-Knisja
Università ta' Malta

L-għeruq ta' l-ewwel Kolleġġjata jmur lura lejn il-21-24 ta' April, 1444. F'dawk il-jiem, il-Papa Ewġenju IV (3•11.III.1431-23.II.1447) ħareġ numru ta' *Brevi*, dokument pontifiċju, favur Frater Joannes, jew Patri Ġwanni, Benedittin, abbati tal-Monasteru ta' San Pawl *fuor le mura*, Ruma. Il-Papa ħatru bħala Viżitatur Ġenerali u Nunzju Appostoliku għar-renju ta' Trinakrija, jiġifieri l-gżira tat-tliet angoli, Sqallija. Sqallija issejħet hekk imħabba l-forma ġeografika tagħha u l-mod kif kienet riprodotta fil-mapep kontemporanji.

1 • Żminijiet imqallba

Malta u Għawdex dik il-ħabta kienu parti mir-renju ta' Sqallija. Nhar it-Tnejn tal-Għid, it-30 ta' Marzu, 1282, qamet rewwixta kbira fil-Belt ta' Palermo, rewwixta msejħa fl-istorja l-Vespri Siċiljani. Effett tar-rewwixta it-tmexxija Anġojjina ta' Sqallija kienet mitmuma u bdiet it-tmexxija ta' l-Aragoniżi. Fi ftit xhur Malta u Għawdex ukoll għaddew minn taħt it-tmexxija Anġojjina għal taħt l-Aragoniżi.

Din il-bidla fit-tmexxija qajla għoġbot lill-papiet li kienu jżommu ma' l-Anġojjini u, b'riżultat, Sqallija u l-gżejjer li jagħmlu magħha kienu mpoġġija taħt interdett. Dan wassal għal ħafna diffikultajiet fil-kura pastorali u fl-amministrazzjoni ekkleżjastika.

Il-qagħda kompliet tiggrava ruħha fis-seklu erbatax. Bejn l-1305 u l-1376, il-papiet ma baqgħux joqogħdu Ruma, iżda Franza. Iktar tard marru b'mod permanenti fil-belt Franċiża ta' Avinjon li rnexxielhom jakkwistaw.

Dan kompla jikkomplika s-sitwazzjoni. L-interdett ingħata u kien irtirat diversi drabi sakemm, wara ħlasijiet ta' somom kbar ta' flus, anki minn Malta, l-interdett kien irtirat għal kollox b'konkordat mar-Re Federiku IV nhar id-29 ta' Awwissu, 1372.

Iżda s-sitwazzjoni fil-Knisja ġenerali reġgħet tgħarrqet ftit wara. Fl-1378, sentejn wara li l-papa reġa' lura Ruma, bdiet dik li fl-istorja tal-Knisja hi msejħa ix-Xiżma tal-Punent. Il-Knisja kienet immexxija mhux minn Papa wieħed, iżda minn tnejn, wieħed residenti Ruma u l-ieħor fil-belt papali ta' Avignon. Bejn is-sena 1409 u 1415, inħatar it-tielet papa li kien joqgħod fil-belt awtonoma ta' Pisa.

2 • Ifeġġu żminijiet aħjar

Ix-Xiżma tal-Punent kienet mitmuma mill-Konċilju ta' Kostanza, meta l-Konċilju, b'mod jew ieħor, neħħa t-tliet papiet u fl-1417 ħatar papa ġdid, Martinu V, li reġa' ġab l-għaqda fil-Knisja.

Din il-paċi fil-Knisja bdiet tiġi riflessa fil-Knejjes partikulari. Imħabba s-sitwazzjoni mwiegħra tas-snin ta' qabel kien hemm ħafna kaos. Xejn inqas il-Knisja ta' Sqallija u fil-gżejjer jagħmlu

www.gozocathedral.org.mt



Id-document tal-Papa Piju II tat-22 ta' Diċembru, 1463, li permezz tiegħu jaħtar lil Dun Andrea Catalano bħala kanonku u d-dinjità ewlenija tal-Knisja Kolleġġjata ta' l-Imqaddsa Verġni Marija tal-Belt ta' Għawdex, djoċesi ta' Malta.

www.gozocathedral.org.mt

magħha, inkluża Malta.

Il-ħatra ta' Frater Ġwanni b'setgħat plenipotenzjali tiftiehem aħjar f'dan l-isfond. Dan id-dokument, kif ktibt fl-editorjal, kien ippubblikat minn Patri Ġorġ Aquilina, Franġiskan Minuri, u Professur Stanley Fiorini fix-xogħol monumentali *Documentary Souces of Maltese History*. Dan il-volum iġib l-isem ta' *Archivio Secreto Vaticano: Cancellaria Apostolica and Camera Apostolica and related sources at the Biblioteca Apostolica Vaticana, 416–1479* (= Documentary Souces of Maltese History IV / Documents at the Vatican 2), Msida 2005. Iġib in-numru 169, paġni 230–234.

Fost is-setgħat mogħtija lill-Abbati Ġwanni kien hemm din li ġejja:

> **appropriandi et assignandi licentiam largiendi necnon tam ecclesias et loca fundanda huiusmodi quam hactenus fundata et dotata in collegiatas ecclesias cum omnibus et singulis insignis et necessariis officinis ac structuris et edificiis ad instar aliarum collegiatarum ecclesiarum erigendi et instituendi**

jiġifieri, fi ftit kliem:

> **jiġi mogħni u mogħti d-dritt jibbenefika kemm knejjes u postijiet li jistgħu jitwaqqfu, kemm oħrajn li huma ġa mwaqqfa, u jeriġihom u jwaqqafhom bħala knejjes kolleġġjali bl-insinji kollha u sa l-inqas wieħed, bl-uffiċċji neċessarji u bl-istrutturi, u bil-binjiet l-istess bħal kolleġġjati l-oħra.**

3 • Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex

Dan id-dokument, kif għidna, nħareġ nhar il-21 ta' April, 1445. L-Abbati Ġwanni probabbilment ma damx ma beda l-vista appostolika tiegħu Sqallija. Din il-viżta ħaditu kemm Sqallija, kif ukoll fil-gżejjer li jagħmlu magħha. Hu nnifsu jew oħrajn deputati minnu ma naqsux li jagħmlu wkoll żjara Malta u Għawdex u hekk kienet mitmuma tajjeb il-missjoni fdath lilu mill-Papa Ewġenju IV.

Il-knisja ewlenija ta' Għawdex dik il-ħabta kienet il-knisja prinċipali tal-Belt ta' Għawdex, knisja ddedikata lil Santa Marija. Disa' snin qabel din il-vista appostolika, nhar il-15 ta' Ottubru, 1435, Nuncio de Epsicopo (Nuzzu Piscopo), Għawdxi twajjeb, ħalla offerta favur din il-knisja fit-testment tiegħu. Il-knisja jirreferi għaliha bħala l-Matriċi ta' Santa Marija tat-*Terra*, jiġifieri tal-Belt u l-gżira ta' Għawdex. Dan ifisser li kienet matriċi tat-tliet parroċċi l-oħra li kien hemm Għawdex dik il-ħabta: Santa Marija ta' Savina (jew ta' Taħt), San Ġakbu, u San Ġorġ. Jissemmew dejjem f'din l-ordni fid-dokumenti tas-snin ta' wara.

Il-Matriċi ftit snin wara kienet ukoll Kolleġġjata. Dan ifisser li fil-Matriċi kien b'mod regulari jiltaqa' grupp ta' qassisin, li jissejħu kanoniċi, biex flimkien jirreċitaw jew ikantaw l-Uffiċċju Divin. Dan nafuh minn dokument ieħor importanti ppubblikat minn Aquilina u Fiorini (*Documentary Souces*, IV/2, numru 199, paġni 271–274).

Meta l-Matriċi saret kolleġġjata għadna ma nafux. Iżda nafu b'ċertezza li nhar it-22 ta' Diċembru, 1463, il-knisja Matriċi kienet ilha snin kolleġġjata. Dak inhar, il-Papa Piju II ħatar lil Dun Andrea Catalano bħala kanonku u d-dinjità ewlenija tal-

> **Collegiate Ecclesie Beate Marie Terre Gaudisii Meleviten[e] diocesis**

jiġifieri:

> **tal-Knisja Kolleġġjata ta' l-Imqaddsa Verġni Marija tal-Belt ta' Għawdex, djoċesi ta' Malta.**

Dun Andrea kien talinqas it-tieni qassis li kien qiegħed jokkupa d-dinjità ewlenija tal-Kolleġġjata. Kien infatti

www.gozocathedral.org.mt

qiegħed jieħu l-post tal-mejjet Dun Raymundus Navarra. Kemm kien ilu Navarra f'din il-kariga ma nafux; lanqas nafu jekk kienx l-ewwel wieħed li okkuppa din il-kariga.

Nafu iżda li ż-żmien imqalleb li minnu għaddiet il-Knisja fis-snin ta' qabel ma tantx kien propizju għat-twaqqif ta' kolleġġjati. Xhieda ċirkustanzjali għalhekk iġiegħel lil wieħed jaħseb li l-Kolleġġjata ta' Santa Marija twaqqfet b'effett tal-vista appostolika ta' l-Abbati Ġwanni Sqallija u l-gżejjer li jagħmlu magħha.

4 • Ħjiel tal-kolleġġjata medjevali

Ħjiel li l-Matriċi ta' Santa Marija setgħet kienet kolleġġjata sa miż-żminijiet medjevali kelli u kelli iktar minn wieħed. Iżda qatt ma ażżardajt nagħmel din l-asserzjoni mingħajr prova dokumentata ċara.

(1) L-aqwa ħjiel joħroġ mill-benefizzji u mit-testmenti relatati ma' Għawdex ta' qabel l-Assedju ta' Għawdex tas-sena 1551. F'dawn is-sorsi hemm dokumentati kemm għotjiet għall-quddies u kemm benefizzji favur il-Matriċi. Lejn is-sena 1545, kien hemm xejn inqas minn disgħa u għoxrin qassis jaqdu dmirijiethom fil-Matriċi. It-tliet parroċċi l-oħra flimkien kellhom għaxar qassisin biss. Kien hemm numru daqstant kbir ta' qassisin fil-Matriċi, issa nafu, għax kien hemm kolleġġjata.

(2) Fl-1575, il-Papa Girgor XIII bagħat lil Pietru Dusina bħala Viżitatur Appostoliku Malta. Fir-rapport tal-vista hemm, fost l-oħrajn, inventarju tal-beni mobbli fil-Katidral. Fosthom kien hemm *lo choro consistente in sedi sette per banda*, jiġifieri, kor b'seba' stalli fuq kull naħa (PIETRO DUSINA, Visitatio Apostolica [1575] 419v : *Documentary Souces,* IV/1, paġna 349). Dak iż-żmien, kor bl-istalli ma kienx xi ħaġa komuni. Issa nafu li dan kien hemm għax il-Matriċi kienet ukoll kolleġġjata

(3) Meta żar il-Matriċi fl-1575, Dusina ordna li jinxtraw antifonarju, gradwal, u psalterju (PIETRO DUSINA, Visitatio Apostolica [1575] 108v : *Documentary Souces,* IV/1, paġna 138). Dawn huma tliet kotba kbar li normalment jintużaw fi knejjes fejn kien jitkanta l-Uffizzju Divin. Issa nafu li dawn kellhom iservu għall-kolleġġjata li kien hemm.

(4) Fl-istess vista tas-sena 1575 hemm imsemmi Dun Ljun Pontremoli, benefiċjarju tal-knisja ta' San Ġwann Evanġelista, ir-Rabat. Bħala benefiċjarju kien obbligat *deservire choro Ecclesiae parrochialis* – jiġifieri jipparteċipa fil-kor fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija (PIETRO DUSINA, Visitatio Apostolica [1575] 112r-v : *Documentary Souces,* IV/1, paġna 141). Issa nafu li l-benefizzju tiegħu seta' kien marbut mal-kolleġġjata medjevali.

(5) Fl-istess vista wkoll, Dun Lawrenz De Apapis, Vigarju Foranju u kappillan ta' San Ġorġ, jagħmel riferenza ċara għall-istess kor fil-Matriċi u jgħid li hu bħala sempliċi parruċċan ma kienx jagħmel servizz fil-Kor (PIETRO DUSINA, Visitatio Apostolica [1575] 228r-v : *Documentary Souces,* IV/1, paġna 231). Issa nafu li kien hemm kor għax kolleġġjata, kolleġġjata li kienet ġiet fix-xejn.

Dusina madankollu ma jsemmix li kienet kolleġġjata u lanqas ħolom li jwaqqafha mill-ġdid. Il-qassisin Għawdex fl-1575 kont tgħoddhom fuq is-swaba' ta' id waħda. Il-gżira kienet f'għaks totali. Ma kienx hemm lok ta' kolleġġjata tiffunzjona. Lanqas kien hemm b'min issir. U l-Kolleġġjata medjevali tal-Matriċi ntesiet sakemm grazzi għall-ħidma ta' Aquilina u Fiorini, il-Katidral ta' Għawdex kien regalat b'dokument ta' importanza kbira fl-istorja tiegħu – dokument li 'l quddiem ikun analizzat fit-tul.

www.gozocathedral.org.mt

IL-KNISJA TA' L-ASSUNTA FIL-BELT TA' GĦAWDEX KOLLEĠĠJATA SA MILL-MEDJUEVU

kitba ta'
Anton F. Attard, BA

Dan l-aħħar instab dokument ta' importanza straordinarja għall-Istorja tal-Katidral ta' Għawdex. Instab fl-Arkivju Sigriet tal-Vatikan u ġie ppubblikat mill-Universita' ta' Malta fis-sensiela ta' kotba *Documentary Sources of Maltese History Part IV Documents at the Vatican. No. 2. Archivio Secreto Vaticano: Cancelleria Apostolica and Camera Apostolica and related sources at the Biblioteca Apostolica Vaticana 476-1479,* li l-Edituri tiegħu huma Patri George Aquilina OFM u Stanley Fiorini. Fil-pubblikazzjoni msemmija dan id-dokument importanti jġib in-Nru. 199 u r-riferenza għall-oriġinal hija Reg[istra] Vat[icana] 494, ff. 217rv.

1 • Kontenut

Skond dan id-dokument, fit-22 ta' Diċembru, 1463, il-Papa Piju II ta lill-*familiaris et commensalis* tiegħu, Andreas Catalano, imsejjaħ *Canonico prebendato Collegiate Ecclesie Beate Marie Terre Gaudisii Melevitane Diocesis,* jiġifieri Kanonku bil-prebenda tal-Knisja Kolleġġjata tal-Beata Marija tal-Belt ta' Għawdex tad-Djoċesi Maltija, il-prebenda tad-dieċmi jew l-għexur *(prebenda Decimarum).*

Mela hawnhekk naraw li Andreas Catalano diġa' kellu prebenda fil-Kolleġġjata ta' Għawdex, u l-Papa Piju II, skond dan id-dokument, kien qiegħed jagħtih prebenda aħjar. Din il-prebenda setgħet tingħatalu għax dak li kienet għandu qabel kien miet. Infatti, din il-prebeda kienet ġiet disponibbli bil-mewt tal-prebendarju ta' qabel Raymundus Navarra, *"quam quondam Raymundus Navarra olim ipsius ecclesie prebendarius dum viveret obtinebat per obitum eiusdem Raymundi..",* (prebenda) li l-mejjet Rajmundu Navarra, li qabel kien prebendarju ta' l-istess knisja, li kellu dment li kien ħaj, (li ġiet disponibbli) bil-mewt ta' l-istess Rajmundu".

Din il-prebenda tad-dieċmi jew l-għexur kienet marbuta mad-dinjita' ewlenija li kien hemm fil-Kolleġġjata Medjevali Għawdxija *"... prebenda decimarum Collegiate Ecclesie Beate Marie Terre Gaudisii Melevitane Diocesis QUI INIBI DIGNITAS PRINCIPALIS EXISTIT"* (il-prebenda tad-dieċmi tal-Knisja Kolleġġjata tal-Beata Marija tal-Belt ta' Għawdex tad-Djoċesi Maltija li fiha teżisti dinjita' ewlenija - *l-ittri kbar huma tiegħi*).

2 • Kappillani maġġuri

M'hemm ebda dubju li din id-dinjità ewlenija kienet dik ta' kappillan magguri tal-Kolleġġjata għax kellu d-dritt għad-dieċmi jew l-għexur li żgur dawn ma kinux jinġabru biss mingħand dawk li kienu joqogħdu l-Belt, imma billi Għawdex kien gżira agrikola, dawn kienu jinġabru mill-gżira kollha għax il-Kolleġġjata kienet ta' Għawdex kollu. Milli jidher, wara li l-Kolleġġjata spiċċat, dawn il-premizzji dar għalihom ħaddieħor, u jista' jkun li kien għalhekk li wara nqala' ħafna litigar fuq dawn il-premizzji sakemm il-parroċċa ewlenija ta' l-Assunta reġgħet ħadithom lura. Imma dwar dan jeħtieġ iżjed riċerka.

Mela hawnhekk għandna żewġ ismijiet ta' żewġ Kappillani tal-Kolleġġjata Medjevali ta' Għawdex: Raymundus Navarra u Andreas Catalano. It-tietlu ta' Arċipriet ifakkarni f'dak li kien kiteb l-Isqof Baldassare Cagliares meta ħareġ l-Editt tat-Twaqqif tat-Tieni Kolleġġjata fis-6 ta' Ġunju, 1623. Meta kien qiegħed jitkellem dwar id-dinjita' ta' Arċipriet, qal hekk:

"... u barra dawn is-sitta (il-kanonċi) jkun hemm ukoll il-kappillan ta' l-imsemmija Matriċi, li lilu mil-lum 'l quddiem nagħtu t-titlu ta' Arċipriet bħalma sibnieh imsejjaħ F'HAFNA VISTI U KITBA ANTIKA".[1]

www.gozocathedral.org.mt

For Exclusive Elegant Wear

Beaver

The Fashion Place

2 St George Square, Victoria.
Tel. 2155-1287

FLAMINGO BAR

Pjazza J. F. Kennedy, Victoria, Gozo. - Tel: 553704

Miftuh kuljum mis-7.00 a.m. sat-tard bil-lejl

Special Attractions
- Big Screen għall-football (English Leagues, Italian Leagues and World Cup)
- Surround Speakers Stereo System
- Four Monitors (M.T.V. Music Channel)
- Billiard (American Pool)
- Video Games
- Table Soccer

Snacks
- Ham and Cheese Sandwiches
- Tuna and Salad Sandwiches
- Toasted Ham and Cheese Sandwiches
- Ham and Cheese Ftira
- Pizza
- Light Snacks and Sweets (eg. twisties)

Drinks
- Tea Coffee
- Capuccino
- Espresso
- Soft Drinks
- Beer
- Spirits
- and much more

Naccettaw Parties

See You There!

Ta' Dirjanu

BOTTLE SHOP

Special Prices on beers, soft drinks and spirits for weddings, parties and all other occasions.

St. George's Fief. Victoria. VCT 104 Gozo.
Tel: (+356) 565927. Fax: (+356) 550185.
E-mail: agiusbottleshop.com

Company reg. no. c17560. VAT reg. no. 1344 - 0007

Hair-Tech Salon

by SARAH

City & Guilts Diploma (U.K.)

Gedrin Street,
Victoria, Gozo.

Tel: 2155 4490 / 2156 3319

www.gozocathedral.org.mt

Ma nistax ngħid għal liema viżti u liema kitbiet antiki kien qiegħed jirreferi Cagliares, u fejn kienu jinsabu dawn il-kitbiet. Imma bis-sejba tad-dokument tal-Kolleġġjata Medjevali, dawn il-kelmiet jagħmlu aktar sens u juru kemm hi ħaġa ħażina li wieħed jitfa' d-dubju fuq kitbiet antiki.

Huwa minnu li fi żmien it-Torok inqerdu ħafna dokumenti, imma jkolli ngħid li l-akbar qerda saret meta twaqqgħet il-Knisja l-Qadima wara t-terremot ta' l-1693 u nbniet il-Knisja l-ġdida li għandna llum fuq disinn ta' Lorenzo Gafà. Din tlestiet fl-1711.

Is-sejba tad-dokument tal-Kolleġġjata Medjevali jurina wkoll li t-titlu ta' Matriċi mogħti lil din il-knisja sa mill-antik, ma kienx titlu frivolu jew sempliċement għax il-knisja kellha xi kappelli oħra jmissu magħha bħal fil-każ ta' Bir Miftuħ, in-Naxxar u Ħaż-Żebbuġ. F'Malta kien hemm il-Kaptilu Djoċesan u l-Knisja kienet tissejjaħ Katidral fl-Imdina. F'Għawdex kellna l-Kapitlu Kolleġġjali u l-knisja li kienet tissejjaħ Matriċi fil-Belt ta' Għawdex, kif kien jissejjaħ il-Kastell, għax fil-fatt din il-knisja kienet omm il-knejjes kollha tal-gżira, parrokkjali u m'humiex.

3 • Kolleġġjata medjevali

L-eżistenza tal-Kolleġġjata Medjevali kienet xi ħaġa li ntilfet u ntesiet għal kollox. L-Edituri tad-*Documenatary Sources* kellhom dan xi jgħidu: "... concerning the Gozitan Church, never before has the Church of Sancta Maria on the sister island been referred to as a collegiate and never before there been mention of a tithes prebend pertaining to it. The only vague reference that might have been hinted at the collegiate status (by then apparently lost and totally forgotten) is the sporadic mention of the chorus of the church in Dusina's Apostolic Visitation Report of 1575: *teneatur deservire choro Ecclesia Parrochialis intus Castrum.*"

Dwar dan is-servizz fil-kor, inzid dak li qal Dun Lawrenz de Apapis, kappillan ta' San Gorg: *In quanto allo servitio dello choro io non me ne impaccio perchè non sono se non un semplice parrochiano, et no si fa servitio in choro in questo loco.*[2]

Il-Kolleġġjata Medjevali kienet spiċċat u ntesiet għal kollox. Għaliex ġara dan? Żgur li l-ħbit tat-Torok u xi epidemji tal-mard kissru u ħarbtu l-istruttura soċjali tal-popolazzjoni Għawdxija, hekk li rrendew ħerba totali f'din il-gżira żgħira u bla difiża ta' xejn. Biżżejjed ngħidu li f'dawn is-snin li se nsemmi tas-seklu sittax it-Torok ħabtu għal gżiritna bla ħniena: 1500, 1507,1511, 1525, 1526, 1531, 1540, 1544, 1545, 1546, 1549, 1551, l-Assedju ta' Għawdex.

Fil-ħbit tas-sena 1507 inqabad ilsir mit-Torok ir-Rettur tal-Knisja tal-Lunzjata, Dun Alvaro de Castella,

Fil-ħbit tas-sena 1544 il-Kappillan ta' San Ġorġ Dun Andrea de Sans waqa' lsir tat-Torok u l-Għawdxin qabdu lil hu Dragut u ħarquh fuq is-swar tal-Kastell. Dragut ħalef li jpattiha lill-Għawdxin.

Fis-sena 1500-1501 f'Għawdex qamu x'irvellijiet, għalkemm ma nafux fuqxiex.

Fis-sena 1519 f'Għawdex kien hawn imxija tal-pesta. Dan jgħidu Dr Paul Cassar fil-*Medical History of Malta*,1964, p. 164.

Dawn huma biss ġrajjiet li nafu bihom għax jista' jkun hemm ħafna aktar attakki li ma nżammx tagħrif dwarhom bil-miktub. Barra minn dan, f'bosta kitbiet antiki nsibu riferenzi għal dokumenti mitlufa minħabba l-ħbit tal-Mori jew tat-Torok, mard u diżastri naturali li seħħu matul iż-żminijiet.

Kienu, mela, żminijiet verament koroh u m'għandniex għax nistagħġbu li l-Kolleġġjata Medjevali spiċċat u kull ħjiel dwarha ntilef ukoll.

Imma l-Kolleġġjata kienet xi ħaġa minnha, mhux biss għax issa ġie ppruvat bid-dokument, imma wkoll għax nafu li l-Knisja Matriċi l-antika, skond l-inventarju ta' l-oġġetti mobbli ta' l-istess Knisja magħmul mill-Kappillan jew aħjar l-Arċipriet Dun Leonardu de Cachi fl-Atti tan-Nutar Franġisk Xerri tal-25 ta' Diċembru, 1569, fih jissemma l-kor tal-Knisja l-qadima li kien fih seba' sedji kull naħa, erbatax b'kollox fejn allura 100 sena qabel il-kanonċi tal-kolleġġjata l-antika kienu jagħmlu s-servizz tal-kor.[3] Dak iż-żmien ebda knisja oħra f'Għawdex ma kellha l-kor.

Barra minn dan lanqas ma rridu ninsew insemmu l-ġid kbir li kellha din il-Knisja għal dak iż-żmien, skond l-inventarju ta' beni stabbli anness ma' l-istess rapport tal-viżta ta' Dusina,[4] barra ġid ieħor li seta' nsteraq jew intilef. Hawnhekk ta' min igħid li dari dettalji fil-qosor ta' l-atti notarili ta' artijiet mogħtija b'ċens kienu jinkitbu fuq ġebla u jitwaħħlu ma' xi ħajt ta' xi knisja jew kamra fl-istess raba' biex żgur il-proprjetà ma tintilifx.

www.gozocathedral.org.mt

Azzopardi Auto Centre

Carmel Azzopardi
Director

107, Europe Street,
Victoria, VCT 111, Gozo.
Tel: 2156 4110 Tel/Fax: 2155 3715

OPENING HOURS: 7.30a.m. - 6.30p.m.

Spare Parts Sales for All Cars

Sea View Appartments
For Rent in Marsalforn

www.gozocathedral.org.mt

4 • Teoriji foloz

Issa hawnhekk inħoss li huwa opportun li nsemmi asserzjoni gratwita li saret minn Ġużè Galea (Qassisu) fil-ktieb tiegħu *Malta fl-Imgħoddi*, paġna 99, ktieb li kien ġie ppubblikat mill-Klabb Kotba Maltin. Ngħid gratwita għax Galea ma jagħtix riferenza minfejn ġab it-tagħrif. Dan igħid hekk:

"... fis-sena 1503 il-Knisja ta' Santa Marija, li sadattant kienet tgħaqqdet ma' xi kappelli oħra privati maġenbha, intgħamlet parroċċa u billi kienet stagħniet sewwa mill-benefiċċji[5], bdiet tissejjaħ Matriċi."

Jien kont ikkritikajt bil-qawwa kitba bħal din bħala psewdo-storja, storja falza, għax fil-fatt il-Knisja ta' l-Assunta fil-Kastell kienet ilha ħafna u ħafna snin tissejjaħ Matriċi, u mhux bdiet tissejjaħ hekk dak in-nhar[6].

L-istess għall-kwistjoni ta' meta saret parroċċa. Kienet asserzjoni manifestament banali li tgħid li l-knisja ewlenija tal-Belt ta' Għawdex saret parroċċa fl-1503! Imma Galea, jew għax kien jaf li mhux qiegħed igħid il-verità, jew għax kellu xi ħaġa x'jaħbi, ma ta ebda riferenza minfejn kien ġab din l-informazzjoni.

Issa li ninsabu ffaċċjati b'fatti storiċi li qajla konna nafu bihom, ta' min jistaqsi: Tgħid Galea kien sab xi dokument li fih kien hemm imniżżla is-sena meta spiċċat il-Kolleġġjata u l-Knisja reġgħet bdiet tiffunzjona biss bħala parroċċa? Ikun ta' interess kbir li nkunu nafu kif bdiet u meta spiċċat il-Kolleġġjata Medjevali ta' Għawdex.

F'dan ir-rigward tajjeb li nsemmu li fl-istess ktieb fejn ġie ppubblikat id-dokument imsemmi tal-Kolleġġjata Medjevali ta' Għawdex, hemm imxandar dokument ieħor li jġib in-Nru.169.[7] Dan id-dokument igħid li l-Papa Ewġenju IV ħatar li Patri Johannes, Abbati Benedittin mill-Monasteru ta' San Pawl barra l-ħitan ta' Ruma bħala Viżitatur Ġenerali u Nunzju tal-Papa għas-Saltna ta' *Trinaclia (Sqallija)* b'diversi setgħat fosthom li jwaqqaf u jissupprimi l-kolleġġjati. Dan id-dokument iġib id-data 21-24 April, 1444. Tgħid il-Kolleġġjata ta' Għawdex dak in-nhar twaqqfet? Inkella, jekk kienet teżisti, dak in-nhar il-prebendi żdiedu, naqsu jew baqgħu kif kienu? Hemm xi rapport miktub minn dan il-prelat għoli tal-Knisja? Wara kollox, għamel żjara f'Malta u Għawdex bħalma għamel Dusina fl-1575?

Dawn u mistqosijiet oħra jistgħu jsiru għax id-dokument li nstab m'għandux biss importanza fih innifsu għall-informazzjoni tassew kbira u utli li jagħti dwar l-Istorja tal-knisja ewlenija ta' Għawdex iddedikata lill-Assunta, imma jiswa wkoll biex inqanqal iżjed interess għal aktar tiftix b'riżq l-Istorja glorjuża ta' din il-Knisja.

5 • Kolleġġjata għat-tieni darba

Il-knisja ewlenija tal-Beata Verġni Marija fil-Belt ta' Għawdex kienet reġgħet twaqqfet kolleġġjata mill-Isqof Baldassare Cagliares fis-6 ta' Ġunju, 1623 u kkonfermata minn Ruma fl-1663. Qabel ma Għawdex sar djoċesi separata minn Malta, din il-Kolleġġjata kienet tgawdi fid-djoċesi Maltija t-tieni post wara l-Katidral ta' Malta, u l-ewwel post qabel kull kolleġġjata oħra li kienet twaqqfet jew li setgħet titwaqqaf[8]. Fl-1864 il-Kolleġġjata ġiet suppressa u estinta biex tagħmel wisa' għall-Kapitlu Katidrali ġdid bis-saħħa tal-Bulla *Singulari Amore* tal-Papa Piju IX li permezz tagħha Għawdex sar djoċesi separata minn Malta u l-Knisja tal-Beata Marija fil-Belt ta' Għawdex saret, kif kien jixirqilha, Knisja Katidrali.

---

[1] Ara, *350 sena Kolleġġjata 1623-1973*, p. 13. Il-għoti mill-ġdid tat-titlu ta' Arċipriet ma jfissirx li dan it-titlu verament ma kienx jeżisti, imma din kienet proċedura ġuridika u legali biex żgur wara ma jinqalgħux dubbji u kwistjonijiet. Dan ifisser li l-Istorja hi ħaġa, u l-proċedura skond il-liġi hi ħaġa oħra. Waħda m'hix kontra l-oħra, imma kumplimentari.

[2] Ara, *Documentary Sources of Maltese History Part IV No. 1, Dusina's Report*, p. 231.

[3] Ara kopja ta' l-inventarju f'*Documentary Sources of Maltese History Part IV No. 1*, p. 349. fejn insibu miktub: *Item lo choro consistente in sedi sette per banda.*

[4] *Documentary Sources of Maltese History Part IV No. 1, Dusina's Report*, pp. 359-360.

[5] **"Stagħniet sewwa b'ħafna benefiċċji"**, tgħid għax dan il-ġid, li qabel kien tal-prebendi, issa sar tal-parroċċa għax il-Kolleġġjata kienet spiċċat?
Hawnhekk ta' min jinnota li l-istess kittieb kiteb ukoll taħt il-psewdonimu "Malta fl-Antik" fil-ġurnal *Telstar u l-Berqa* ta' l-4 ta' Ġunju, 1969 u l-5 ta' Awissu, 1970 u ħarġiet oħra ta' dik il-ħabta, imma xorta waħda baqa' ma tax riferenza waħda minfejn kien ġab l-informazzjoni.

[6] Ara *350 sena Kolleġġjata 1623-1973*, pp. 18-28, Godfrey Wettinger, "Il-Ġrajja Bikrija tal-Knisja Matriċi ta' Għawdex"

[7] Ara *Documentary Sources of Maltese History Part IV No. 2, Archivio Secreto Vaticano*, pp.230-234.

[8] Ara Ġużeppi Farrugia, *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu, It-Tieni Ktieb, 1953*, p. 37, "Dan il-Kapitlu, wara l-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta, imissu fid-Djoċesi kollha l-ewwel post, qabel il-kolleġġjati l-oħra kollha diġa' mwaqqfin u li għad jiġu mwaqqfin. Fis-sena 1703 sar fil-Katidral ta' Malta s-sinodu u l-kanonċi tagħna, għalkemm kien għad ma kellhomx l-ilbies ta' kanonċi, ħadu l-anzjanita' lill-Kanonċi ta' Birkirkara." Illum dan il-Kapitlu m'għadux wieħed kolleġġjali, imma Katidrali, kaptilu ta' grad ogħla, u d-differenza hi simbolizzata mil-lewn tal-mazza kapitulari, lewn id-deheb.

www.gozocathedral.org.mt

www.gozocathedral.org.mt

L-ARĊIPRIET SAVERIO CASSAR
mitejn sena minn mewtu
1805 - 16 ta' Diċembru - 2005

kitba ta'
Monsinjur Joseph Bezzina

Nhar is-16 ta' Diċembru, 2005, jaħbat għeluq il-mitejn sena mill-mewt ta' Saverio Cassar, Arċipriet tal-Matriċi; Mexxej tal-Għawdxin kontra l-Franċiżi; l-ewwel wieħed li talab għat-twaqqif tad-djoċesi ta' Għawdex; u Gvernatur-Ġenerali ta' Għawdex. L-Arċipriet Cassar hu wieħed mill-ftit eroj Għawdxin. Minkejja dan, sal-lum għad ma għandux monument. Nisperaw li din l-ingratitudni miegħu tal-Knisja Għawdxija u tat-tmexxija ċivili tal-gżira tintemm meta iktar tard din is-sena, kumitat imwaqqaf fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jinawguralu monument fi Pjazza Indipendenza.

1 • Arċipriet tal-Matriċi

Saverio Cassar twieled fil-ħâra ta' Għajnsielem, parroċċa tan-Nadur, nhar id-29 ta' Diċembru, 1846, u kien mgħammed in-Nadur. Studja fl-Università *La Sapienza,* Ruma, minn fejn kiseb dottorat fit-Teoloġija. Kien ordnat qassis Ruma minn Francesco Mattei, patrijarka ta' Lixandra, nhar it 30 ta' Marzu, 1771.

Il-Papa Klement XIV ħatru arċipriet tal-Knisja Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex fl-20 ta' April, 1773, meta kellu sitta u għoxrin sena. Laħaq arċipriet flok zijuh, Dun Ġakbu Galea, hu ommu, li rriżenja mill-kariga, aktarx biex jagħmel wisa' lil neputih. Dak iż-żmien Cassar kien għadu l-Università Ruma.

L-Arċipriet Cassar għammed għall-ewwel darba fil-Matriċi nhar is-7 ta' Ottubru, 1773. Iktar tard reġa' mar Ruma aktarx biex itemm l-istudji tiegħu. Tant li ħa l-pussess ta' l-arċipretura bil-prokura nhar is-6 ta' Diċembru, 1773. Kien lura għal kollox Għawdex fil-bidu ta' Ġunju 1774. Mill-1 ta' Jannar, 1775, inħatar ukoll provigarju għal Għawdex. Fi żmien li Malta u Għawdex kienu djoċesi waħda b'isqof wieħed, hu kien jirrappreżenta lill-isqof ta' Malta ġewwa Għawdex.

Nhar id-29 ta' Diċembru, 1784, nhar għeluq sninu, il-Granmastru Emmanuel de Rohan (1775–1797) ħatru konsultur Teologu tiegħu (Valletta, Librerija Nazzjonali, Arkivju ta' l-Ordni, *Liber Bullarum* 589 (1784) 332r – ħajr Winston Zammit). Permezz ta' din il-ħatra hu kiseb diversi privileġġi, fosthom post ta' unur f'ċermonji ta' l-Ordni. Dan il-fatt juri kemm Cassar kien miġjub anki mill-mexxejja ċivili tal-gżira.

2 • Mexxej kontra l-Franċiżi

L-arċipriet Cassar wera l-kapaċitajiet kbar tiegħu bħala mexxej tul il-perjodu mqalleb ta' l-okkupazzjoni Franċiża ta' Malta.

Napuljun Bonaparte okkuppa 'l Malta u Għawdex nhar il-10 ta' Ġunju, 1798. Il-Maltin u l-Għawdxin mill-ewwel ħadu l-Franċiżi fuq demm id-dars. U nhar it-2 ta' Settembru, imxebbgħin mit-tmexxija kapriċċjuża tagħhom, qamu kontriehom. L-Għawdxin għamlu l-istess fi ftit sigħat. Il-Franċiżi beżgħu u ngħalqu fiċ-Ċittadella u fil-Forti Chambray.

Nhar l-4 ta' Settembru, b'att legali magħmul għand in-Nutar Giovanni Cassar, it-tmexxija ta' Għawdex għaddiet f'idejn l-Arċipriet Saverio Cassar. Imbagħad nhar it-18 ta' l-istess xahar, tlaqqa' għall-ewwel darba l-Kungress ta' Għawdex. Kienu rappreżentati r-Rabat u l-irħula kollha. Cassar kien formalment elett Mexxej ta' Għawdex u Kemmuna.

L-Għawdxin fil-bidu, issieltu weħidhom; iktar tard kienu megħjuna mill-Ingliżi li offrewlhom armi u munizzjon ħalli jkunu jistgħu jkomplu l-imblokk. Nhar l-24 ta' Ottubru, l-Ammiral tal-flotta Ingliża, Sir Horatio Nelson wasal 'l barra mill-Imġarr, Għawdex. Tard fil-għaxija fl-istess jum, l-Arċipriet Saverio Cassar iltaqa' ma' Nelson fuq il-frejgata *Vanguard.* Kienet l-ewwel laqgħa uffiċjali ta' Malti ma' Nelson.

www.gozocathedral.org.mt

la femme

Ladies, teenage and
child boutique

Main Gate Street,
Victoria, Gozo, Malta.
Tel: 2156 6327 / 2155 8886
Fax: 2156 4215
Mob: 9947 0114

MERCIECA
GLASS & IRONMONGERY

Mirror & Glass Polishing,
Key Cutting.

Frank Mercieca
54, Kercem Road, Victoria,
Gozo, VCT 104.
Tel:21556987 – Fax:21557027
fmglass@keyworld.net Mob: 99804152

www.gozocathedral.org.mt

Il-Franċiżi magħluqa f'Chambray kien ilhom li ħarbu mil-lejl tas-16-17 ta' Settembru. Dawk taċ-Ċittadella fehmu li kien għalxejn li jibqgħu jirreżistu. Nhar it-28 ta' Ottubru, 1798, ċedew l-armi u mmarċjaw taħt għassa Ingliża lejn frejgata. L-Ingliżi tellgħu għal ftit il-bandiera *White Ensign* fuq it-torri ta' San Ġwann fiċ-Ċittadella. Iżda l-għada niżżluha u minflokha ttellgħet il-bandiera tar-Re ta' Sqallija.

Nhar id-29 ta' Ottubru, 1798, l-Ingliżi formalment għaddew it-tmexxija tal-gżira lill-Arċipriet Saverio Cassar. Għawdex ma' Kemmuna saru Protettorat autonomu fir-Renju ta' Sqallija u anki f'dak ta' Napli għax dak iż-żmien dawn ir-renji kienu taħt l-istess Re.

3 • Għawdex Djoċesi

L-għada, it-30 ta' Ottubru, 1798, l-Arċipriet Saverio Cassar kiteb l-iktar ittra importanti f'ħajtu – talba formali lir-Re Ferdinandu III ta' Sqallija biex iressaq petizzjoni quddiem il-Papa Piju VI ħalli Għawdex ma' Kemmuna jinqatgħu djoċesi għal rashom.

It-talba saret lir-Re għal żewġ raġunijiet: bit-tluq tal-Kavalieri ta' San Ġwann, il-gżejjer kienu reġgħu għaddew formalment taħt is-saltna ta' Sqallija; u r-Rejiet ta' din is-saltna, bi privileġġ mogħti lilhom mill-Papa Urbanu II fl-1098, kellhom dritt li jipproumovu t-twaqqif ta' djoċesijiet fis-saltna tagħhom. L-aħħar kelma kienet tal-Papa, iżda, irraġuna Cassar, jekk ir-Re ikun favur, il-Papa m'hux se jmur kontra x-xewqa tiegħu.

Kif il-petizzjoni twasslet Palermo, il-Belt Kapitali tar-Renju Sqalli, ingħatat lill-Arċisqof Alfonzo Airoldi, konsulent ewlieni tar-Re għall-ħwejjeġ ekkleżjastiċi. Għalkemm kien sema' b'Għawdex ma kellu ebda ħjiel tal-gżira u qatt ma basar li kienet ġiet daqshekk 'il quddiem. Meta qies kollox, l-Arċisqof Airoldi qatagħha li jmexxi t-talba ta' Cassar. F'memorandum qasir lir-Re, hu kiteb ċar u tond: *Il-gżira ta' Għawdex hi tali li jixraq illi l-Maestà Tiegħu, fil-ħniena kbira Tiegħu, juża d-drittijiet Sovrani Tiegħu, u jilqa' t-talba Lilu magħmula.*

Il-qima li bija kien miżmum Cassar, flimkien mal-ħidma għaqlija ta' l-ambaxxatur ta' Għawdex ġo Palermo, l-Avukat Frangisk Pace, għenu mhux ftit biex it-talba tibqa' miexja 'l quddiem. Iżda minħabba l-gwerer tar-Rivoluzzjoni Franċiża u l-fatt li l-Papa Piju VI kien jinsab arrestat Franza, it-talba ma setgħetx tiġi kkunsidrata minnufih.

Nhar il-5 ta' Settembru, 1800, Malta u Għawdex għaddew taħt il-protezzjoni ta' l-Imperu Ingliż u l-petizzjoni ta' Cassar sfat fix-xejn. Din il-ħolma kellha sseħħ sitta u sittin sena wara.

4 • Gvernatur-Ġenerali ta' Għawdex

L-Arċipriet Saverio Cassar beda jmexxi 'l Għawdex u l-Kemmuna bħala Gvernatur-Ġenerali nhar id-29 ta' Ottubru, 1798, jiġifieri minn meta l-Ingliżi għaddewlu t-tmexxija ta' Għawdex. Mexxa b'għaqal kbir.

Iżda fid-19 ta' Awissu, 1801, l-Ingliżi warrbuh mill-kariga bla kliem u bla sliem. Emmnu lil min fesfes f'widnejhom li Cassar kien ixaqleb wisq lejn ir-Re ta' Sqallija u forsi seta' jittradihom.

Dan ma kienx biżżejjed. Għamlu inkjesta kriminali ħalli mingħalihom jikxfu irregolaritajiet tul it-tmexxija tiegħu bħala Gvernatur-Ġenerali. Għarrilhom, iżda Cassar baqa' taħt l-umiljazzjoni li ġarrab.

Hu miet bniedem diżappuntat nhar is-16 ta' Diċembru, 1805.

Għawdex u l-Knisja Għawdxija huma midjunin ma' Cassar. Biċċa minn dan id-dejn nittamaw li jitħallas bil-monument li hu maħsub li se jinkixef f'ġieħu. Jixraq ħafna wkoll li fil-Katidral issir tifkira dejjiema tiegħu f'għeluq il-mitejn sena minn twelidu.


Die xvj. [illegible]
[illegible] et [illegible] Don Xaverius Cassar [illegible]
[illegible] et [illegible] Don Xaverius Cassar Archipresbiter [illegible] in Sepulcro Archipresbiterorum.

Ir-reġistrazzjoni tal-mewt ta' l-Arċipriet Saverio Cassar fir-reġistri ta' l-imwiet tal-parroċċa tal-Katidral.

www.gozocathedral.org.mt

TASTY OPTIONS

Bar & Restaurant

Carlos & Maria De Gouveia

Marina Street, Marsalforn,
Island of Gozo - Malta.
Tel. 2155 9730 Mob. 9986 6669

**Restaurant with a difference
Traditional Styles of cooking from Desitinations around Europe.**

Good Cooking come from the Heart!

"Tax-Xelina"

For exclusive Men's Fashionwear & Footwear

92, Palm Street, Victoria, Gozo.
Tel: 2155-4719

www.gozocathedral.org.mt

150 SENA MINN META L-WIRJA TA' SANTA MARIJA KIENET ORGANIZZATA AĦJAR

Il-Wirja ta' Santa Marija kienet organizzata għall-ewwel darba b'mod professjonali lejlet u nhar Santa Marija 1855. Din is-sena għalhekk, jaħbat għeluq il-mija u ħamsin sena minn dan l-avveniment storiku.

1 • Wirja spontanja

Il-Wirja ta' Santa Marija tmur lura talinqas sas-sena 1738. Fi djarju kontemporanju miżmum fl-arkivju tal-Biblijoteka Nazzjonali ta' Malta nafu li dik is-sena kienet saret wirja ta' prodotti u ħxejjex fit-Taraġ tal-Belt, it-taraġ li mill-pjazza tat-Tokk kien iwassal sa quddiem il-pont li kien hemm jaqsam il-foss taċ-Ċittadella.

In-nies mill-bidunett sejħulha **Il-Wirja ta' Santa Marija.** Kienet wirja tikber minn sena għall-oħra. Il-Wirja baqgħet issir anki wara l-1800, meta Malta u Għawdex għaddew taħt l-Ingliżi.

Fl-1851, il-Maġġur Ġenerali Sir William Reid laħaq Gvernatur ta' Malta. Fix-xhur ta' qabel laħaq gvernatur, hu kien membru tal-kumitat li kien qiegħed jorganizza dik li fl-istorja ingliża hi magħrufa bħala l-*Great Exhibition of London* tas-sena 1851. Meta ġie Malta kien mimli ħeġġa halli jara jagħmilx xi ħaġa simili f'dawn il-gżejjer. Immaġinaw l-istagħġib tiegħu meta kien mgħarraf li għal iktar minn mitsena, l-għawdxin kienu b'mod spontanju jagħmlu **Il-Wirja ta' Santa Marija.**

2 • Wirja organizzata

Il-Gvernatur dlonk beda jaħdem biex jorganizzaha fuq linji professjonali u waqqaf kumitat apposta. **Il-Wirja ta' Santa Marija** saret għall-ewwel darba b'mod professjonali lejlet u nhar Santa Marija 1855. Sir William haqqu għalhekk it-tifħir ta' kulħadd għall-ħidma tiegħu biex iġib 'l quddiem il-prodott agrikolu Għawdxi.

Iżda kull ħaġa bl-imma tagħha. Meta ġew biex jagħtuha isem uffiċjali qatgħuha li ma jħalluhiex tissejjaħ iktar **Il-Wirja ta' Santa Marija.** Dan l-isem tal-Madonna kien jagħti fastidju mhux żgħir lill-mażuni li bihom kienet impestata Malta dik il-ħabta. Għalhekk, biddlulha isimha u sejħulha minflok *The Gozo Agricultural and Industrial Exhibition*, il-Wirja tal-Biedja u Snajja'.

Rebħa kbira tal-mażunerija u tal-kolonjaliżmu ta' l-Ingliżi. Ma kinitx din xi eċċezzjoni! Il-Belt Valletta l-istess għamlu. Strada San Kristofru, saret Christopher Street; Strada San Giovanni, John Street u l-kumplament. Iżda kienet rebħa pirrika, għax minkejja li għaddew mija u ħamsin sena, in-nies hekk għadha ssejjilha. Tkun Ħal-Tartarni, fl-inħawi tal-Buskett, limiti ta' Ħad-Dingli, jew Binġemma, limiti ta' l-Imġarr, u tisma' l-bdiewa Maltin igħidulek li sa jmorru għall-**Wirja ta' Santa Marija.** Tkun il-Wied ta' San Blas, limiti tan-Nadur, jew il-Lunzjata, limiti Ta' Kerċem, u tisma' l-bdiewa Għawdxin jgħidulek li qegħdin inkabbru l-prodotti għall- **Wirja ta' Santa Marija.**

Il-mażunerija u l-kolonjaliżmu Ingliż, minkejja l-qawwa u s-setgħa tagħhom ma rnexxilhomx joħonqu t-tradizzjoni.

3 • Wirja li tibqa' Ta' Santa Marija

Attwalment, hemm min qiegħed jagħmel ħiltu halli jnessi li din il-Wirja hi l-ewwel u qabel kollox **Il-Wirja ta' Santa Marija.** Fil-kitba u fl-intervisti, l-isem oriġinali tal-Wirja qiegħed sistematikament jitħalla barra. Iżda minkejja l-Ingliżi u minkejja dan, din tibqa' dejjem **Il-Wirja ta' Santa Marija.**

www.gozoathome.org.mt

Unbeatable Prices!...Buy one now



- LATEST TECHNOLOGY
- FREE ON SIGHT CONSULTATION
- GUARANTEED AFTER SALE SERVICE

- THE NEW GREE COMES WITH: 410A ECOLOGICAL & OZONE FRIENDLY GAS

GREE
Your perfect choice!

JOSEPH TABONE
48 Dun Pawl Micallef Street, Victoria, Gozo.
Showroom: Fountain Street, Fontana, Gozo.
Tel: 21 554 658, 21 555 970, Mob: 9982 2677, 7926 1524

IN-NISEL TA' L-ARMA TA' GĦAWDEX

kitba ta'
Victor J. Galea

Il-portulan Venezjan ta' nofs il-ħmistax-il seklu li ħareġ A. Pertusi fir-rivista *Byzantinische Forschungen* ta' l-1977, fuq Marsalforn jgħidilna hekk: "... Marsalforno se è cavo de barche a tuti venti fuora che a forte tramontana. La cognosenza se è tal chi vien ver Cecilia vedi lo Gozo in tre monti; lo mezani se è mazior, sovra 'l qual se è uno Castel di Molta zioè del Gozo. E quando tu ti aproximerà a quela, tu vederà due faragloi on terra" u jibqa' sejjer jgħidilna x'hemm fil-port ta' Marsalforn.

Mela min ikun ġej lejn Marsalforn min-naħa ta' Sqallija, 'l Għawdex jarah qisu kien tliet muntanji. Il-muntanja tan-nofs hi l-ogħla waħda u fuqha hemm mibnija il-Belt ta' Għawdex.

Din id-dehra ta' Għawdex għan-nies tal-baħar l-antiki kienet tixbah lil dik ta' Malta, billi l-portulan jgħidilna li min ikun ġej minn Sqallija min-naħa tal-grigal lil Malta wkoll jaraha qisha kienet tliet muntanji: il-Mellieħa fil-punent, fil-lvant l-Għargħar filwaqt li fuq tan-nofs, x'ħin toqrob, hemm il-Belt il-Qadima ta' Malta.

1 ▪ It-Tliet Muntanji

Biss filwaqt li għal Malta jgħidilna liema kienu t-tliet muntanji, għal Għawdex, ħlief tan-nofs, ħalliena bħal Erbgħa fost il-ġimgħa. B'xorti tajba, f'artiklu fil-*Melita Historica* ta' l-1986, G. Z. Maempel kiteb fuq T.A.B. Spratt (1811-1888) u l-kontribut tiegħu dwar il-ġeoloġija ta' Malta, insibu skizz tal-profil ta' Għawdex li mill-inħawi ta' Wied il-Mielaħ jgħaddi għaż-Żebbuġ, ix-Xagħra, in-Nadur u jispiċċa ż-Żewwieqa.

F'dan il-profil meħud min-naħa tal-baħar 'il barra minn Marsalforn għax fih il-Wied ta' Marsalforn bejn wieħed u ieħor f'nofsu jidher sew. Jidhru wkoll it-tliet muntanji ta' Għawdex, did-darba msemmija. Fuq il-lemin ta' min ikun ġej bil-baħar jidher iż-Żebbuġ, bil-muntanji li jdawruh, jiġifieri d-Dabrani, ta' Kuljat mal-Ħarrax u ta' Ġurdan qishom kienu ħaġa waħda, filwaqt li fuq ix-xellug hemm ix-Xagħra u n-Nadur, ukoll qishom ħaġa waħda. Dan jiġri għax kemm ix-Xagħra u kemm in-Nadur fuq wara joħorġu lejn xulxin, bin-Nuffara tagħlaqhom.

Fin-nofs imbagħad, hemm, il-Belt ta' Għawdex inċim l-oħrajn bil-Wied ta' Marsalforn jifriha kemm mix-Xagħra u kemm miż-Żebbuġ, billi l-Wied ta' l-Infern bilkemm jidher marsus bejn iż-Żebbuġ u d-Dabrani, muri b'naqra ta' sinjal kif soltu juru l-widien fuq mappa, filwaqt li l-Wied ta' Marsalforn muri bil-kitba fejn il-Belt u x-Xagħra.

2 ▪ L-arma l-qadima t'Għawdex

Issa Dun Franġisk Agius (1712-1770), li kiteb l-Istorja t'Għawdex, jgħidilna li l-Università ta' Għawdex, jiġifieri l-gvern ta' Għawdex, minn dejjem kellha u għad għandha l-arma tagħha tliet muntanji suwed f'kamp, jiġifieri fi sfond, tal-fidda, b'kuruna tad-deheb fuqha. Mela t-tliet muntanji ta' l-arma tagħha huma dawk kif wieħed jara 'l Għawdex hu u ġej min-naħa ta' Sqallija pruwa għal Marsalforn, għax hekk biss tara l-Belt ta' Għawdex fin-nofs, kif wera sew il-portulan, ktieb għal idejn il-kaptana tal-baħar, f'nofs il-ħmistax-il seklu u l-Kaptan Spratt fid-dsatax-il seklu, bniedem li għadda ħajtu fuq il-baħar, ikejjel u jqejjes, sa ma laħaq viċi-ammirall.

Billi kulħadd jaf li l-muntanji ta' Għawdex għandhom il-qċaċet ċatti u m'humiex għolja bil-bosta, tant li tista' ssejħilhom ħotob, it-tliet muntanji ta' l-arma ta' Għawdex, qishom tliet ħobżiet, magħmulin baxxi bil-qċaċet ġejjin fil-wisa' għat-tond, skond l-użanza fl-eraldika, huma l-aħjar mod kif wieħed għandu juri l-arma ta' Għawdex illum, bil-kliem ta' Torquato Tasso (1544-1595): *giace Malta occulta e bassa,* f'moħħna għax fuq kollox isem gżiritna Kalipso jfisser il-Moħbija.

www.gozoathenaeum.org.mt

"Tax-Xelina"

For exclusive Men's Fashionwear & Footwear

92, Palm Street, Victoria, Gozo.
Tel: 2155-4719

Zammit Aluminium Ltd.
'Private Alley', Fountain Street, Fontana, Gozo.
Tel / Fax: 554058.

Wasalt biex taghmel l-aperturi ta' l-ALUMINIUM u tixtieq ikollok l-ahhar teknologija bl-ahjar kwalita' u b'xoghol mahdum professjonali?

Aħna b'20 SENA ESPERJENZA noffrulek dan kollu:
- *Double glazing* b'kull tip ta' ħġieġ kemm *PLAIN* u *BID-DISINN*
- Sandblasting fuq ħġieġ ta' l-aperturi jew tal-*cupboards* tal-kċejjen u anki fuq mirja
- Sistema ġdida tal-P4 u Export 60
- *Moveable Louvers*
- *Roller/Vertical Blinds*
- Soffitti u *PVC Folding Doors*
- Disinni ta' l-Aluminium addattati għall-*gates* u poġġamani minn kull kulur, tajbin ħafna għal djar rustiċi b'dehra tal-ħadid bla ma jkullok bżonn żebgħa
- Bibien tal-*garages* galvanizzati u wkoll bir-*remote control*.

Ghal aktar informazzjoni u stima b'xejn ċemplu:
21554058

www.gozocathedral.org.mt

L-Arma oriġinali ta' Għawdex kif tidher fil-manuskritt ta' l-istorja ta' Għawdex ta' Ġ.P.F. Agius de Soldanis

Fl-eqdem armi li baqgħalna Għawdex narawhom sew dawn it-tliet muntanji telgħin minn qiegħ l-iskut jiġifieri tarka, bil-quċċata għat-tond u l-ġnub neżlin għad-dritt. Fost dawn l-armi l-aħjar li hemm insibuha l-Għajn il-Kbira. Arma oħra tajba kienet tinsab il-Banka mal-faċċata l-qadima li saret fi żmien il-grammastru Vilhena (1722-1736). Minn din l-arma li għadha tidher biċċa minnha biss, kif tidħol il-Banka tal-lum għad fadal iż-żewġ muntanji ta' taħt għax tan-nofs tajruha biex għamlu s-saqaf, meta żiedu dik il-biċċa ġejja għat-tond fuq quddiem, biex skond kif jingħad, il-kapitlu tal-Katidral hu u nieżel purċissjoni San Ġorġ, ikollu jeħodha bid-dawra biex jidħol is-suq.

F'armi oħra qodma li għandna mal-faċċata tal-Qorti u l-ħabs il-Qadim tal-Belt ta' Għawdex, il-qċaċet m'humiex ġejjin għat-tond, donnu min naqqaxhom kien xi ħadd ibigħ il-ħaxix, li b'sikkina kbira qagħad inaddaf kaboċċċa mill-weraq. Imma l-armi ma jurux hekk. L-istess l-armi li hemm fuq il-bieb tal-Banka fuq in-naħa ta' barra min għamilhom kien sajjem mill-araldika u għamel tliet blatiet li fihom kienu bdew jispuntaw il-qrun.

3 ▪ Żvilupp mill-iktar Infeliċi

Fl-armi l-qodma ta' Għawdex dejjem naraw it-tliet muntanji mqassma tnejn fuq quddiem imissu ma' xulxin bit-tielet waħda fin-nofs warajjhom ħarira ogħla mit-tnejn l-oħra, sew sew kif insibu fil-poturlan. M'hemmx baħar taħthom bħalma hemm fis-siġill ta' l-Università, avolja dal-baħar kien magħmul skond l-araldika, jiġifieri għaddej imewweġ bħal dak ta' l-arma li kien għamel il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex u llum narawh f'xi armi bħal tat-Triq ta' l-Għajn u Għajnsielem.

B'xorti ħażina għalina l-Għawdxin, fl-1876, id-duttur Nikola Zammit qabad u biddel l-arma antika ta' Għawdex f'kartolina li jixtru t-turisti. L-oxxenità li ħarġet mill-garigori ta' moħħu ma titwemminx; mhux biss il-fidda tal-kamp inbidlet f'sema ikħal imma l-muntanji ċċaqalqu 'l fuq biex taħthom deher il-baħar li jdawwarhom u għaġeb ta' l-għeġubijiet, il-muntanji saru qishom l-Alpi, qisha l-Iżvizzra nibtet f'nofs il-Mediterran. Xi stambekk jew kamoxx jixxabbat magħhom kien jonqos. Sfortunatament aħna l-Għawdxin mhux biss aċċettajna din id-daħka f'wiċċna imma biż-żmien tfaċċat ukoll kewkba fis-sema kaħlani, li xi ħadd biex iżid id-doża dilettanteska ġie li żidilha x-xuxa, biex forsi jfisser ix-xorti ħażina li dejjem messet lilna l-Għawdxin f'idejn il-barrani.

Meta Pietru Pawl Castagna (1824–1907) ħareġ *L-Istorja ta' Malta bil Gżejjer tagħha* fost affarijiet oħra qabbad lil wieħed qassis kunjomu Calleja biex pinġa l-armi ta' l-Ibliet ta' Malta u Għawdex.. Tgħidx kemm qagħad attent biex l-armi ta' l-ibliet ta' Malta għamilhom skond is-sengħa, imma f'ta' Għawdex tgħidx x'waħda fin-niexef żelaq. Castagna qal sew li l-arma ta' Għawdex kienet tarka tal-fidda bi tliet muntanji suwed fiha, imma qal li muntanji kienu f'wiċċ il-bħar, għax il-baħar kien idur ma' Għawdex. Għalhekk it-tliet muntanji sabu ruħhom f'nofs it-tarka flok fil-qiegħ. Il-muntanja tan-nofs flok fuq wara u daqs it-tnejn l-oħra tpinġiet daqs tliet darbiet akbar mit-tnejn l-oħra u ħdejhom. Barra minnhekk min pinġieha minn għalih qed jagħmel qassata għax imlielhom il-qċaċet bil-pizzi, qiesu qed jgħmlilhom il-qarsiet mad-dawra biex il-wiċċ jaqbad mal-qiegħ u l-ħaxu tal-ful, bajd u ġobon jibqa' ġewwa! Ma jonqosx ukoll li l-muntanji jixħtu dellhom fil-baħar!

4 ▪ Il-bidu ta' l-arma tat-*Terra* u l-Gżira ta' Għawdex

L-arma ta' Għawdex, bħall-arma ta' Malta, hi l-arma tal-Komun jew Università, jiġifieri l-

www.gozocathedral.org.mt

Coney Island Bar

Jawguraw il-Festi t-Tajba lill-klijenti tagħhom...

13, Sir Adrian Dingli Street, Victoria

Forestals
(APPLIANCES) LTD.

Silhouette
THE LIGHT SHOP

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo
Tel: 21551234, Fax: 21552737

Your new property in Gozo will give you more satisfaction when you know you have the smartest available:

Light fittings from SILHOUETTE - The Light Shop
Domestic Appliances from FORESTALS - always better.
Free estimates, deliveries and connection of appliances

www.gozocathedral.org.mt

L-Arma definittiva ta' Għawdex approvata f'Diċembru 2004: tliet għoljiet ta' lewn iswed, b'tan-nofs kemm xejn ikbar, telgħin minn baħar raffigurat minn sitt faxex immewġin.

Gvern ta' Għawdex, immexxi mill-ħaken u erba' ġurati, qabel ma ġew il-Kavalieri ta' San Ġwann u ħatfu r-riedni ta' Malta u Għawdex f'idejhom. L-universitajiet ta' Malta u Għawdex ħallewhom, ta' Malta bil-ħakem b'kollox imma ta' Għawdex fl-1551 ħadlu postu kavallier bħala gvernatur. L-Ordni ħalliet dawn biss għall-isem u baqgħu sa ma ġew l-Ingliżi, li fi żmien Maitland lanqas isimhom ma ħallew. Għalkemm la l-Ordni u lanqas l-Ingliżi ma kienu rebħu lil Malta u 'l Għawdex f'xi gwerra, xorta jgħodd għalihom, l-qawl latin: *Vae Victis!* Imsieken il-mirbuħin!

L-armi tal-Belt u tal-Gżira ta' Malta u tal-Gżira u l-Kastell ta' Għawdex kellhom mill-inqas mis-sena 1398, meta l-Parlament ta' Sirakuża qata' darba għal dejjem liema kienu l-kumuni tad-demanju reġju tas-sultan ta' Sqallija. Malta u Għawdex kienu għadhom kemm ħarġu minn żmien it-Tiranni, jiġifieri l-kontijiet jew markiżi ta' Malta Chiaramonte, Moncada, u l-familja Alagona u nhar is-sebgħa u għoxrin ta' Novembru ta' l-1397 ir-Re Martinu ż-Żgħir qiegħed taħt il-ħakma diretta tiegħu. Meta kien għadni l-Liceo konna ngħidu li din kienet it-tieni inkorporazzjoni, biss illum nafu li kienet ta' l-anqas il-ħames waħda għax qabilha kien hemm ta' l-Imperatriċi Kostanza, ta' binha Federiku t-Tieni, tar-Re Pietru ta' Aragona u tar-Re Ludoviku ta' Sqallija fl-1350.

5 ▪ Għeluq

Jien nemmen, li, bħalma Dun Karm kiteb li l-bandiera Maltija jridha bajda u ħamra biss, bħall-arma ta' l-Università ta' l-Imdina, hekk ukoll għandha tibqa' dik tat-*Terra u l-Gżira ta' Għawdex*, meta aħna wkoll kellna l-Università tagħna. Għalhekk għandha tibqa' bi tliet muntanji suwed fuq sfond tal-fidda u xejn aktar. M'għandu jkun hemm ebda logħob dilettantesk magħha u wisq inqas tmessis ta' xi ħadd li jqattar il-għerf. Niftakru dejjem li dan wirt li ħallewlna missirijietna u għandna ngħadduh bla mittiefes lil ta' wrajna.

© Victor John Galea
Ir-Rabat ta' Għawdex
3 ta' April, 2005

Great reductions on school bags- up to 50% OFF

PLAYPEN

Toys & Stationery

30, Main Gate Street, Victoria, Gozo. Tel: 2156 1107

Toys, Gifts & Novelities, Cards for all Occasions
Designer Satchels & Accessories, New Back to School Stock just arrived,
Coloured & B&W Photocopy, Binding & Lamination
Goggles & Flippers & Swimming Aids.

www.gozocathedral.org.mt

joe grech
photographer

GVP

Keep Memories
of your special occasions

- *Photography & Video Productions for any occasion*
- *Digital Prints: Colour/ Sepia/ B/W Laminating & Canvas*
- *Digital Video Filming Digital Editing*
- *DVD Authoring transfer from VHS to DVD*
- "Ave Maria", St. Leonard Str. Victoria - Gozo Tel: 2155 4056 9926 8784
- email: joe@joegrech.com Website: www.joegrech.com

Ta Dolindo
George Farrugia
fi Pjazza San Ġorġ

Għal isbaħ għażla ta deheb isfar u abjad ta' 18 il-karat.
Ftaħna ħanut tal-fidda 925 Sterling bieb ma' bieb mal-ħanut tad-deheb.
Issibu l-isbaħ u l-orħos għażla ta' Souveniers ta' Preċett, Griżma u Tiġijiet

www.gozocathedral.org.mt

SAĊERDOTI LI TAW SEHEMHOM FIL-KNISJA MATRIĊI TA' GĦAWDEX BEJN L-1800 U L-1830

kitba ta'
Winston L. Zammit BA(Hons) P.G.C.E. M.A.

Matul it-tiftix tiegħi, matul dawn l-aħħar ħdax-il sena ltqajt ma' ismijiet ta' diversi saċerdoti, li bejn is-snin 1800 - 1830, taw is-servizz tagħhom fil-Knisja Matriċi. Għaldaqstant ħsibt biex nippubblika dan il-ftit tagħrif dwarhom biex it-tifkira tagħhom ma tintesiex.

Se nibda l-ewwel bi tliet saċerdoti li kellhom il-kariga t'Arċipriet fil-Knisja Matriċi bejn l-1800 - 1848, u wara nagħti tagħrif dwar 18 -il kanonku u żewġ saċerdoti oħra.

Tliet Arċiprieti

1. **Kan Giovanni Maria Gauci.** F'April ta' l-1805, meta kellu l-kariga ta' kanonku Penintenzier "*di ecclesia S. Matrici Chiesa*", Dun Giovanni Maria, kellu wkoll il-kariga tar-Rettur tal-Kulleġġ ta' l-Edukazzjoni li kien hemm imwaqqaf fil-gżira ta' Għawdex [(1)] flimkien ma' Dun Mario Buttiġieġ [(2)]. Bħala Rettur ta' dan il-Kulleġġ, il-Penitenzier Gauci kien ukoll responsabbli mill-Amministrazzjoni finanzjarja tal-Kulleġġ [(3)].

Wara l-mewt ta' l-Arċipriet F. S. Cassar li seħħet f'Diċembru 1805, il-Penitenzier Gauci ġie maħtur Arċipriet tal-Matriċi u ħa l-pussess fit-12 ta' Marzu 1807. L-Arċipriet Gauci li ġie deskritt bħala saċerdot umli u viġilanti, miet fil-kariga t'Arċipriet fis-27 ta' Frar 1814 u ġie midfun fil-Knisja Matriċi[(4)].

2. **Kan Feliċ Mizzi.** Il-Kan Feliċ Mizzi kien saċerdot li ta kontribut kbir kemm fil-qasam pastorali u fil-qasam ta' l-Edukazzjoni kemm tal-kjeriċi u taż-żgħażagħ.

Fl-1802, meta diġà kellu l-kariga ta' kanonku lettur fil-Knisja Matriċi, wara talba li saret minnu, inħatar mill-Kummissarju Ċivili Alexander Ball biex jagħmel il-priedki ta' l-Avvent (1803) u tar-Randan (1804) fil-Knisja Matriċi[(5)]. Fl-1805 insibu li kellu l-kariga ta' Direttur tal-Fratellanza tad-Duluri mwaqqfa fil-Knisja ta' San Ġakbu tat-Tokk [(6)] u fl-1809, ġie maħtur mill-Isqof Mattei biex imexxi l-Oratorium Clericorum, li kien twaqqaf minnu fl-istess knisja, biex iħejji ż-żgħażagħ Għawdxin għas-Saċerdozju [(7)].

Fl-1811, ġiet fdata f'idejh kariga oħra, meta flimkien ma' Dun M. A. Refalo, ġie maħtur Rettur tal-Kulleġġ t'Edukazzjoni li kien hemm fil-gżira ta' Għawdex [(8)]. Wara konkors li sar għall-Arċipretura tal-Knisja Matriċi, fl-1815, wara l-mewt ta' l-Arċipriet Gauci [(9)], Dun Feliċ ġie nominat Arċipriet tal-Matriċi u ħa l-pussess fis-27 t'Awissu 1815. L-Arċipriet Mizzi li kien illawrjat fit-Teoloġija, kien saċerdot għaref, latinista tajjeb, bniedem fabbli u idejh miftuħa mal-foqra. Fl-1822, inħatarlu bħala kuġitur in-neputi tiegħu Dun Fortunato Cutajar. Dun Feliċ miet fis-26 ta' Frar 1826, u ġie midfun fil-Knisja Matriċi[(9)].

3. **Kan Fortunato Cutajar.** Dun Fortunato Cutajar għamel l-istudji tiegħu għas-saċerdozju fis-Seminarju ta' Malta [(10)] u ġie ordnat saċerdot fil-21.XI.1816 [(11)]. Fl-1817 meta kellu l-kariga ta' Viċi-Parroku fir-Rabat, ġie maħtur mill-Gvern biex jippriedka l-Avvent (1816) u r-Randan (1817) fil-Knisja Matriċi. [(12)] Fl-1822, ġie maħtur Kuġitur ta' zijuh l-Arċipriet Mizzi u fl-istess sena reġa' nħatar mill-gvern biex jerġa' jippriedka fl-Avvent (1822) u r-Randan (1823) fil-Knisja Matriċi. [(13)] Wara l-mewt ta' zijuh sar Arċipriet, u ħa l-pussess f'Marzu 1826. Saċerdot paċifiku, maħbub u predikatur magħruf. Miet fil-kariga fl-1848 u ġie midfun fil-Knisja Matriċi. [(14)]

Saċerdoti oħra

Aquilina, Kan Giovanni Maria. Ġie nominat Kanonku tal-Matriċifl-1818. [(15)]

www.gozoathalaorg.mt

For your Shopping
convience and value
on Groceries
shop at

St. Mary Supermarket

Pope John Paul II Street, Victoria, Gozo.
Tel: 21551025

DIGITAL Prints

DVD AUTHORING
COLOUR PHOTOCOPYING

From your Digital Camera:
Smart Media - CD - Diskette

CPM
CORDINA PHOTO MARKET
laboratory

CORDINA PHOTO MARKET

34, Main Gate Street, Victoria, Gozo tel: 21 556270 / cpmimaging@yahoo.com

1 HOUR PHOTO DEVELOPING & PRINTING

www.gozocathedral.org.mt

Bondì, Kan Salvatore. Twieled fl-1790 u ġie ordnat saċerdot f'Diċembru 1816 u ġie maħtur ċeremonier tal-Knisja Matriċi. [16] Wara l-mewt tal-Kanonku Giovanni Maria Cauchi, li seħħet fl-4 ta' Mejju 1817, l-Isqof Mattei bagħat rakkomandazzjoni Ruma biex dan il-kanonikat vakanti jingħata lil Dun Salv Bondì li kien jikkunsidrah bħala "il più meritevole ad ottenerlo" [17] . Fil-fatt Dun Salv ġie maħtur Kanonku fl-1819. Minbarra li kien kanonista u moralista, Dun Salv kien ukoll arkitett u fost ix-xogħlijiet tiegħu nsibu l-faċċata l-ġdida tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ fir-Rabat li nbiet mill-ġdid (1815-1816) u l-pjanta tal-Knisja Parrokkjali l-ġdida tax-Xagħra. Il-Kan Bondì miet fil-21.VII.1859. [18]

Cassar, Kan. Dekan Ġużeppi. Għamel l-istudji tiegħu għas-saċerdozju fis-seminarju ta' Malta. Meta kien għadu Kjeriku fl-1819 diġà kellu d-dinjità ta' Dekan, fi ħdan il-kapitlu tal-Matriċi.[19] Ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1815 [20].

Cauchi, Kan. Giovanni Maria. Kanonku tal-Matriċi, miet fl-4 ta' Mejju 1817. [20]

Cauchi, Kan. Ġużeppi. Ġie maħtur Kanonku fl-1818.[21]

Curmi, Kan. M. Ġie maħtur Kanonku Penitenzier mill-Kapitlu wara li fl-1817, il-Kan Penitenzier Gauci ġie promoss għad-dinjità ta' Arċipriet tal-Matriċi. [22]

Cutajar, Kan. M. A. Membru ta' l-Ordni Ġerosolmitan.[23] Kien diġà Kanonku tal-Matriċi fl-1814, u sa Jannar ta' l-istess sena kien responsabbli mit-tqassim tal-karità f'Għawdex. [24] Fl-1811 opta u ħa Kanonikat ieħor.[25]

Ellul, Kan. Gio Batta Kien Malti [26], u ġie ordnat saċerdot fl-1808. [27] Kien Kanonku tal-Matriċi.[28]

Grech, Kan. Ġużeppi. Ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1808 [29]. Fl-1814 kien diġà kanonku u kellu l-kariga ta' Prokuratur tal-Knisja Matriċi.[30]

Gauci, Kan. Publio. Ġie ordnat saċerdot fl-1804, meta kien diġà kanonku tal-Matriċi. [31]

Grech, Kan. Salvatore. Kien kappillan tal-Parroċċa ta' Sannat bejn 1779 u l-1810. Maħtur kanonku tal-Matriċi fl-1810, miet f'din il-kariga lejlet il-Milied ta'l-1818. [32]

Grima, Kan. Nikol. Wara li kien Viċi-Parroku fir-Rabat, ġie maħtur Kanonku tal-Matriċi. [33]

Mifsud, Kan. Ġużeppi. Ġie nominat Kanonku tal-Matriċi fl-1779. [34]

Mizzi, Kan. Lwiġi J.U.D. Ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1818 [35]. Fil-bidu tas-snin 20 tas-seklu 19, kien jgħallem fil-Kulleġġ ta' l-Edukazzjoni li kien hemm f'Għawdex, iżda rriżenja minn din il-kariga fl-1823. [36] Kien Viċi-Parroku fir-Rabat bejn l-1824 u l-1825, u wara ġie maħtur Kanonku tal-Matriċi. [37]

Pace, Kan Salvatore. Ċeremonier tal-Kapitlu, ġie maħtur Kanonku fl-1813, iżda fl-1824 opta u ħa Kanonikat ieħor. Kellu t-titlu ta' ProtoNotarju Appostoliku. [38]

Refalo, Kan. M. Ġie ordnat Saċerdot fl-1804. [39] Fl-1811 ġie maħtur mill-Kummissarju Ċivili Iakes, bħala Rettur tal-Kulleġġ t'Edukazzjoni f'Għawdex, flimkien mal-Kanonku Feliċ Mizzi [40]. Fl-1817 kien diġà Kanonku tal-Knisja Matriċi. [41] *A learned and pious ecclesiastic*, miet fil-5 ta' Settembru 1834, fl-età ta' 54 sena. [42]

Refalo, Kan Publiju. Kien Kanonku tal-Matriċi meta fl-1807, ġie maħtur Kanonku Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' l-Għarb. [43]

Vella, Kan. Giov Antonio. Kien diġà Kanonku tal-Matriċi fl-1788 [44]. Kellu l-kariga ta' Kanonku Teologu [45] u wara l-mewt ta' l-Arċipriet Cassar, li seħħet f'Diċembru 1805, ġie maħtur Provigarju għal Għawdex.[46]

Iżda minbarra l-ismijiet ta' dawn-il 21 Kanonku, iltqajt ukoll ma' l-ismijiet ta' żewġ saċerdoti oħra, li bejn 1810 u l-1830 taw is-servizz tagħhom fil-Knisja Matriċi. Dawn kienu Dun Ġużepp Galea, li fl-1805 kellu l-kariga ta' Sagristan fil-Knisja Matriċi [47], u Dun Mikiel Grima li kellu l-kariga ta' ċerimonier tal-

www.gozocathedral.org.mt



BOOKWORM STATIONERY

Republic Street, Victoria (hdejn il-B.O.V.)

Il-Fatti jitkellmu iktar mill-kliem.

Ejja ara l-varjeta' ta' *items* li ghandna

U l-prezzijiet li noffru.

Tel: 21556215, 21563328

Bookworm Stationery isir il-ħanut favorit tiegħek ukoll.

www.gozocathedral.org.mt

Kapitlu, u li fl-1817 ħa l-pussess ta' kappillan tal-parroċċa taż-Żebbuġ (Għawdex). [48]

1. A(rkivju) N(azzjonali) M(alta), PS/02/1, Ara lill-Imħallef Vergittimi u n-Nutar Ġużeppe Bondi Cauchi 10.IV.1815
2. ANM, Nomina d'impieghi. Decreti di Sac Ecc. Dalli 31.VII.1802 - 31.VII.1808 pg47. Dun Mario ġie maħtur Rettur fl-14.XI.1801.
3. ANM, PS/02/1. Ittra lil Vergittimi u Bondi Cauchi, 10.IV.1805.
4. A. Ferris, *Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo*, (Malta 1866) p550.
5. N(ational) A(rchives) G(ozo), SG, L-1 lettera 1803 - 1804 ara taħt 9.XI.1802.
6. P.G. Pisani, *Dokumenti dwar Dun Saverio Cassar u l-Imblokk tal-Franċiżi*, 1798.
7. J. Bezzina, *Religion and Politics in a crown colony. The Gozo Malta Story 1798-1864* (Malta 1985) p123. Dan l-arkivju baqa' jagħti servizz sal-1861.
8. ANM, PS/01/3, ittra lill-Kan. Mizzi u Dun M.A. Refalo 27.X.1811 pg261. Dun Feliċ baqa' fil-kariga ta' Rettur sakemm miet fl-1826 (A.N.M. csg/04/8 Ittra lill-logotenent Gvernatur Ottu Bayer 21.III.1826.
9. A. Ferris, op. cit. 550
10. ANM, PS/01/04, ara taħt Ġunju 1817
11. J. Calleja, Ordinazzjonijiet Saċerdotali, 1800 – 2000 (Malta 2001) p9.
12. ANM, csg 04/4. Ittra lil Dun Fortunato Cutajar 4.X.1817 pp 175,176.
13. A. Ferres, op.cit p550. A.N.M. csg 04/7 Ittra lil Dun Fortunato Cutajar 4.X.1822, p49.
14. A. Ferres, op. cit. p550.
15. Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.
16. N. Vella Apap, Il-Kan Dun S. Bondi (1790 – 1859) Festa San Ġorġ Għawdex 1987, p69.
17. A(rkivju) K(atidral) M(alta), MISC 204 f 151R
18. N. Vella Apap, Il-Kan Dun S. Bondi (1790 – 1859), op. cit. 69, 71, 73.
19. F. Bonnici, For Service Alone, Malta 2003, pp147, 148, 151.
20. J. Calleja, op.cit, p8.
21. AKM, Misc 204 f151R
22. D(evot) T(a') M(arija) 1892 p143.
23. Ibid. p89
24. A(rkivju) N(azzjonali) M(alta), PS/01/1 Ittra lill-Kan Cutajar, Għawdex 23.I.1804.
25. D.T.M. 1894 p89.
26. Ibid p90
27. J. Calleja, op. cit. p6.
28. D.T.M., 1894, p90.
29. J. Calleja, op. cit. p6.
30. N(ational) A(rchives) G(ozo), K.G. 188(13) Mandat 24.IX.1814.
31. J. Calleja op. cit. p5.
32. J. Bezzina, *Sannat fi ġrajjiet Għawdex*, 1989, p276, 277, 302.
33. D.T.M. 1894 p122
34. Ibid. pg 89.
35. J. Calleja, op. cit p10.
36. ANM, csg/04/7 Letter to Lt. Col. J. O Bayer 23.V.1823, p253.
37. A. Bonnici, *L-Isla* Vol.III, Malta 1991, p132.
38. D. T. M. 1894 p89, 122.
39. J. Calleja op.cit, p5.
40. ANM, PS/01/3 Ittra lill-Kan. Feliċ Mizzi u Dun M.A. Refalo 27.X.1811, p261.
41. AKM. Misc 204 f151R
42. M(alta) G(ov.) G(azzetta) 17.IX. 1834
43. A. Ferris, *Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo*, Malta 1866, p581.
44. P. Pisani, op.cit.
45. J. Bezzina, Sannat fi Ġrajjiet Għawdex, op. cit. p305.
46. J. Bezzina, L-Almanakk Għawdxi 2005, pp9-10.
47. ANM, Petitions A43(12) P238
48. A. Ferris, *Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo* op. cit. p605.

Paradise Property

5 Sir Adrian Dingli Street,
Victoria, Gozo, Malta.

Tel: (+356) 2156-6680/1/2 Fax: (+356) 2156-6679
Mobile: (+356) 7946 9597, 9982 9759, 9987 5951

info@paradisepropertymalta.com | www.paradisepropertymalta.com

www.gozocathedral.org.mt

BARGATE
BOOKSHOP
VICTORIA - GOZO
For all your stationery needs. . .
G. Borg Olivier Str., Victoria.
Tel: 2155-8645 Mob: 9944-7625

For Fresh Fruits, Vegetables, and for the best Sheep's Pepper Cheese, Dry and Fresh also Capers and Dried Tomatoes

VISIT

JOE SCHEMBRI' STORE

"Tal' Midliel
at 6 St. Joseph Streeet,
Victoria, Gozo.
Mobile: 79591527
Tel: 2155-7284

www.gozocathedral.org.mt

Il-Għid ta' l-Assunta

Il-Għid ta' l-Assunta xtaqet tfakkar b'suppliment speċjali xi avvenimenti importanti li ġraw dan l-aħħar. L-ewwel fosthom il-ħatra tal-Kardinal Joseph Ratzinger bħala il-265 papa tal-Knisja Kattolika nhar id-19 ta' April, 2005.

Joseph Razinger twieled Marktl am Inn, djoċesi ta' Passau, Ġermanja, nhar Sibt il-Għid, 16 ta' April, 1927, u kie mgħammed fl-istess jum. Missieru kien pulizija u ommu ħadmet ta' koka fir-ristoranti ta' fuq il-lag Chiem, fil-Bavarja ta' Isfel. Għex żgħożitu fiż-żminijiet diffiċli tan-Nażiżmu.

Kien ordnat qassis nhar San Pietru Pawl, 29 ta' Ġunju, 1951 fi Freising. Nhar il-25 ta' Marzu, 1977, il-Papa Pawlu VI ħatru arċisqof ta' Munich u Freising. Kien ordnat isqof fit-28 ta' Mejju 1977 u għażel b'motto *Koooperaturi fil-Verità.* Fis-27 ta' Ġunju, 1977, inħatar kardinal bit-titlu ta' *Santa Maria Consolatrice al Tiburtino*.

Il-Papa Ġwanni-Pawlu II ħatru prefett tal-Kongregazzjoni tad-Duttrina tal-Fidi u president tal-Kummissjoni Pontifiċja Bibblika u tal-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali fil-25 ta' Novembru, 1981. Irriżenja minn arċisqof fil-15 ta' Frar, 1982. Kien president tal-Kummissjoni Preparatorja tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolka (1986-1992).

Hu beda l-missjoni universali bħala Papa Benedittu XVI, il-Ħadd 24 ta' Mejju.



www.gozocathedral.org.mt

Tislima lill-Papa Ġwanni Pawlu II il-Papa l-Kbir li żar il-Katidral

"Inħossni profondament grat lejn l-Isqof Cauchi tal-kliem ġentili tiegħu ta' merħba; u lejkom ilkoll talli ġejtu hawn illum biex tkunu mal-Papa f'dan il-Katidral sabiħ ddedikat lil Marija Mtellgħa s-Sema. Din il-knisja Matriċi ta' Għawdex u l-knejjes l-oħra sbieħ li għaliha hi magħrufa d-djoċesi tagħkom jerfgħu qlubna u moħħna lejn il-ġmiel etern li hu Alla."

Kien b'dan il-kliem li l-Papa Ġwanni Pawlu II laqa' l-miġemgħa fil-Knisja Matriċi, Kolleġġjata, u Katidrali ta' Għawdex, nhar is-26 ta' Mejju, 1990. Il-Papa li żar il-Katidral ħalla dan il-wied tad-dmugħ b'fama ta' qdusija, is-Sibt, 2 ta' Mejju, 2005, fil-9.38 ta' fil-għaxija. Kont Ġerusalem. Kien il-264 papa fl-istorja tal-Knisja.

Karol Wojtyla twieled Waldowice fil-qalba tal-Polonja,

nhar it-18 ta' Mejju, 1920, bin Karol, għalliem ta' l-iskola u wara uffiċċjal amministrattiv fl-armata, u Emilia Kaczorowska, ħajjata. Tilef 'l ommu fl-1929, meta kellu disa' snin, u missieru miet fl-1941.

Kien student eċċezzjonali u mexa 'l quddiem fl-istudji fost diffikultajiet kbar, l-ikbar fosthom l-okkupazzjoni tal-Polonja min-Nażisti. Kien ordnat qassis fl-1 ta' Novembru, 1946, f'Wawel. Tnax-il sena wara, fl-4 ta' Lulju, 1958, il-Papa Piju XII ħatru isqof awżiljarju. Il-Papa Pawlu VI nnominah arċisqof ta' Krakovja fit-13 ta' Jannar, 1964. L-istess Papa ħatru kardinal fis-26 ta' Ġunju, 1967. Kien elett suċċessur ta' Pietru nhar is-16 ta' Ottubru, 1978. Beda l-missjoni universali tiegħu nhar it-22 ta' Ottubru.

Hawnhekk jidhru tliet mumenti miż-żjara tiegħu fil-Katidral.

Mons. Arċidjaknu Giovanni B. Gauci u l-mibki Arċipriet Carmelo Scicluna joffru rigal lill-Papa. Ir-rigal riproduzzjoni tat-titular ta' l-Assunta, xogħol ta' Pawlu Camilleri-Cauchi jidher hawn taħt, flimkien ma' ittra ta' ringrazzjament għal dan ir-rigal bil-firma ta' Giovanni Battista Re, Sostitut tas-Segreterija ta' l-Istat.

SECRETARIAT OF STATE

FIRST SECTION - GENERAL AFFAIRS

FROM THE VATICAN, 6 July 1990

No. 263.580

My Lord Bishop,

I am writing at the direction of the Holy Father to express his gratitude for the picture of the Assumption presented by the Cathedral Chapter on the occasion of his pastoral visit to Gozo. He wishes the members to know that he appreciates this kind gesture and will remember them in his prayers. In the love of Jesus Christ, the Saviour of the world, he cordially imparts his Apostolic Blessing.

Yours sincerely in Christ.

+G. B. Re
Substitute

The Right Reverend Nikol Cauchi
Bishop of Gozo
Chancery Office
Republic Street
Victoria
Ghawdex



IL-*PARKING* TAL-KATIDRAL

impressjoni artistika ta' kif għad ikun jidher il-*parking* tal-Katidral meta l-MEPA, il-*Malta Environment and Planning Authority*, jogħġobha toħroġ il-permessi meħtieġa.

Min-naħa tagħna

- lestejna l-pjanti kollha ...
- għamilna l-*environment impact assessments* mitluba kollha ...
- ħallasna eluf ta' liri Maltin taxxi lill-MEPA ...

Minkejja dan, il-permessi tal-MEPA biex nibdew il-proġett għadhom ma ngħatawx.

www.gozocathedral.org.mt



www.gozocathedral.org.mt

Ġeru...
fid-dar fejn m...
u fil-qab...

Mons. Joseph Bezzina mas-seminaristi tal-Katidral quddiem is-Santwarju tad-Dormizzjoni (fuq); mal-mafkar fejn skond it-tradizzjoni mietet il-Madonna (taħt); quddiem is-Santwarju fuq il-qabar tal-Madonna (lemin, fuq); u mal-qabar tal-Madonna (lemin, isfel) - ritratti meħuda mis-seminarist Michael Curmi.

Hadd il-Għid 2005 kien jum speċjali. Is-Seminaristi Għawdxin, fosthom it-tliet seminaristi tal-parrocca tal-Katidral, Maximillian Grech, John Mejlaq, u Ġorġ Merċieca, flimkien mas-superjuri u xi għalliema tagħhom, fosthom Monsinjur Bezzina, tlaqna minn Malta lejn l-Art Imqaddsa, il-postijiet fejn twieled, għex, u miet Kristu u fejn twieldet, għexet, u mietet ommu l-Verġni Mqaddsa Marija.

Għalina membri tal-parroċċa tal-Katidral, il-qofol tal-vista ntlaħaq is-Sibt, 2 ta' April il-jum li fih iktar tard miet il-Papa Ġwanni Pawlu II. Dak inhar żorna l-iktar żewġ postijiet għeżież għad-devoti tal-Madonna.

Is-Santwarju tad-Dormizzjoni

Il-post fejn il-Madonna raqdet għal dejjem jinsab fuq l-għolja ta' Sijon ġewwa knisja neo-Romaneska mibnija u ffinanzjata mill-Kajżer Wilhelm II tal-Germanja. Hi mmudellata fuq il-famuż katidral ta' Aachen, il-Ġermanja, il-katidral li fih kienu jiġu nkurunati l-imperaturi ta' l-Imqaddes Imperu Ruman. Il-kampnar u l-koppla bejn erba' turretti żgħar jiddominaw lil Ġerusalemm.

It-tradizzjoni li Madonna ħadet l-aħħar nifs f'dan il-post tmur lura għas-seklu erbgħa. Għad jeżistu fdalijiet ta' knisja tas-sitt seklu li bi żmien waqgħet. Din il-knisja tmiss ma' wieħed mill-eqdes postijiet għall-Kristjaneżmu iċ-Ċenaklu fejn Ġesù waqqaf l-Ewkaristija awl il-lejl qabel ma bata, omm il-knejjes kollha. Il-knisja nbniet mill-ġdid mill-Kruċjati fil-bidu tas-seklu tnax u kienet din li għamlet post għal knisja majestuża li hemm illum.

Fil-kripta tal-knisja hemm skultura ta' l-injam u l-avorju

www.gozocathedral.org.mt

...alemm
...tet il-Madonna
...r tagħha

tirrappreżenta d-*dormitio* jew ir-raqda tal-Madonna. Fuq il-ħitan tal-kripta hemm mużajċi li jirrappreżentaw nisa fl-Antik Testment xbihat tal-Madonna: Eva, Ġuditta, Rut, u Ester.

Il-qabar tal-Madonna u l-post ta' l-Assunzjoni

Tradizzjoni qadima bi sħiħ tiddokumenta li mar-raqda tal-Madonna, l-Appostli niżżlu l-ġisem tagħha minn darha fuq l-għolja ta' Sijon għal qabar fil-bidu tal-wied ta' Ġosofat. Il-post tad-difna tal-Madonna hu ċertament wieħed mill-postijiet l-iktar intimi, l-iktar mistiċi, u l-iktar qaddisa ta' Ġerusalemm. Il-faċċata tad-daħla tal-qabar u 47 targa li minn wara l-bieb il-kbir iwasslu fuq il-qabar tal-Madonna jmorru lura għas-seklu tnax.

Il-kripta forma ta' salib kienet imbaqqna fil-blat mill-Biżantini fis-seklu ħamsa. Il-qabar tal-Madonna jinsab fil-lvant tal-kripta u hu dekorat b'numru ta' ikoni u ornamenti oħra tipiċi tat-tradizzjoni ortodossa Kristjana. Is-servizzi reliġjużi fil-kripta jieħdu ħsiebhom il-Kristjani Griegi, Armeni, Kopti, u Sirjani.

Kien proprju minn dan il-post, skond kitbiet apokrafi antikissimi, li l-Madonna telgħet is-sema bir-ruħ u l-ġisem.

Immorru Ġerusalemm
Esperjenza unika u ta' darba f'ħajtek

Il-parroċċa tal-Katidral qiegħdha tippjana li ttella' pellegrinaġġ Ġerusalemm u l-Art Imqaddsa s-sena d-dieħla, għal bidu ta' Settembru 2006. Iktar dettalji 'l quddiem.

www.gozocathedral.org.mt

Il-qaddisin patruni tal-Belt u l-irħula ta' Għawdex jagħtu qima lill-Marija Mtellgħa s-Sema.

Pittura ġdida fil-koppletta tal-bieb tat-tramuntana fil-Katidral, xogħol ta' Pawlu Camilleri-Cauchi

San Ġorġ - Rabat

S.Ġwann - Xewkija

S.Eliżabetta - Għarb

S.Margerita - Sannat

Sant'Anton - Xagħra

San Pietru - Nadur

S.Fortunatu - Żebbuġ

Anġlu - Għajnsielem

San Ġużepp - Qala

San Girgor - Kerċem

S.Lawr. - San Lawrenz

Sant'Indrija - Fontana

Anġlu - Għasri

San Pawl - Munxar

L-Arkivju Mużikali ta' Ġorġ Mercieca
Maestro di Cappella Mogħti lill-Katidral

kitba ta'
John Meilak

Dun Ġorġ Mercieca twieled ir-Rabat Għawdex fis-26 ta' Ottubru 1826, iben Ġużepp Mercieca u Vinċenza Buħaġiar. Ġie mgħammed fl-istess jum fil-knisja ta' San Ġorġ ir-Rabat mill-Arċipriet Fortunatu Cutajar. Hu twieled, għex u miet fi Pjazza Savina, fl-istess dar li llum iġġib in-numri 26/27 u li dak inhar kienet bin-numri 18/19.

Karriera kapitulari

Il-Kanonku Mercieca kien jagħmel parti mill-kleru tal-Matriċi, fejn fi tfulitu kien iservi bħala abbati. Wara li għamel xi żmien bħala sagristan ta' l-istess Matriċi, fis-sena 1863 sar kanoniku fl-istess knisja: l-ewwel laqgħa kapitulari li attenda kienet dik ta' l-1 ta' Mejju 1863. Hu kien mużiċista magħruf sew. Fid-19 ta' Awissu 1882 l-Isqof Pietru Pace ħatru biex jieħu post id-dirèttur Adriano Lanzon fit-tmexxija tal-kappella mużikali tal-Katidral t' Għawdex meta l-istess Adriano Lanzon ma jkunx jista' jaqdi dmiru u ħareġ ordni biex kummissjonijiet ta' mużika ma jingħatawx ħlief lill-Kan. Mercieca: qabel, Dun Ġorġ kien diġà ġie inkarigat biex jieħu ħsieb li fl-istess kappella mużikali tal-Katidral kollox jimxi sew. Il-Kan. Mercieca għamel żmien sewwa pro-kuratur tal-beni tal-Katidral.

Fis-sena 1884 sar Teżorier, dinjità fi ħdan il-Kapitlu Katidrali li għaliha għamel il-professjoni tal-fidi fit-8 ta'Ġunju ta' dik is-sena. Flimkien ma' l-Aċidjaknu Ġużeppi Mizzi u l-Kanonċi Pawlu Camilleri u Salvu Grech, fit-23 ta' Ġunju 1891 Dun Ġorġ kien inkarigat mill-Kapitlu biex jitolbu lill-Papa Ljun XIII biex l-użu tas-suttana filettata jiġi mogħti b'mod permanenti.

Qassis eżemplari

Dun Ġorġ Mercieca kellu ħuh ieħor qassis, dan kien Dun Ġużepp Mercieca, li kien twieled fis-sena 1831 u kien joqgħod Bormla, fejn kien kurat. Dun Ġużepp inħatar Arċipriet tal-Katidral ta'l-Imdina f'Marzu 1879, u ħa l-pusses fis-26 ta' Ġunju ta' l-istess sena. Fis-27 ta' April 1884 Dun Ġużepp Mercieca ħa l-pusses ta' Teżorier ta' l-istess Katidral ta' Malta. Aktar tard naraw li fi Frar 1889 intgħażel bħala Kantur tal-Katidral u Vigarju Ġenerali ta' l-Arċisqof Pietru Pace. Hu miet fit 22 ta' April 1912 fid-dar tiegħu l-Belt Valletta fl-eta' ta' 81 sena u jinsab midfun fil-Katidral ta' l-Imdina.

Dun Ġorġ kien ta' għajnuna għall-familja ta' oħtu MariTereż u żewġha Mikiel, li kienu jo-qogħdu fl-istess dar ma' Dun Ġorġ, li fost it-tfal ta' oħtu kien hemm Dun Alwiġ. Kienet familja kbira, l-għajnuna tiegħu mhux biss kienet dik finanzjarja, iżda wkoll, u wisq aktar, f'dik li hija edukazzjoni tat-tfal: L-eżempju u l-kelma ta' dan is-saċerdot fid-dar ma' setgħux ma jħallux l-effett fuq it-trobbija tat-tfal u marka fuq il-karttru tagħhom. Kienet familja li telgħet taħt il-ħarsien kontinwu ta' saċerdot u taħt l-għajnejn għaqlija tiegħu. Hu kellu post għall-villeġġjatura li fih kien jinżel għall-mistrieħ hu u l-familja t'oħtu.

Kien wieħed minn dawk li kien iżomm id-djarju tal-ħajja tiegħu. Wara mewtu ħalla tnejn żgur li huma miktuba bit-Taljan u li għadhom jeżistu. Djarji ta' siwi kbir li jixhdu mhux biss fuq il-ħajja personali tiegħu imma anke fuq iż-żmien li fih kien jgħix. Interessanti li wieħed isemmi xi affarijiet li hu niżżel bħal meta Għawdex sar djoċesi. Issib ukoll fuq il-festi u il-mużika li kienet tintuża, Dun Ġorġ baqa' jikteb l-mużika u jidderieġi l-orkestra sa l-aħħar ta' ħajtu. Insibu bosta informazzjoni personali f'dawn id-djarji li hu ħalla fosthom, meta hu f'ismu u f'ħutu xtara qabar minn għand l-Isqof Pietru Pace fil-knisja Katidral, dan kien fl-20 ta'Ottubru 1884. Insibu wkoll annotamenti fuq laqgħat tal-Kapitlu. Insibu wkoll infomazzjoni fuq il-familja l-aktar fuq neputih Dun Alwiġ Vella. Minn dan naraw x'rabta kien hemm bejn iz-ziju u n-neputi. Id-djarju baqa' jiktbu sa għaxart ijiem qabel ma

www.gozoaterdral.org.mt

SCICLUNA
HOUSEHOLD GOODS & CANE FURNITURE
(GOZO) LTD.

The Showcase

...where Giftware means Luxury!

Shops: 11, 30, 32, 72, 101, Palm Street, Victoria, VCT 103.
Tel: 2156 1681, 2155 4137, 2155 6493
Email: sciclunajg@vol.net.mt

SUPERSPECS
opticians

28,Main Gate Street,
Victoria, Gozo.
Tel. 21550099
Tel./ Fax. 21551242
Mob. 99822770



Committed to be the best value opticians offering professional eyecare needs at affordable prices

Dispensing Optician: Mr. Joseph P. Grech F.B.D.O. (Lond)

Herbal Contact Lens Solution

Sun Glasses
Optical Frames
Contact Lenses & Solutions
Sterilising of Contact Lenses

Appointment For Eye Testing and Examination

www.gozocathedral.org.mt



Il-Kan. Ġorġ Merċieċa

miet. Kellu dar Marsalforn għall-villaġġjatura.

Xogħlijiet mużikali

Bħala ħidma mużikali nsibu li sa mill-1880 hu kien imexxi l-mużika fil-festa ta' San Pietru u San Pawl in-Nadur. Kien anke jmexxi f'diversi postijiet, barra il-Katidral kif ġa semmejna, kien imexxi u jieħu sehem fix-Xewkija, fil-festi li kienu jiġu ċċelebrati fil-knisja ta' Santu Wistin ir-Rabat Għawdex. Fost postijiet oħra li hu kien imexxi naraw li hu kien imexxi fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Dun Ġorġ kien kompożitur ta' għadd kbir ta' mużika sagra, kif wkoll insibu li hu kien idoqq vjolin sekond, insibu li hu għamel isem mhux biss f'Malta iżda anke fi Sqallija. Hu kien kull sena jikteb xi ħaġa u dan jidher ċar mill-għadd kbir ta' mużika li hu ħalla warajh.

Mużika ta' Dun Ġorġ insibu kemm fl-arkivju tal-mużika tal-Katdrali, kemm fl-arkivju personali tiegħu, u kemm anke fl-arkivji personali ta' oħrajn. Hemm 28 kompożizzjoni mużikali fl-arkivju tal-Katidral u 37 kompożizzjoni oħra fl-arkivju li hu kellu. Monsinjur Mercieca kellu l-arkivju personali tiegħu li kien għand il-familja Gauci, familjari ta' Mercieca. Dan l-arkivju, miżmum b'għożża kbira u f'kundizzjoni tajba, kien irregalat mill-familja Gauci lill-Katidral fis-sena 2004 biex jitpoġġa ma' dak tal-Katidral u b'hekk dan jista' jkun aktar ta' użu.

Dan l-arkivju jinkludi fih kemm kompożizzjonijiet miktuba minn Dun Ġorġ innifsu kif ukoll dawk ta' surmastrijiet oħrajn. Fost ħafna kompożizzjonijiet insibu minnhom li huma oriġinali u li anke ma ndaqqux. B'kollox insibu 314-il-biċċa barra biċċiet oħrajn li ma humiex sħaħ kollha, huma kollha ta' diversi kompożituri, bħal Francesco Azopardi, Vincenzo Bondi, Vincenzo Bugeja, Paolo Nani, Cesare Vassallo, Flamingo, u oħrajn.

Semmejt li biċċiet minnhom huma oriġinali fost dawn insibu quddiesa sħiħa ta' Francesco Azopardi u l-antifona ***Beatus Georgius*** ta' Flamingo, l-antifona li għadha tindaqq fil-festa ta' San Ġorġ sal-lum. Qiegħed insemmi din l-antifona għax Mons. Mercieca kellu sehem kbir fiha. Peress li hu kien imexxi l-mużika f'San Ġorġ, ħa ħsieb tagħha u infatti l-antifona nkitbet id-dar ta' Dun Ġorġ mill-istess Flamingo; għadha teżisti din il-kamra fl-istess dar u hekk għadha misjuba bħala "l-kamra li fiha nkitbet l-antifona ta' San Ġorġ". Din l-antifona ħallas għaliha s-Surmast Dirjanu Lanzon wieħed mill-fundatur tal-banda "Leone". Kienet għand Dun Ġorġ għax hu kien imexxi l-mużika f'San Ġorġ u hu ħa ħsieb biex tinkiteb, kif ġa semmejna. Dun Ġorġ kellu wkoll sehem fl-antifona ta' Santa Marija *Hodie Maria Virgo* u għadu magħruf għal "Te Deum" li kiteb u li jinsab fl-arkivju tal-Katidral.

Il-Kan.Też. Dun Ġorġ Mercieca miet b'pulmunija fit-28 ta'Frar 1892 fl-etá ta' 66 sena wara li hu kien ilu jqaddes 42 sena. Jinsab mid-fun il-Katidral fl-istess qabar li hu kien xtara u l-fdal tiegħu għadhom hemm. Kien qassis maħbub u twajjeb, dan jixhdu neputih stess Dun Alwiġ f'*Id-Devot Ta' Marija,* faxxiklu li Dun Alwiġ kien Direttur tiegħu.

Biex nispiċċa dan li qiegħed ngħid se nġib preċiż dak li qal Dun Alwiġ f'*Id-devot ta' Marija,* 1982, p.64: "Fit-28 ta' l-istess xahar mar għall-mistrieħ ta' dejjem f'Għawdex ir-Rev. mu Kan. Teżorier D. Ġorġ Mercieca fl-età ta' 66 sena, wara li kien ilu jqaddes 42 sena. Kien saċerdot twajjeb u maħbub minn kulħadd, fommu sieket, umli u karitattiv. Għalkemm ma studjax Malta u barra minn Malta, wasal bl-inġenju tiegħu li jakkwista fama ta' mużika sagra mit-tajbin, kif jagħtu xhieda l-bċejjeċ tiegħu mużikali li nisimgħu fil-festi tal-knejjes tagħna, li ġew ukoll imfaħħrin f'Malta u fi Sqallija. Għalhekk kien joqgħodlu tajjeb l-isem ta' "Maestro di Cappella" tal-Katidral. Kien neputi tal-mejtin kurat ta' Bormla Kan. D. Rosario Mercieca u ta' Partri Teodosio Tereżjan, kien hu l-Vigarju Ġenerali ta' Malta Mons. D. Ġużepp D. D. Mercieca u ziju tal-Kappillan ta' Kerċem D. Ġużepp Vella u tad-Direttur ta' Dar il-Qari, li jitlob lis-soċji kollha biex jiftakru fih fit-talb tagħhom."

Ta' Nisju

for Best shopping

Ladies, Fashion Wear
Teens Casual Wear
Curtains and Carpets

St. George's Square,
Victoria, Gozo.

Tel: 2156-4166
Fax: 2155-6334

VELLA SERVICE STATION

For Self Service Gasoline and fine Car Products

Fortunato Mizzi Street,
Victoria VCT 111, Gozo.
Tel: 2155-6128



Cafe Royal

5, Independence Square,
Victoria, Gozo.
Bar amd Cafeteria

The Place with a warm and friendly atmosphere

Bargain Shop

Tal-Lira Items also available

71, Palm Street, Victoria
tel. 2155-0915

www.gozocathedral.org.mt

IKTAR FUQ IL-PURĊISSJONI TA' SAN GIRGOR

minn
Victor J. Galea

Billi fir-rapport ta' l-ewwel viżta pastorali li kienet saret wara li Għawdex sar djoċesi fl-1864 sibt erba' opinjonijiet fuq il-bidu tal-purċissjoni ta' San Girgor, li waħda minnhom hi ta' interess kbir, deherli li għandi nerġa nikteb xi ħaġa fuqha.

1 ▪ Purċissjoni tifkira

F'dan ir-rapport insibu x'kien kiteb l-Isqof Tumas Gargall, fil-Viżta Pastorali ta' l-1598 fuq il-purċissjoni li kienet issir nhar San Girgor għall-knisja l-qadima ta' Santa Katerina taż-Żejtun. Dan kiteb li kienet issir b'tifkira u b'radd il-ħajr għar-rebħa tal-Maltin fuq il-Mawmettani. Naħseb li l-isqof Gargall kien qed itenni dak li x-xjuħ kienu qalu lil Dusina fl-1575, jekk mhux ukoll dak li kiteb il-Patri Manduca ftit snin wara l-viżta ta' l-isqof Gargall.

Ir-rapport tal-viżta semma wkoll kitba li kien hemm il-kanċellerija ta' l-isqof ta' Katanja tas-sena 1811. Din tgħid li skond xi kitbiet li kienu jinsabu għand xi nies Sqallija, il-purċissjoni ta' San Girgor kienet issir b'wegħda li kien għamel l-isqof Berardu "imħabba l-assedju tat-Torok u tas-Saraċini meta kien deher San Pawl u mħabba l-pesta li kienet ġiet wara li waqfet nhar San Girgor". Issa dan Berardu kien Isqof ta' Mileto, ħabta tas-sena 1095, fejn kien iżomm il-Konti Ruġġieru. B'xorti ħażina fil-kitba ta' dak iż-żmien ma kenux jiddivrenjaw bejn Mileto, belt il-Kalabbrija qrib Reġġju u Melita, Malta. Dan kien kaġun ta' taħwid għal dawk li pprinzipjaw l-ewwel listi ta' l-isqfijiet ta' Malta wara l-1600.

Biss la dan id-dokument kien isemmi l-assedju tas-Saraċini meta jingħad li kien deher San Pawl, dan ma setax kien ħlief l-assedju ta' l-Imdina mill-armata Tuneżina mmexxija mill-Qajd Ridwan fl-1429. Il-pesta li kienet ġiet wara jsemmija r-Re Alfonsu ta' Aragona u Sqallija nhar is-sbatax ta' April ta' l-1431 li jgħid li mħabba l-gwerra tas-Saraċini u l-imxija tal-pesta, il-Maltin kienu waslu f'xifer il-qerda.

Għalhekk jien naħseb li l-kitba li jgħidu li kien hemm Katanja, kienet meħuda mir-relazzjoni li l-Patri Manduca kien għamel lil sieħbu, il-Ġiżwita Ottavu Caetano ħabta ta' l-1608 fejn qal li l-purċissjoni ta' San Girgor kienet bdiet b'wegħda li kienet saret matul l-assedju ta' l-Imdina ta' l-1429, meta l-belt kienet waslet fl-aħħar.

2 ▪ Il-pesta tas-sena 1347

Imma l-iktar opinjoni li hemm fir-rapport tal-viżta pastorali li twassal il-boċċa ħdejn il-likk hi dik li ħa mill-komponiment storiku tal-patri kapuċċin Pelaġju minn ġaż-Żebbuġ, li kien jgħix fl-istess żmien tal-Konti Ciantar u ta' Dun Franġisk Agius. Il-patri Pelaġju Mifsud ħa minn fuq l-istorja ta' Napli ta' Summonte, li, għalkemm hemm xi taħwid fl-annu, jidher ċar li kien qed isemmi x'ġara fl-1347 meta xi ġfien Ġenoviżi, li kienu ġejjin mill-Baħar l-Iswed daħħlu l-pesta Messina li minn hemm ħaduha l-ibliet kollha ta' mal-kosta ta' Sqallija u l-ġżejjer kollha ta' madwarha.

Il-pesta Sqallija bdiet Messina f'Settembru ta' l-1347. Warajha ħaditha Katanja fl-istess xahar u mbagħad matul ix-xahar ta' wara xterdet Sirakuża, Girġenti, Xakka u Trapni. Għalhekk il-pesta Malta daħlet fil-ħarifa ta' dik is-sena mħabba l-kummerċ li kien ikollna bilfors ma' Sqallija.

Wara li jsemmi ħafna għajdut fuq kif kienet tixtered il-pesta, fosthom li kienu jaħtu l-Lhud għax kienu qed jivvelenaw l-arja u l-birien il-patri Pelaġju kiteb, li, skond l-Annali tal-Knisja tal-Kardinal Cesare Baronio għas-sena 1348, il-Papa Kelment Sitta bagħat lill-patri Karmelitan Pjer Tumas, li dik il-ħabta kien Avinjon, lejn il-Lvant jiġifieri l-pajjiżi fil-lvant tal-Mediterran, fejn imnebbaħ, minnu, Alla, wissa biex issir purċissjoni ġenerali, bil-poplu sajjem ħobż u ilma u ħafi u bil-quddies, biex iberrdu l-qilla t'Alla, ħalli jwarrab il-flaġell tal-pesta. Iżid li hekk sar u l-pesta ntemmet.

Minn dan kollu l-patri Pelaġju wasal biex jobsor li, billi l-gżejjer tagħna kien ġralhom bħall-

www.zejtunarchives.org.mt

bqija ta' l-Ewropa u ma kenux ħelsuha mill-pesta, il-purċissjoni ġenerali li ssir kemm Malta u kemm Għawdex nhar San Girgor fit-tnax ta' Marzu, bis-sawm u l-ħafa u b'quddiesa fejn tieqaf iż-Żejtun, il-Maltin l-antiki kienu għamlu bħall-popli l-oħra u bdew jagħmlu l-purċissjoni li kien beda Pjer Tumas, imnebbaħ kif kien minn Alla.

3 ▪ Patri Pjer Tumas

Billi għalija din kienet aħbar ġdida bdejt biex infittex xi ħaġa fuq Pjer Tumas, illum qaddis. L-ewwel li ġiet f'idejja kienet ħajja qasira li ħareġ bil-Malti l-patri Tonna OC. Dan qal li l-Franċiżi damu bosta snin iżuru s-santwarju tiegħhu jitolbuh jeħlishom mid-deni u mill-pesta, imam xejn iktar. Fl-enċiklika tal-qaddisin qrajt li fl-1345, lil Pjer Tumas, l-Ordni Karmelitan kien bagħtu prokuratur ġenerali tiegħu, żammu tliet snin, Avinjon. Hemmhekk bis-saħħa ta' kardinal minn pajjiżu laħaq ukoll predikatur appostoliku, jiġifieri jippriedka lill-papa u 'l ta' madwaru.

Wara li għaddew it-tliet snin mar Pariġi jkompli jistudja u reġa' lura Avinjon aktarx fl-1351. Nafu żgur li fl-1353, kien ippriedka tnax-il darba huma u sejrin jidfnu l-papa fil-monasterju Benedittin, fejn kien joqgħod qabel laħaq papa. F'dik is-sena l-papa kien beda jagħżlu legat tiegħu.

Imma kien biss fl-1356 li Pjer Tumas wasal Kostantinopli, minn fejn wara mar Ċipru u pellegrin Ġerusalemm. Fl-1359 il-Papa Luċenz Sitta għażel lil Pjer Tumas legat fil-Lvat fejn fl-1361 insibuh Ċipru. Kien f'dik is-sena li 'l Ċipru ħakmitu l-pesta li reġgħet xegħlet ma' l-Ewropa kollha sa l-1363 u, kif jgħidilna l-Kontinwatur ta' Baronio, kienet krudila daqs dik ta' l-1348. Dan żied li, skond Mattew Vollani, Avinjon, b'dik il-pesta kienu mietu disa' kardinali ma' sebgħin prelat ieħor u poplu bla għadd.

Issa kien f'din il-pesta, kif Pjer Tumas kien Ċipru, skond ma' kiteb il-bijografu tiegħu Filippu de Mezières, li Pjer Tumas kien ordna t-talb pubbliku, jiġifieri purċissjonijiet, biex jitolbu 'l Alla jeħlishom mill-pesta. La l-patri Pelaġju kiteb lil Pjer Tumas kien fl-Orjent meta orgnizza l-purċissjonijiet ta' San Girgor, allura dan ġara fl-1361 u mhux fl-1348, kif basar hu. Għalhekk ma nistgħux ngħidu li l-Maltin, matul il-pesta li qabdithom fil-ħarifa ta' l-1347, kienu mxew fuq l-eżempju tiegħu meta għamlu l-purċissjoni ta' San Girgor.

Forsi hawn min jirraġuna li la darba Pjer Tumas kien il-predikatur tal-papa fl-1348 meta l-pesta ħabtet għal Avinjon bi ħruxija kbira, li seta' tnebbaħ b'din il-purċissjoni. Imma l-kontinwatur ta' Baronio, Ludovik Rainaldo, li kiteb madwar tliet kolonni fuq il-pesta ta' l-1348, kollox meħud minn fuq il-kittieba ta' dak iż-żmien bħala Petrarka, Boccaccio u l-aħwa Fjorentini Villani, ma jsemmu xejn fuq hekk.

Mix-xhieda ta' dik iż-żmien jgħid li fejn ħabtet il-pesta damet madwar ħames xhur. Jgħidlna li l-papa ta l-indulġenza plenarja lil dawk li kollha li qarrew qabel mewthom u lill-qassisin li kienu jagħtuhom is-sagramenti u jgħinuhom. Jgħidilna wkoll li ħafna li l-werrieta tagħhom kienu mietu qabilhom, ħallew ġidhom lill-knejjes. Iżid li l-papa wiegħed ħlas xieraq lil dawk li kienu jindaħlu biex jidfnu lill-mejtin fil-kampanja billi z-znieter ma kenux biżżejjed. Fl-aħħarnett jgħid li l-papa bena knisja lill-Madonna, il-patruna prinċipali ta' l-Impestati f'dak il-flaġell.

4 ▪ Purċissjoni fis-sena 1348

Malta, billi l-pesta kienet daħlet minn Sqallija, minn xi belt imnejn kienu jidħlu l-ixprunari u dgħajjes oħra, fejn il-pesta bdiet f'Ottubru ta' l-1347, nistgħu nobsru li nhar San Girgor fit-tnax ta' Marzu tas-sena ta' wara, il-pesta kienet waslet biex tagħmel il-kamin tagħha u għalhekk qorbot biex tintemm, dejjem jekk kienet damet daqs imkejjen oħra fejn l-ewwel purċissjoni ta' San Girgor, li mhix ħlief purċissjoni biex tieqaf il-pesta, kif kien għamel San Girgor fis-sena 590, fuq l-eżempju ta' dak li kien ra qed isir Konstantinopli meta kien hemm, setgħet saret nhar it-Tnax ta' Marzu ta' l-1348.

Biss għall-purċissjonijiet bħal dawn ma kienx hemm bżonn ta' wieħed jistenna l-eżempju ta' Pjer Tumas, għax din kienet ħaġa magħrufa sew, għax, kif jgħidilna Jean-Noël Belaben fil-ktieb tiegħu fuq il-pesta, minn żmien San Girgor sad-dsatax-il seklu, il-purċissjonijiet kienu l-mezz biex wieħed iwaqqaf l-imxijiet, billi ħadd ma seta' jobsor li kienu l-briegħed li kienu jtiru minn fuq il-ġrieden impestati għal fuq il-bniedem li kienu l-kawża tal-mewt ta' tant miljuni matul is-sekli.

Imma lill-patri Pelaġju nibqa' nafhulu talli minn dak li kien qara wasal biex kellu xamma tajba li l-purċissjoni ta' San Girgor kienet bdiet fl-1348 u mhux kif il-mezzi tax-xandir b'leħen wieħed qed jgħidulna li kienet bdiet fil-1543, m'għandniex xi ngħidu billi qegħdin joqogħdu fuq li jgħidilhom min suppost jaf aħjar!

©Victor J Galea
Ir-Rabat Għawdex
nhar l-4 ta' April ta' l-2005

www.vjgozosthenandnow.net

IL-PAPA ĠWANNI PAWLU II
OMELIJA TA' NIKOL Ġ. CAUCHI, ISQOF TA' GĦAWDEX
FIL-QUDDIESA GĦAL RUĦU
8 TA' APRIL 2005

F'għaqda spiritwali ma' ħutna l-insara tad-dinja kollha, inġbarna hawn biex infakkru l-Missier għażiż tagħna l-Papa Ġwanni Pawlu II li ħalla din l-art tmint ijiem ilu nhar is-Sibt 2 t'April, 2005. Kif konna nħobbuh u nitolbu għalih matul ħajtu, hekk issa nuru lejh ir-rispett u l-imħabba tagħna filwaqt li noffru għar-ruħ għażiża tiegħu, s-suffraġju tagħna.

F'dawn l-aħħar jiem, mill-mewt tiegħu l'hawn, eluf ta' eluf tkellmu dwar il-Papa Wojtyla, u kellhom kliem ta' tifħir u rikonoxxenza għalih. Iżda żgur li ma qalux kollox għaliex il-personalità tiegħu fiha ħafna aspetti mill-isbaħ, u m'hux possibbli ssemmihom kollha u titkellem dwarhom kif jixirqilhom.

Ma għandi ebda pretensjoni għalhekk, li f'dawn il-ftit minuti niddeskrivi l-ħajja u l-ħidma appostolika li wettaq il-Papa Ġwanni Pawlu II fis-snin li dam imexxi l-Knisja. Nixtieq fil-qosor għalhekk li nagħmel biss xi riflessjonijiet dwar aspett jew tnejn ta' dak li għamel matul il-pontifikat tiegħu.

Kif deher ukoll mill-kummenti li saru fuqu fil-*mass-media*, u mill-eluf ta' nies li wrewh il-qima tagħhom fil-funeral tiegħu, il-Papa Wojtyla matul ħajtu rnexxielu jiġbed lejh il-qlub tal-bnedmin, ta' kull razza u ta' kull nazzjon, u fosthom quddiemnett iż-żgħażagħ. Hu żar ħafna pajjiżi tad-dinja fosthom ukoll il-gżejjer tagħna. Resaq lejn kull kategorija ta' bnedmin, anki dawk li huma emarġinati mis-soċjetà, bħal ma huma l-morda, l-foqra, il-lebbrużi, il-ħabsin. Ipprova jifhem il-problema tagħhom, niżel għal-livell tagħhom, tahom prova tar-rispett u l-imħabba li għandu lejhom, u għamel ħiltu biex jitfa' f'qalb kulħadd raġġ ta' tama u ta' serenità.

Bil-kuraġġ kollu huwa wassal messaġġi biex ifiehem lill-popli dak li jista' jkun ta' ħsara għalihom ħalli jevitawh u dak li hu ta' ġid ħalli jħabirku għalih. Għalhekk huwa ddeplora ċ-ċiviltà ta' mibegħda u xandar iċ-ċiviltà ta' l-imħabba, ikkundanna l-kultura tal-mewt u ddefenda l-kultura tal-ħajja, wera stmerrija għall-vjolenza u għall-gwerer u faħħar is-solidarjetà u l-kooperazzjoni fost il-ġnus.

Huwa ma sabhiex bi tqila li jiftaħ djalogu ma' nies ta' kulturi differenti. Mexxa 'l quddiem l-ekumeniżmu fost dawk kollha li jemmnu fi Kristu, ippromuova d-djalogu inter-reliġjuż fost dawk kollha li jemmnu f'Alla. Anki għall-atej u għan-nies ta' bla twemmin, kellu sejħat li setgħu jmissu l-kuxjenzi tagħhom. Ma qagħadx lura li jipproklama u jiddefendi b'kull mezz, il-jeddijiet fundamentali tal-bniedmin, fost l-oħrajn il-jedd għall-ħajja, u

L-omelija waqt il-quddiesa għal ruħ il-Papa.

www.gozocathedral.org.mt

l-jedd għal-libertà, speċjalment il-libertà reliġjuża.

Bla mistrieħ, fittex dejjem il-verità, li kienet għalih bħal dawl li jurih it-triqat li kellu jieħu. Mhux biss il-veritajiet dwar Alla, li fuqhom kien jimmedita ta' kuljum, iżda wkoll il-veritajiet dwar il-bniedem. Ma humiex ħafna dawk li għarfu b'mod hekk ċar id-dinjità u l-kobor tal-bniedem, maħluq xbieha ta' Alla, daqs kemm għarafhom Ġwanni Pawlu II. Mill-banda l-oħra, huwa ntebaħ ukoll u xi drabi seta' jmiss b'idejh il-miżerja spirtwali u materjali li fiha jistgħu jsibu ruħhom il-kreaturi umani u din qanqlet f'qalbu ħniena liema bħalha u ħeġġitu biex joffrilhom l-għajnuna tiegħu bħas-Samaritan it-tajjeb.

Filwaqt li nammiraw id-dedikazzjoni tiegħu għall-ġid ta' l-umanità, kif ammirawh u faħħruh eluf oħra ta' nies, xi wħud minnhom mingħajr twemmin reliġjuż, aħna li għandna l-fidi, ma nistgħux ma nosservawx ukoll l-unjoni jew l-għaqda spiritwali tiegħu ma' Alla. Mhux kulħadd jasal biex japprezza d-dimensjoni traxxendentali fil-ħajja tal-Papa Wojtyla, imma aħna li għandna l-fidi ma nistgħux nagħlqu għajnejna għaliha, għad li ftit minna jistgħu jkejlu l-profondità tagħha. Anzi naslu biex ngħidu li l-għajn ewlenija ta' l-apostolat tiegħu u ta' l-enerġija tal-għaġeb li wera f'ħajtu kienet proprju l-fidi tiegħu u l-unjoni tiegħu ma' Alla. Huwa kien tabilħaqq il-"*contemplativus in actione*". Xhieda ta' dan huma d-diskorsi u l-kitbiet tiegħu, għaliex Ġwanni Pawlu II ttratta mhux biss dwar il-problemi soċjali, li jolqtu l-umanità, iżda wkoll u ferm iżjed dwar ir-relazzjoni tal-bniedem ma' Alla l-Ħallieq tiegħu, u dwar il-fidwa li kiseb għalina l-Feddej tagħna l-Iben t'Alla magħmul bniedem, Ġesù Kristu Sidna.

Fl-ewwel enċiklika tiegħu *Redemptor Hominis* fin-numru 10 naqraw: "Il-missjoni fundamentali tal-Knisja f'kull żmien u partikolarment fi żmienna hi li tiddirieġi l-intelliġenza tal-bniedem, li tindirizza l-kuxjenza u l-esperjenza tal-ġens tal-bnedmin kollha, lejn il-misteru ta' Kristu u tgħin lill-bnedmin kollha biex iħossu fil-ħajja tagħhom ta' kuljum kemm tilħaq fil-fond il-Fidwa li ssir fi Kristu Ġesù. Fl-istess ħin hija l-missjoni tagħha li tittratta dwar l-isfera tal-ħwejjeġ l-iżjed intimi tal-bniedem, l-isfera, nifhmu ngħidu, tal-qalb, tal-kuxjenza u tal-ġrajja tal-bniedem."

Ladarba qegħdin nitkellmu fuq ir-reliġjożità tal-Papa, ma nistgħux inħallu barra d-devozzjoni mħeġġa tiegħu lejn l-Imqaddsa Verġni Marija. Fil-pajjiżi li mar fihom, ma kienx jonqos li jżur is-Santwarji tal-Madonna, u dan għamlu anki meta ġie fil-gżejjer tagħna. Biex ikompli jħeġġeġ fina lkoll din id-devozzjoni, qalilna fl-omelija li għamel fil-konċelebrazzjoni f'Ta Pinu: "Jalla l-familji ta' Malta u Għawdex qatt ma jeżitaw milli jduru lejn Marija, l-Omm tas-Sagra Familja ta' Nażaret u l-Omm ta' l-umanità kollha fl-ordni tal-grazzja, bħala gwida żgura fost l-isfidi u l-provi tal-ħajja."

Il-Papa Ġwanni Pawlu II lilna l-kattoliċi, wlied spiritwali tiegħu għallimna ħafna u ħafna bi kliemu u bl-eżempju tiegħu sa l-aħħar nifs ta' ħajtu. Imma fuq kollox għallimna nħobbu l-Knisja, bl-imħabba ġenwina, li twassalna biex inkunu lesti li nemmnu fil-misteru tagħha, nitolbu għaliha, u jekk ikun hemm bżonn anki nissagrifikaw ruħna għaliha. Jalla dan it-teżor ta' tagħlim hekk prezzjuż jibqa' dejjem f'moħħna u f'qalbna biex idawwalna fit-toroq kollha ta' ħajjitna.

www.gozocathedral.org.mt

MONSIJUR ĠUŻEPPI FARRUĠIA

ĦAMSIN SENA SAĊERDOT



Ġużeppi Farrugia twieled fir-raħal taż-Żebbuġ, Għawdex, fit-12 ta' Novembru, 1931, minn Saver Farrugia u Ġeswalda neė Dimech. Fl-1938, il-familja Farruġia ittrasferiet ruħha għar-Rabat, Għawdex. Fl-età ta' għaxar snin huwa daħal abbati fil-Knisja Katidrali ta' Għawdex.

Fl-1941 beda l-istudji tiegħu fis-Seminarju Maġġuri u ġie ordnat saċerdot flimkien ma' sitta oħra fid-9 ta' April, 1955, fil-Knisja Katidrali, minn Mons. Isqof Ġużeppi Pace. Wara beda jgħallem fis-Seminarju u kien Prefett tal-kamerata tal-mezzani għall-seba' snin.

Fl-1961 ġie nominat kappillan tal-Kor tal-Katidral. Dam iservi hekk da meta fis-17 ta' Ottubru, 1976, ħa l-pussess ta' monsinjur kuġitur ta' monsinjur Andrea Vella u dak ta' monsinjur effettiv fil-21 ta' Awwissu, 1988.

Fl-1961 beda jgħallem ir-Reliġjon fl-iskola sekondarja tal-bniet Għawdex u ħa l-*appointment* bħala tali, però fl-1963 ġie mitlub mill-Kap ta' l-iskola biex idaħħal it-tagħlim tal-Kimika f'din l-iskola u baqa' fuq dan is-suġġett sa kemm hareġ bħala assistant kap fl-1992.

Matul dan iż-żmien huwa ta servizz ta' qrar f'diversi rħula, fosthom fl-Għasri, u ħu Direttur Spiritwali fil-*Legion of Mary* u għalliem tat-Teoloġija Dommatika fil-Mużew tas-subien ir-Rabat.

Il-Bord Editorjali, f'isem il-kapitlu, l-arċipriet, u l-parruċċjani kollha, jifraħlu mill-qalb.

Għalqu wkoll ħamsin sena jqaddsu il-Monsinjuri Onorarji Lwiġi Vella (Fontana), Martin Camilleri (Nadur), kif ukoll Mons. Salvinu Scicluna (Victoria). Ad Multos Annos.

Il-Belt imdawra bis-swar ta' Għawdex kienet iċ-ċentru l-iktar importanti ta' Għawdex. (1) *L-ewwel* ħjiel ta' knisja f'din il-Belt imur lura għas-sena 1299, meta nafu li kien hemm knisja tiffunzjona ta' parroċċa. (2) *It-tieni,* nafu li fis-sena 1398, il-festa ta' Santa Marija kienet il-fulkru tal-ħajja soċjali f'Għawdex tant li magħha kien hemm marbuta l-ħlasijiet taċ-ċnus fil-gżira. (3) *It-tielet* nafu li fis-sena 1435, il-knisja tal-Belt kienet iddedikata lil-Santa Marija u nafu wkoll li din il-knisja kienet Matriċi ta' Għawdex kollu, jiġifieri tal-knejjes filjali u tat-tliet parroċċi l-oħra ta' Għawdex, it-tlieta fir-Rabat. (4) *Ir-raba'* nafu li fl-1463, din il-knisja Matriċi kienet ilha s-snin kolleġġjata *(mill-Editorjal).*

www.gozocathedral.org.mt









www.gozocathedral.org.mt

MONS. DEKAN CARMELO SCICLUNA

OMELIJA FL-OKKAŻJONI TAL-FUNERAL

KNISJA KATIDRALI 12 TA' MARZU, 2005

minn
Monsinjur Arċidjaknu Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali

Ċirkustanza bħal din tal-lejla li ġabritna hawnhekk fl-okkażjoni tal-funeral ta' Dun Karm Scicluna, Dekan tal-Kapitlu ta' din il-knisja Katidrali, żgur li f'moħħna ġġibilna għadd ta' tifkiriet f'relazzjoni mal-persuna tas-Saċerdot mejjet, tifkiriet ukoll skond id-diversi rabtiet li wieħed kellu mal-mejjet Mons. Scicluna.

Jiena ċert li bosta tifkiriet ta' għożża jiġu f'moħħ il-qraba ta' Mons. Scicluna, b'mod partikolari f'moħħ ħuh Toni li tant kien marbut ma' Dun Karm: tifkiriet tat-tfulija tagħhom flimkien, tifkiriet ta' ġrajjiet ta' ferħ u niket li għaddew minnhom fi ħdan il-familja tagħhom!

U f'moħħna wkoll jiġu għadd ta' tifkiriet, partikolarment f'moħħna l-membri tal-Kapitlu Katidrali li tiegħu Mons. Scicluna għal żmien twil kien membru. Tifkiriet tad-diversi ħidmiet u inizjattivi mibdijin minnu fil-Katidral u partikolarment dawk marbutin mal-ħajja liturġika u pastorali ta' l-istess Knisja: biżżejjed wieħed isemmi l-Eżerċizzi tar-Randan minnu riformati, il-Ġimgħa Ewkaristiko-Liturġika bl-għeluq tagħha l-Kwaranturi... u mhux l-inqas iċ-ċelebrazzjonijiet interni fil-Katidral ta' kull sena bi tħejjija għall-festa liturġika tat-Tlugħ fis-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem tal-Madonna li lejha Mons. Scicluna kellu mħabba qawwija. Żgur li m'hux ħa jonqsu minn moħħna dawn u għadd ta' ħidmiet oħra mwettqin minn Mons. Scicluna u speċjalment dawk imwettqin minnu b'riżq il-komunità parrokkjali ta' din il-knisja.

Dun Karm twieled fir-Rabat, Għawdex nhar id-9 ta' Novembru tas-sena 1931 u rċieva is-Sagrament tal-Magħmudija fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Għadda tfulitu u l-ewwel snin ta' żgħożitu għad-dell ta' l-Oratorju Don Bosco li dik il-ħabta kien immexxi mit-twajjeb saċerdot Rabti Dun Pawl Micallef. Aktar tard, Dun Karm innifsu kellu jkun għal xi żmien responsabbli mill-istess Oratorju Don Bosco bħala Direttur tiegħu .

Wara li temm l-istudji tiegħu fis-Seminarju Maġġuri, Dun Karm ġie ordnat saċerdot mill-

Isqof Mons. Ġużeppi Pace, f'din il-knisja Katidrali nhar is-6 ta' April tas-sena 1957. Fil-bidu tas-saċerdozju tiegħu, huwa kien prefett u għalliem fis-Seminarju Minuri; imbagħad aktar tard ġie nominat vigarju parrokkjali għaż-żewġ parroċċi tar-Rabat. U fl-istess żmien, huwa kien ukoll għalliem fl-Iskola Sekondarja ta' l-Istat .

Mons. Scicluna kien saċerdot li jħobb iżomm ruħu aġġornat ħafna u speċjalment mat-tagħlim u mar-riformi tal-Konċilju Vatikan II u tal-post-Konċilju. Ilkoll nafu kemm kien midħla ta' dawn id-dokumenti li b'tant ħila wkoll kien kapaċi jikkwotahom bl-amment .

Ma hemmx knisja waħda fid-djoċesi tagħna fejn Monsinjur Scicluna ma ġiex imsejjaħ biex jippriedka: anzi, inżid ngħid li m'humiex ftit dawk il-parroċċi f'Malta li fihom huwa wkoll xandar il-kelma ta' Alla.

Iżda, kien f'din il-Knisja katidrali fejn Monsinjur Scicluna wetteq l-itwal u l-isbaħ appostolat tal-ministeru tiegħu bħala saċerdot. Difatti, fis-sena 1962 l-Isqof Monsinjur Pace għażel lil Dun Karm biex ikun kollaboratur

www.gozoarchive.org.mt



www.gozocathedral.org.mt

parrokkjali ta' l-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai li lilu wkoll, aktar tard, Mons. Scicluna issuċċieda fl-Arċipretura u l-kura tal-erwieħ tal-komunità parrokkjali ta' l-Katidral fis-sena 1976. Wara għoxrin sena ta' ħidma f'dan il-kamp, l-Isqof Mons. Cauchi ħatar lil Dun Karm bħala Dekan tal-Kapitlu Katidrali.

Tifkiriet sbieħ jiġu f'moħħna wkoll f'rabta mas-servizz fil-Katidral min-naħa tad-Dekan Mons. Scicluna. Huwa kien ferm assidwu għall-kor, f'kull ġurnata tas-sena u indipendentement mill-fatt jekk kenitx tkun jew le l-ġimgħa ta' l-obbligi korali tiegħu.

Kemm Mons. Scicluna kellu qalbu marbuta mal-Katidral jidher minn diversi raġunijiet, imma fost dawn insemmi din ir-raġuni. Meta fl-aħħar epoka ta' ħajtu d-Dekan ma baqax igawdi l-integrità tal-fakultà intellettwali u per konsegwenza ddgħajfet il-memorja tiegħu, madankollu Monsinjur Scicluna qatt ma nesa t-triq li twassal għall-Katidral: riġlejh kienu tassew iġorruh fejn ħalla qalbu!

U ma' dawn it-tifkiriet naħseb li hemm oħra - forsi aktar importanti minn dawk t'issa - dik li Monsinjur Scicluna kien ġustament miżmum bħala saċerdot serju: barra milli bil-kelma u bil-kitba tiegħu, jien ċert li huwa ppriedka ħafna wkoll bl-eżempju ta' ħajtu!

Pero', nistqarr li ma nkunx miexi skond in-normi tal-Knisja jekk f'din l-okkażjoni nieqaf biss sa kliem ta' tifħir għall-mejjet Monsinjur Dekan... u hemm wisq aktar x'jista' jingħad b'tifkira ta' ġieħ għall-mejjet Saċerdot! Imma jeħtieġ li f'din iċ-ċelebrazzjoni sagra nipprova nislet xi ħaġa li tkun ta' ġid spiritwali għalija, għalikom hawnhekk preżenti, u għas-semmiegħa permezz tar-Radju.

L-Appostlu Missierna fl-Ittra tiegħu lir-Rumani (li silta minnha hija t-Tieni Qari għal dan il-5 Ħadd tar-Randan) kiteb hekk: "Jekk xi ħadd ma għandux fih l-Ispirtu ta' Kristu, dan m'huwiex tiegħu. Imma jekk Kristu jgħammar fikom, ukoll jekk il-ġisem hu mejjet minħabba d-dnub, imma l-ispirtu hu ħaj minħabba fil-ġustifikazzjoni" (Rum 8, 9-10). Iva, aħwa tiegħi, dan hu li aħna għandna nħabirku għalih: li ma ngħixux skond il-ġisem biex fina jkun hemm l-Ispirtu ta' Kristu. U xi jfissru l-kelmiet: ma ngħixux skond il-ġisem?

Inkunu ngħixu skond il-ġisem jekk aħna ma nintelqux b'fiduċja kbira f'idejn Alla u dan minkejja li aħna konvinti mid-dgħufija tagħna iżda aktar nħossuna konvinti mill-imħabba ta' Alla għalina.

Issa ħa napplikaw dan li qed ngħid għas-sitwazzjoni konkreta ta' ħajjitna. Ħajjitna, anke bħala Nsara - m'hijiex ħielsa mit-tensjoni. Ħajjitna hija ġlieda fejn min-naħa l-waħda għandna r-rabta qadima mad-dnub u min-naħa l-oħra jżernaq fuqna d-dawl ta' Kristu. Minn naħa hemm ġo fina l-ġibdiet tal-bniedem il-qadim, il-bniedem ferut mid-dnub: jiġri difatti li ta' spiss nara t-tajjeb qrib tiegħi, narah u nkun irridu... "imma li nagħmlu, le; għax m'hux it-tajjeb li rrid, nagħmel, imma l-ħażin li ma rridx, dan nagħmel" (Rum 7, 19). Min-naħa l-oħra hemm il-qawwa ta' Kristu, kif għallem l-Appostlu tagħna: "intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu, ilbistu 'l Kristu" (Gal 3, 27).

U hawnhekk nistieden lili u lilkom biex neżaminaw lilna nfusna – aħna li tgħammidna fi Kristu u, kif qalilna l-Appostlu Pawlu, inġorru lil Kristu; neżaminaw lilna nfusna jekk aħniex tassew nġorru fuqna dik il-Libsa, jiġifieri lil Kristu!

Inkun tassew liebes lil Kristu, meta jien inżomm ruħi 'l bogħod mid-dnub, ma nimxix skond il-ġisem, u allura ma nispiċċax maħkum "miż-żina, faħx... mibegħda, ġlied, għira, għadab, tfixkil, firda..." għaliex dawk li jinħakmu minn ħwejjeġ bħal dawn huma 'l bogħod mill-Ispirtu ta' Kristu "u ma jiksbux is-saltna ta' Alla" (Gal 5, 19-21).

Ħuti fi Kristu – naħseb li kull darba li Alla jippermetti li ngħaddu minn ċerti esperjenzi tal-ħajja jew li nsibu ruħna f'ċerti ġrajjiet - anke bħal din tal-lejla - din tkun ukoll opportunità biex nieqfu nirriflettu fuq ħajjitna bħala Nsara... jiġifieri aħniex ngħixu skond "l-Ispirtu ta' Kristu" jew inkella aħniex mexjin "skond il-ġisem". U jiswa ħafna lilna li ma nsibux ruħna bħal Lazzru li jissemma fil-Vanġelu... insibu ruħna midfunin f'qabar il-vizzji tagħna, b'idejna u riġlejna, b'moħħna u b'qalbna nfaxxati u marbutin… għax maħkumin minn tant għemejjel li "jsallbu... lil Bin Alla u jwaqqgħuh għad-daħk" (Lhud 6, 6).

Ħalli mela nkomplu din iċ-ċelebrazzjoni qaddisa. Flimkien inroddu ħajr 'l Alla għall-ġid li Huwa sawwab fuq il-Knisja Tiegħu permezz tal-ministeru u l-ħajja saċerdotali ta' ħuna Dun Karm: ikun dan is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa l-aqwa ringrazzjament tagħna 'l Alla... kif ukoll ħa jkun talba ta' ħniena b'suffraġju tal-mejjet Saċerdot Mons. Scicluna. U t-talba tagħna lil Mulej, inressquhielu minn idejn Ommu u Ommna Marija... li bi mħabba ta' Omm tilqa' lil binha Dun Karm fit-tgawdija tas-Sema.

Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem… jistrieħ fis-sliem. Amen.

www.gozocathedral.org.mt

MONS. DEKAN CARMELO SCICLUNA

APPREZZAMENT

minn

Monsinjur Rużar Ġ. Borġ

Wieħed mir-rigali sbieħ li fil-Knisja qed jisparixxu huwa l-kapitlu. Din hi struttura antikissima li tikkonsisti filli gruppi ta' saċerdoti jiltaqgħu kuljum biex flimkien jirreċitaw il-Liturġija tas-Sigħat u jikkonċelebraw il-quddiesa.

Bilfors li ħaġa bħal din tnissel fost il-membri tal-kapitlu komunjoni intima, u għalhekk it-telfa ta' xi wieħed iġġib niket profond fl-oħrajn.

Hekk kienet il-mewt ta' seħibna Mons. Carmelo Scicluna. Kien ħalla l-post ta' surmast fil-Liċeo ta' Għawdex biex jiddedika ruħu għall-pastorali bħala Arċipriet tal-Katidral t'Għawdex.

Għall-kor dejjem puntwali jidħol kuljum, anke jekk obbligat ġimgħa iva u ġimgħa le. Ilissen kull kelma b'mod li jinstema', miġbur, ikanta bil-qalb. L-omeliji tiegħu tassew mirquma.

Kien jgħallem, jagħti pjaċir u jqanqal. Jikkwota l-papiet, il-konċilju u anke awturi profani.

Kellu sens ta' umoriżmu mill-aqwa. Ferrieħi, soċjali, jieħu kull okkażjoni biex jifraħ u jferraħ. Lest dejjem biex jgħin. Ġeneruż.

Kien iħobb il-liturġija, il-funzjonijiet. Jistaqsi u jieħu parir fejn ma kienx ċert. Irid dejjem jitgħallem, jaqra, kien kolt. L-artikli li kien jikteb fil-*Leħen is-Sewwa* kienu mill-aktar li jinqraw.

Diversi drabi wħud kienu juruh l-apprezzament tagħhom. Preżenti fis-Siegħa ta' l-Adorazzjoni għall-Kleru, għal-laqgħat ta' aġġornament fl-ewwel Sibt tax-xahar.

Ubbidjenti lejn l-Isqof, qaddej fidil tal-Knisja. Mudell għas-saċerdoti l-aktar imħeġġa. Ruħ Ewkaristika u Marjana. Santa Marija kienet kollox għalih. Beda l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.



Waqqaf l-Adorazzjoni Solenni (Kwaranturi) ma' Lapsi. Ħaseb fuq li ħaseb biex il-parroċċa tal-Katidral ma jonqsuhiex il-finanzi biex tkompli bl-opri u l-inizjattivi pastorali meħtieġa.

Anke meta dan l-aħħar ma baqax f'sikktu mentalment, riġlejh kienu jeħduh lejn il-Katidral, f'kull ħin tal-ġurnata. Seta' jistqarr mas-salmista: "Ħaġa waħda tlabt… li ngħammar f'dar il-Mulej sakemm itul iż-żmien." U issa din ix-xewqa qatagħha għax qiegħed f'Dar il-Mulej għal dejjem ma' San Ġwann Bosco u l-Madonna li tant ħabb u għamel maħbuba.

Agħtih, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

www.gozocathedral.org.mt

SIMBOLIŻMI MARJANI

minn
Monsinjur Lawrenz Xiberras

Il-Knisja ta' Lvant għandha ħafna x'tgħallem lill-Knisja tal-Punent. Dan stqarru il-Papa Ġwanni Pawlu II fl-enċiklika tiegħu dwar l-Ekumeniżmu. Issa dan jgħodd ukoll għat-tagħlim, qima u devozzjoni li l-Knisja ta' l-Orjent matul is-sekli rawmet u saħħet lejn il-Verġni Mqaddsa Marija. Ibda biex, kienet din il-Knisja li xettlet il-festi u indikat il-post fejn bdew isiru sa mill-ibgħad żminijiet.

Ukoll f'dak li huwa tagħlim, il-Knisja tal-Lvant dejjem saħħet u niżżlet għeruqha fil-fond biex tnissel fost l-insara l-imħabba ortodossa lejn il-Knisja. Jekk niġu għad-devozzjoni lejn il-Madonna, din il-Knisja tapplika diversi titoli mimlijin tagħlim dwar Marija. Hekk dwar il-qdusija ta' Marija. Mill-fatt li Alla sejħilha lil Marija biex tkun l-omm ta' Ibnu l-qaddis, għandna naħsbu li Alla lil Marija għamilha wkoll qaddisa. Il-Griegi, għalhekk isejħulha *Panàgia*. (Kollha kemm hi qaddisa).

Din tal-qdusija f'Marija hija l-aspett pożittiv. Hemm imbagħad, l-aspett negattiv, li jeskludi dak kollu li jista' b'xi mod itebba' s-sbuħija tal-qdusija. Dan l-aspett fit-tradizzjoni tal-Ivant hu mfisser b'qawwa akbar bil-kelma *Panàmonos*, li tfisser ħielsa għal kollox minn kull tebgħa tad-dnub. U hawn jidħol il-privileġġ l-ieħor ta' l-Immakulat Konċepiment ta' Marija.

Iżda n-nies ta' l-Orjent min-natura tagħhom xejn ma jogħġobhom l-astratt. Huma jridu imissu, jaraw, jisimgħu u l-bqija. F'kelma waħda, iridu, jħaddmu kemm jista' jkun is-sensi esterni tagħhom. Hu kollu għalhekk li biex jispjegaw dan kollu, in-nies ta' l-Orjent iqabbżu ħafna s-simboli, biex dawn, imbagħad, imexxuhom lejn il-ħsieb tagħhom. Issa dawn is-simboli huma applikati ħafna fil-wisa' tagħhom lil Marija.

Il-Ħamiema

Din it-tajra bajda, ħafifa u safja, Mosè iddikjaraha fost l-għasafar puri. Dan kien ifisser li wieħed jista' joffriha bħala debħa fuq il-midbaħ tal-maqdes f'Ġerusalemm lil Alla. Min dan, wieħed jikkonkludi dwar is-sbuħija naturali ta' din it-tajra.

Meta omm tiled xi tarbija u jgħaddu l-jiem għat-tisfija tagħha, hija kellha toffri 'l Alla żewġ kwalitajiet ta' offerti għas-sagrifiċċju: Ħaruf għas-sagrifiċċju tal-ħruq, dan huwa s-sagrifiċċju olokawst, u beċċun ta' gamiema għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni (Lev 12,6). Jekk imbagħad il-familja tkun fqira, l-offerta għandha tkun iżgħar. Hekk ġara fil-każ tal-familja ta' Nażaret (Lq 2,24).

Minħabba s-sbuħija tagħha, kif ukoll il-fatt li l-ħamiema hija mlibbsa b'rix tassew abjad u leqqien, il-Bibbja ssemmi t-titjira qawwija tagħha. "Mhux li kelli l-ġwienaħ bħal ħamiema, biex intir u mmur nistrieħ" (Sl 55,7). L-istess ħaġa jgħid is-salmista għal ġwienaħ il-ħamiema: "Sbieħ bħal ħamiema bi ġwienaħ bħall-fidda, b'rixha mżejjen b'deheb safrani" (Sl 67,14b). Ġesù stess, imbagħad, għallem dwar il-virtú sabiħa tas-safa u xebbahha mal-ħamiema. "Kunu għaqlin bħas-sriep u safjin bħal ħamiem" (Mt 10,16). Anke l-istess tbarqim tal-ħamiem li xi drabi jfisser qsim il-qalb, dan ukoll jesprimuh bħala mezz ta' messaġġ. "Bħal ħuttafa npespes, bħal ħamiema tbarqam, għajnejja għejew iħarsu 'l fuq" (Is 38,14).

www.gozodiocese.org.mt

Fil-letteratura kif ukoll fl-arti niltaqgħu mall-fedeltà, ma' l-imħabba u mal-ħrara tal-ħamiema. Hekk fil-Ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet ktieb li jirrappreżenta djalett bi still sensittiv kultant qawwi ħafna dwar l-imħabba, l-Għarus idur lejn l-Għarusa tiegħu u jindirizzaha b'dak il-kliem ta' mħabba: "Ħamiema tiegħi ġewwa x-xquq tal-blat, moħbija ġo l-irdum" (2,14). Fil-waqt li f'parti oħra nerġgħu niltaqgħu: "Oħti, ħabiba tiegħi, ejja iftaħli, ħamiema tiegħi, int bla nuqqas!(5,2). Għat-tielet darba nerġgħu niltaqgħu ma' l-istess espressjoni: "Imma waħda biss il-ħamiema tiegħi, waħda l-perfetta tiegħi" (6,9).

Issa dawn l-espressjonijiet, flimkien mal-kwalitajiet li ġġorr magħha l-ħamiema, missirijiet il-Knisja japplikawhom għal Marija. Marija hija dik il-kreatura safja, sabiħa, ħafifa għaliex m'hix imtaqqla minn ebda dnub ta' din l-art. Marija hija mimlija "ħlewwa" kif isejħilha San Bonaventura. Marija hija dik il-ħamiema li rritornat bil-fergħa taż-żebbuġ f'munqarha għaliex hija kellha tiled lis-sultan tal-paċi u tas-sliem.

It-tabernaklu

Il-kelma tabernaklu ġejja mil-Latin tabernaculum. Forsi l-aktar kelma bil-Malti li toqrob lejha hija l-kelma għarix. Matul il-mixja tal-poplu Lhudi fid-deżert tas-Sinaj, Alla kellem lil Mose' u qallu biex jibni tabernaklu (Eż 26,15). Il-Lhud kellhom rispett fl-ogħla grad lejn it-tabernaklu, tant li meta Mosè talabhom l-offerti biex bihom iżejjen dan l-oġġett qaddis, in-nies tawh minn kull ma kellhom: Saħansitra deheb, fidda, porpra u ħaġar ta' l-oniċi (Eż 35,20-29). Dan għamluh għaliex il-Lhud fit-tabernaklu li waqqaf Mosè, kienu jaraw, kif tassew hekk, oġġett qaddis, għażiż u li jistħoqqlu kull ġieħ.

Marija kienet tassew it-tabernaklu ħaj ta' Alla fost il-bnedmin (Ap 21,3). Huwa kollu minnu, għalhekk, li l-għaref Kornelju Lapide fil-waqt li japplika kliem Bin Sirak **"Min ħalaqni jgħix fit-tabernaklu tiegħi"** ikompli jfisser hekk. It-tabernaklu li fih kien jgħix l-Għerf "sofija" m'hux maħluq t'Alla, hija l-Verġni Marija, dik li għal disa' xhur xħaħ Iben Alla ġie ikkonċeput u għex għal disa' xhur sħaħ fih. Kien minn hawn li hija rċeviet id-dinjità kollha tagħha, jiġifieri dik ta' Omm Alla, dinjità tant għolja li ħadd ma jista' jasal biex jifhimha, u la il-bnedmin u anqas l-istess anġli.

U għalhekk, bosta qaddisin devoti ta' Marija marru sellmu u japplikaw it-tabernaklu tat-T.Q. għal Marija. Hekk San Ċirillu ta' Ġerusalemm: "Int tabernaklu ta' Dak li d-dinja ma tistax tilqa' ġo fih". Fil-waqt li matul ix-xahar Marjan li l-Kopti jiddedikaw lill-Madonna, isellmulha bħala "it-tabernaklu ta' Abraham li laqa' ġo fih 'l Alla u l-anġli tiegħu. (Ġen 18). San Lwiġi Grinon di Montfort isellem hekk lil Marija: **"Insellimlek, O Marija Immakulata, Tabernaklu ħaj tad-Divinità",** u li ġo fih ġie moħbi l-Għerf etern u li ried li jiġi adurat mill-anġli u mill-bnedmin. Fl-Innu Akatistos insibu din l-invokazzjoni: "Ifraħ, int it-tabernaklu ta' Alla u tal-Verb". Għalhekk imbagħad l-għaref Santu Wistin, fil-waqt li jaħseb dwar dan is-simboliżmu tat-tabernaklu tat-T.Q. jasal biex iniedi dak il-kliem tant profond: *Caro Christi caro Mariae, sanguis Christi, sanguine Mariae*: Il-ġisem ta' Kristu huwa l-istess ġisem ta' Marija, u d-demm ta' Kristu huwa d-demm ta' Marija. Mela t-tabernaklu tat-T.Q. wieħed mill-oġġetti tant għall-qalb il-poplu magħżul, huwa simbolu ta' Marija, tabernaklu ħaj ta' Alla hawn fuq l-art.

Il-Ħatar

Dak il-bastun li ta' sikwit il-qassis Ebrew kien jagħmel użu minnu jissejjaħ il-ħatar (jew virga) ta' Aron.

Il-ktieb ta-Numru 17,16-26 jirrakkonta din l-istorja tassew interessanti u fl-istess ħin mimlija tagħlim. Il-poplu beda jgerger kif u għaliex Mosè għażel it-tribù ta' Levi biex minnhom joħroġ is-saċerdozju. Fost il-bosta privileġġi li kien igawdi dan it-tribù kien li kienu meħlusin mit-taxxi. Ebda' biċċa art partikulari ma kienet tappartjieni

www.gozocathedral.org.mt

lil dan it-tribù. Għalhekk **Mosè ġabar tnax-il ħatar,** wieħed għal kull tribù, dak ta' Levi kien ressqu Aron, u ressaqhom quddiem il-Mulej. Dan ġara fit-tinda tal-laqgħa, mela f'post qaddis, għaliex hemm fit-tinda kien hemm l-arka tal-patt tal-Mulej. Il-għada fil-għodu, Mosè daħal fil-tinda u b'għaġeb kbir fuqu ra li l-ħatar ta' Aron tat-tribù ta' Levi kien ħareġ ir-rimi, fetaħ iż-żahar u għamel lewż misjur. Mosè imbagħad wera kollox lill-poplu, b'tali mod li dan kellu jieqaf mit-tgemgim kontra Mosè. Il-poplu intebaħ li kien dineb u talab maħfra lil Alla.

Missirijiet il-Knisja u l-aktar dawk ta' l-Orjent fil-ħatar-virga ta' Aron jaraw simbolu ta' Marija. Nibdew mill-Innu Akatistos: Dan jgħid hekk lil Marija: "Ifraħ, int ħatar dejjem jarmi u jwarrad, ifraħ, int dejjem miżgħuda bi frott bnin (5). Hawn ir-riferenza hija ċara, għaliex f'moħħ l-awtur hemm il-ħatar ta' Aron li kien ħareġ ir-rimi.

Il-Liturġija Biżantina tifraħ lil u ma' Marija. "Il-ħatar ta' Mose' u ta' Aron għaddew minn tibdil straordinarju (ara Eż 4,2-17; 7,10). Il-ħatar li kellu sehem li tisboq kull ħsieb tal-bniedem. Imma l-ġuf safi tiegħek, O Marija, l-Omm ta' Alla, dan jinawgura u jiftaħ ġenerazzjoni ġdida.

Hekk San Elewteru: Il-ħatar ta' Aron, il-ħatar li ma għandu ebda nuqqas, il-ħatar li għalkemm niexef imma warrad bil-kbir. Id-Damaxxenu jkompli fuq l-istess ħsieb: Il-ħatar perfett; il-ħatar li miegħu ma ntrabat ebda dell ta' ħtija, u la dak oriġinali u anqas attwali. (Innota li diġà f'moħħ San Ġwann Damaxxenu kellu t-tagħlim sħiħ dwar il-Konċepiment ta' Marija). Mela ħatar divin, li Alla wżah biex permezz tiegħu jagħmel għeġubijiet l-aktar kbar u qawwijin.(San Andrija ta' Kreta).

Għalhekk, kull meta wieħed jidħol f'xi mkien qaddis, u fil-pitturi, skulturi, twieqi jara minn dawn is-simboliżmi, dan dejjem għandu f'moħħu; għandu dejjem jagħmel dik il-qabża tat-tifsir. Min pittirhom, naqqaxhom jew ħażżiżhom f'xi post qaddis, bil-fors li kien qed jifhem wisq aktar minn dak li qed jara. U dawn is-simboliżmi bibliċi bla ebda dubju l-aktar li jixirqu u joqogħdu hemm Marija.

Pio's Antiques
MARKET
PIO BORG
Proprietor
Pjazza Sabina,
Victoria - Gozo.
9.00a.m. - 3.00p.m.
Sunday
9.00a.m. - 1.00p.m.
Tel: 2156 5115
Res: 2156 1097

PAOLO
Calzature
P

13/105, Palm Street
Victoria, Gozo.
Tel/Fax: 21565157

www.gozocathedral.org.mt

IMQAJMA MILL-IMWIET BĦAL KRISTU

minn
Anġlu Xuereb

Marija ssieħbet f'kollox ma' Kristu u għalhekk kien jixraq li tittella' s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Dan ifisser li bħal Kristu, Marija għamlet rebħa fuq il-mewt.

Kristu rebaħ il-mewt

Permezz tad-dnub daħlet il-mewt fid-dinja. Sidna Ġesù Kristu ġie fid-dinja biex jeħlisna minn dan il-jasar. Huwa nnifsu għadda mill-esperjenza tal-mewt. Iżda fit-tielet jum qam glorjuż biex ma jmutx aktar. Din kienet rebħa mhux għalih biss iżda għall-bnedmin kollha. Il-qawmien tiegħu mill-mewt ifisser li min jimxi warajh u jwettaq fil-prattika t-tagħlim tiegħu ser jagħmel rebħa fuq il-mewt. Dan ma jfissirx li m'hux ser imut; iżda jekk imut fil-grazzja ta' Alla, wara li jgħaddi mit-tisfijiet tal-Purgatorju, igawdi lil Alla wiċċ imb'wiċċ. U fl-aħħar jum ġismu ser iqum glorjuż.

Din hija l-wegħda tal-Kristjaniżmu. U jekk din ix-xorti tmiss lil kull min għex tajjeb, kemm aktar messet lill-Verġni Marija! Tnisslet mingħajr il-ħtija oriġinali jiġifieri d-dnub ta' Adam u Eva, laqgħet għal disa' xhur f'ġufha lil Kristu, wilditu, ħadet ħsiebu, imxiet wara t-tagħlim tiegħu u fl-aħħar offrietu bħala sagrifiċċju fuq il-Kalvarju għad-dnubiet tad-dinja. Billi l-Verġni Marija mxiet daqshekk fil-qrib ma' Kristu, kien jixraq li hija tqum mill-mewt u ġisimha ma jarax it-taħsir tal-qabar. Dan insibuh espress fil-Lezzjoni Qasira tat-Tieni Għasar tas-solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija: "Bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ukoll jiksbu l-ħajja fi Kristu. Imma kulħadd skond kif imissu; l-ewwel Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu" (1 Kor 15, 22-23).

Forsi wieħed jistaqsi: x'inhuwa l-istat tal-ġisem ta' Marija mqajma mill-imwiet? Nistgħu naraw xebh ma' l-istat ta' Kristu rxuxtat. Kien jidher, daqqa hawn u daqqa band'oħra, kien jidħol ukoll meta l-bibien kienu jkunu magħluqin, u d-dixxipli mhux dejjem kienu jagħrfuh. Madankollu ma kienx xi fantażma. Kien jiekol mad-dixxipli u lil Tumas stiednu jdaħħal idejh fil-pjagi, li baqa' jġorrhom fil-ġisem glorjuż tiegħu.

Min-naħa l-oħra, San Pawl fl-ewwel ittra lill-Korintin jagħtina ħjiel fuq il-glorifikazzjoni ta' l-iġsma. "Ara sa ngħidilkom misteru: aħna mhux ilkoll immutu. F'waqt wieħed, f'ħakka ta' għajn, mad-daqq ta' l-aħħar tromba; u l-mejtin iqumu bla taħsir u aħna nitbiddlu. Għax jeħtieġ li dal-ġisem li jitħassar, jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u dal-ġisem li jmut, jilbes in-nuqqas ta' mewt" (1 Kor 15, 51-53).

Il-glorifikazzjoni ta' Marija

Iżda, il-glorikazzjoni tal-Verġni Marija kienet tixbah aktar lil dik ta' Kristu milli tagħna. Filwaqt li aħna nistennew il-glorifikazzjoni ta' ġisimna fl-aħħar jum, il-Verġni Marija ma ratx it-taħsir tal-qabar.

Il-ġisem ta' Marija, għalhekk, għandu dawn l-erba' karatteristiċi.

- *L-Inkorruttibbiltà* jiġifieri l-ġisem ta' Marija ma rax it-taħsir tal-qabar.
- *Il-Glorja ta' rebħ* li tkun tista' taġixxi fl-istorja.
- *Il-Qawwa* mogħtija lilha mill-Ispirtu s-Santu u li permezz tagħha tista' tagħmel ħwejjeġ kbar.
- *Spiritwalità* tfisser li l-persuna kollha tagħha ġiet ttrasformata mill-Ispirtu s-Santu.

www.gozocathedral.org.mt

IL-VERĠNI MARIJA U L-EWKARISTIJA

minn
Joe Chetcuti
PRO tal-Kunsill Amministrattiv tal-
Knisja Katidrali għal Malta

Minħabba li ninsabu fis-sena ddedikata mill-Knisja lill-Ewkaristija u ninsabu wkoll fil-jiem tal-festa ta' Santa Marija, jixirqu xi konsiderazzjonijiet dwar il-Verġni Marija u l-Ewkaristija.

L-Imqaddsa Marija kienet l-ewwel tabernaklu fid-dinja li fih għammar Ġesù. Mill-bidu tal-Knisja sal-lum, in-numri ta' tabernakli fejn jgħammar Ġesù, l-Iben ta' Alla, kien bla għadd. Bħalma l-Madonna żammet magħluq ġewwa l-ġuf tagħha lil Ġesù, hekk dawn it-tabernakli jħarsu l-ostja li fiha nemmnu li Ġesù hu preżenti.

Kemm purċissjonijiet isiru bis-Sagrament fil-festa ta' *Corpus* u fil-Kwaranturi! Kienet Marija li għamlet l-ewwel purċissjoni b'Ġesù. Il-vjaġġ minn Nazaret għal għand Santa Eliżabetta u lura kienet l-ewwel purċissjoni b'Ġesù inkarnat.

Wara li Ġesù qam u tela' s-sema, lill-Verġni Marija baqgħet għal xi snin fuq din l-art. Min jaf kemm ipparteċipat fl-Ewkaristija Mqaddsa ma' San Ġwann l-Evanġelista. Xi għorrief jgħidulna li Alla żamm ħajja lil Verġni Mbierka biex issaħħaħ permezz tat-talb tagħha l-Knisja li kienet għadha kif twieldet, u biex bit-tqarbin tagħha Ġesù jirrestitwixxi lilu nnifsu fil-ġisem purissimu tagħha.

Fl-enċiklika *Ecclesia de Eucharistia,* il-Papa Ġwanni Pawlu II kiteb dwar il-Madonna u l-Ewkaristija fl-aħħar kapitlu. Hu jheġġeġ biex tingħata qima lill-Ewkaristija wkoll barra l-quddiesa. Imma l-quddiesa dejjem tibqa' l-aqwa talba speċjalment jekk din tkun imsieħba mat-tqarbina.

Fil-kalendarju tas-sena liturġika tal-Knisja teżisti festa li ftit nies jafu biha. Nhar it-13 ta' Mejju, barra li tkun imfakkra l-ewwel dehra tal-Madonna ta' Fatima, titfakkar ukoll Sidtna Marija tas-Santissimu Sagrament. Din il-festa bdiet fis-sena 1868 b'insistenza tal-qaddis Pier Ġuljanu Eymard devot kbir ta' l-Ewkaristija. Kienet il-Madonna nnifisha li stednitu jwaqqaf kongregazzjonijiet ta' rġiel u nisa : *Is-Servi tas-Santissimu Sagrament.* Skop ewlieni tagħhom kellha tkun l-Adorazzjoni tas-Sagrament u studju profond ta' l-Ewkaristija.

San Pietru Ġuljanu Emyard jistqarr li żgur li ħadd ma kien jadura lil Ġesù Ewkaristija aktar minn Marija.

(ikompli mill-paġna ta' qabel)

Il-festa ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija tfakkarna fl-ottimiżmu tal-messaġġ nisrani. Veru li l-bniedem irid jgħaddi mill-esperjenza tal-mewt iżda min imut magħqud ma' Kristu ser joħroġ rebbieħ. San Pawl jgħidilna: "Aħna nafu li, jekk it-tinda li għandna fl-art tintemm, Alla tana dar għal dejjem fis-sema, dar li ma għamluhiex l-idejn tal-bnedmin" (1 Kor 5, 1). Il-wegħda ta' Kristu tmiss kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem. U b'dan il-mod it-tlugħ ta' Marija fis-sema bir-ruħ u l-ġisem jerġa' jfakkarna f'dan il-punt ċentrali tal-Kristjaniżmu.

Il-messaġġ ta' din il-festa hu li xi darba aħna wkoll tmissna din ix-xorti. Talba fil-Liturġija tas-Sigħat tgħidilna: "O Alla, int xħett għajnejk fuq iċ-ċokon tal-Verġni mqaddsa Marija, kabbartha billi tajtha l-grazzja li ssir Omm Ibnek il-waħdieni magħmul bniedem, u llum għollejtha fi glorja tassew tal-għaġeb; agħtina l-għajnuna tat-talb tagħha, biex kif int salvajtna bil-misteru tal-fidwa, hekk ukoll tgħollina fil-glorja tas-sema."

www.gozocathedral.org.mt

U ALLA?...

Mikelangelo għandu d-'David',
Mikelangelo għandu l-'Pieta',
Mikelangelo mis-Sistina,
Spikka l-ġisem ta' Adam.

Leonardo, l-Monalisa,
Leonardo, l-Aħħar Ċena,
Jgħidu illi Kristu u Ġuda,
L-istess bniedem f'dik ix-xena.

U Beethoven, sinfoniji,
Mozart ġenju bil-vjolin,
Verdi bl-Aida u t-Traviata,
R-Requiem, Vespri Sqallin…

U l-Eġittu bil-piramidi,
Ġo l-Italja, l-Vatikan,
Il-Franċiżi jgħożżu t-torri,
Kulħadd b'tiegħu hemm ferħan.

U Alla?

Alla, le mhux Mikelanġelo,
Alla, le mhux Leonardo,
Alla, le mhux xi Beethoven,
L-Eġittu, l-Italja u Franza…
Dana Alla li hu Alla,
Seta' ftaħar bil-ħolqien,
Seta' ftaħar bl-art u l-baħar,
Kollox tiegħu – kullimkien;
Imma Alla li hu Alla,
Dana Alla kollu dija,
Dana Alla – iva kellu,
Hemm fis-sema lil Marija.

Matthew Sultana
12/07/05

www.gozocathedral.org.mt

Mid-Djarju tal-Parroċċa
1 ta' Lulju 2004 - 30 ta' Ġunju 2005

miġbura minn
Maximillian Grech

Lulju

2 Harġa f'Malta għat-*Trade Fair* organizzata mill-Parroċċa tal-Katidral u s-Soċjetà Filarmonika Leone.

4 Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

7 Quddiesa tal-Għaxar Erbgħa ta' Santa Marija minn Fr. Alfred Farrugia MSSP.

9 Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.
Attività għall-Istudenti ta' Forms 2-5 f'Kemmuna.

13 Organizzata ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fil-knisja ta' Ħamet, u light refreshments f'St Patricks Hotel, Xlendi.

14 Quddiesa tal-Ħdax-il Erbgħa ta' Santa Marija minn Fr. Alfred Farrugia MSSP.

18 Illum ġew iċċelebrati 3 quddisiet filgħaxija: fil-5.00pm, fis-6.15pm u fis-7.00pm.

21 Quddiesa tat-Tnax -il Erbgħa ta' Santa Marija minn Dun Mikiel Borg.

24 Lejl ta' talb u adorazzjoni bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija mmexxi mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi.

25 Tqassam il-programm tal-festi solenni f'ġieħ Santa Marija, Patruna speċjali tal-gżejjer Maltin. Programm li jkopri l-perjodu mill-24 ta' Lulju sat-23 ta' Awwissu 2004.

26 Saret it-tielet parti u l-konklużjoni tas-seminar "Il-Pjan Pastorali Parrokkjali" għas-saċerdoti u lajċi impenjata fi ħdan il-parroċċa, li tmexxa mill-Arċipriet Mons. Joe Vella Gauci, f'Dar Stella Maris, Żebbuġ.

27 Ingħata bidu għall-ġbir mid-djar b'riżq il-festa esterna ta' Santa Marija.

28 Jum il-Morda u l-Anzjani. Fil-għodu, saru żjarat lill-morda u l-anzjani rikoverati fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u fil-Kliniċi Privati.
Fil-għaxija ġiet iċċelebrata quddiesa tat-Tlettax -il Erbgħa ta' Santa Marija bis-sehem ta' l-Anzjani minn Dun Mikiel Borg. F'din il-quddiesa ġie amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani li kienu preżenti u wara kien hemm party għalihom fl-Annexe tal-knisja Katidrali. Ħa sehem il-Cathedral Youth Choir. Ġie pprovdut is-servizz tal-minibus.

29 Jum il-Persuni bi bżonnijiet speċjali. Quddiesa minn Dun Manwel Curmi li għaliha kienu mistiedna l-persuni bi bżonnijiet speċjali tal-parroċċa kif ukoll dawk li jattendu l-Adult Training Centre, bis-sehem tal-Cathedral Youth Choir. Wara, sar party għalihom fil-Pjazza tal-Katidral.

30 Għall-ewwel darba sar marċ mill-Banda Ċittadina Leone minn Pjazza San Franġisk sal-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb f'Taċ-Ċawla. Wara saret konċelebrazzjoni Ewkaristika fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb immexxija minn Mons Giovanni B. Gauci Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu tal-Katidral flimkien mal-Presbiterju Parrokkjali tal-Katidral. Il-Cathedral Youth Choir ħa ħsieb l-animazzjoni tal-kant waqt din l-istess quddiesa.

31 Jingħata bidu għall-Kwindiċina ta' Santa Marija. Matul il-jiem kollha tal-Kwindiċina kienu mistiedna t-tfal tal-parroċċa sabiex flimkien jagħmlu l-mixja spiritwali tagħhom li tressaqhom lejn Ommna Marija Assunta. Matul dawn il-jiem ta' Kwindiċina, ingħataw ħafna rigali sbieħ kif ukoll f'kull ġurnata ġie pprovdut għalihom is-servizz tal-minibus.
Jum it-Trabi, it-Tfal, l-Abbatini u l-Grupp tal-Vokazzjonijiet. Quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa minn Fr. Joesph Bajada fejn ġie amministrat is-Sagrament tal-Magħmudija minn Mons Arċipriet. Għal

www.gozocathedral.org.mt

din iċ-ċelebrazzjoni kienu mistiedna l-ġenituri li għammdu lit-trabi tagħhom fil-Katidral matul din l-aħħar sena. Fi tmiem il-quddiesa t-trabi ġew ippreżentati lil Santa Marija u wara ttellgħu bix-xorti xi rigali fost dawn it-trabi preżenti. F'din il-quddiesa saret ukoll il-preżentazzjoni ta' l-abbatini l-ġodda tal-parroċċa kif ukoll ġew ippremjati l-aħjar żewġ studenti minn kull ċentru tad-duttrina li għandna fil-parroċċa. Wara sar Barbecue kbir għat-tfal fil-Pjazza tal-Katidral.
Radju Katidral beda jxandar fuq skeda itwal għall-jiem tal-festa.

Awwissu

1 Fil-għodu sar il-ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija min-niċċa fost il-kant ta' l-innijiet marjani. Dun George Mercieca qara l-poeżija tradizzjonali tiegħu li kienet iġġib l-isem 'Santa Marija, l-Għaxqa tas-sema u l-art'.
Fil-għaxija saret quddiesa li fiha ġie amministrat is-Sagrament taż-Żwieġ bejn George Azzopardi u Miriam Apap.

2 Illum ħabat l-ewwel anniversarju mit-tberik tal-qniepen.
Jum il-Benefatturi Ħajjin u Mejtin. Ġiet iċċelebrata quddiesa, skond l-intenzjonijiet tal-benefatturi ħajjin u b'suffraġju tal-benefatturi u l-parruċċani li mietu matul dawn l-aħħar 8 snin, li tmexxiet minn Fr. Joseph Bajada. Ħa sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

3 Jum l-Istudenti, Żgħażagħ, u l-Isportivi. Quddiesa tal-Kwindiċina mmexxija minn Fr Joesph Bajada u li għaliha kienu mistiedna b'mod speċjali l-istudenti ta' Forms 2, 3, 4 u 5, iż-żgħażagħ kif ukoll il-players u s-supporters ta' l-SK Victoria Wanderers, bis-sehem tal-Cathedral Youth Choir. F'din l-okkażżjoni M'Anġ u Sylvia Grech iċċelebraw il-35 anniversarju miż-żwieġ tagħhom. Wara l-quddiesa ġew organizzati il-'Guochi senza frontiere' fil-Pjazza tal-Katidral, organizzat mill-SK Victoria Wanderers għal kulħadd. F'din l-okkażżjoni il-parroċċa ppreżentat ħames trophies lill-aħjar players tas-sena ta' l-SK Victoria Wandereres – kbar, under-21, under-16, under-14, u under-12.

4 Jum il-Kultura Nisranija. Matul dan il-jum saru guided tours mal-Mużew tal-Katidral u mal-Librerija Pubblika fl-okkażżjoni tal-25 anniversarju mill-inawgurazzjoni tagħhom.
Fil-għaxija saret quddiesa tal-Kwindiċina u ta' l-Erbatax -il Erbgħa ta' Santa Marija minn Fr Joseph Bajada. Din il-quddiesa kienet b'radd il-ħajr lil Alla fl-okkażżjoni tal-25 anniversarju mil-ftuħ uffiċjali tal-Mużew tal-Katidral u tal-Librerija Pubblika tal-Katidral.

5 Jum l-ex-parruċjani u l-emigranti. Quddiesa tal-Kwindiċina minn Fr Joseph Bajada bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis. Għal din iċ-ċelebrazzjoni kienu mistiedna l-ex-parruċċjani li jinsabu joqogħdu f'diversi paroċċi f'Malta u f'Għawdex, kif ukoll l-emigranti. Ħa sehem janima l-qudddiesa l-Chorus Ecclesiae Cathedralis.
Wara inżamm l-Stagecoach Mega Concert fil-Pjazza tal-Katidral. Dan il-kunċert sar b'riżq l-ħidma pastorali li Dun Anton Grech, wild il-parroċċa tal-Katidral, qed iwettaq fost it-tfal ta' Jalapa, fil-Guatemala.

6 Jum l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. L-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi amministra s-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof lit-tfal tal-Parroċċa. Ħa sehem il-Cathedral Youth Choir.

7 Jum il-Qdusija tas-Saċerdoti. Quddiesa ta' Radd il-Ħajr minn Dun Manwel Magro, fl-okkażżjoni tal-25 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Ħa sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

8 Jum ir-Reliġjużi u l-Għaqdiet Kattoliċi. Fil-għodu saret quddiesa għaż-Żgħażagħ, li ġiet animata minn Mario Caruana tal-Grupp Spectrum.
Fil-għaxija saret il-quddiesa tal-Kwindiċina minn Fr Joesph Bajada bis-sehem tar-Reliġjużi u l-Għaqdiet Kattoliċi. Ħa sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis. Saret ukoll l-ikla tradizzjoni tal-Festa fil-Pjazza tal-Katedral.

9 Jum il-Familji. Quddiesa tal-Kwindiċina minn Fr Joseph Bajada. Għal din iċ-ċelebrazzjoni kienu mistiedna l-koppji li żżewġu matul dik l-aħħar sena u dawk kollha li kienu qed jiċċelebraw l-10, l-20, il-25, it-30, l-40, u l-50 anniversarju taż-żwieġ tagħhom. Ħa sehem il-Cathedral Youth Choir.

10 Jum il-Parroċċa tal-Katidral u s-Soċjetà

www.gozocathedral.org.mt

Filarmonika Leone. Quddiesa tal-Kwindiċina mid-direttur Spiritwali tas-Soċjetà Filarmonika Leone Dun George Mercieca, bis-sehem tal-Banda Ċittadina Leone, l-Chorus Ecclesiase Cathedralis, u l-Cathedral Youth Choir.

11-13 Tridu Solenni. L-Omeliji tat-Tridu saru mill-Arċipriet tal-Qala Dun Karm Refalo.

14 Lejlet il-Festa. Fil-għodu kienet iċċelebrata quddiesa għat-tfal kollha tal-Parroċċa mill-Arċipriet Mons Joe Vella-Gauci. Wara l-quddiesa t-tfal immarċjaw għall-każin tas-Soċjetà Filarmonika Leone akkumpanjati mill-Banda fejn sar 'party' għalihom.
Fil-għaxija saret it-Translazzjoni Pontifikali, il-Għasar, u funzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.

15 L-Għid ta' l-Assunta. Il-quddies kien fl-4.15 am, 5.45 am, 6.30 am, 7.15 am, 8.00 am, 9.00 am (Pontifikal), 10.30 am, 11.15 am, 12.00, 1.00 pm u 5.00 pm. Fit-8.00 am ġiet iċċelebrata quddiesa fuq il-muntanja ta' Gelmus għal dawk kollha involuti fin-nar.
Il-konċelebrazzjoni Pontifikali tmexxiet mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi flimkien mal-Kapitlu Katidrali. Fi tmiem il-Pontifikal ngħatat l-Barka Appostolika minn Mons Isqof bir-rebħ ta' l-Indulġenza Plenarja. Kienet esegwita għall-ewwel darba l-quddiesa l-ġdida *Missa in Solemnitate Sanctae Mariae Assumptae* ta' Maestro Joseph Sammut, imħallsa minn Maria Theuma.
Fil-għaxija, il-Vigarju Ġenerali, l-Arċidjaknu Giovanni B. Gauci mexxa l-Għasar Solenni u wara funzjoni Ewkaristika bil-Barka Sagramentali.
Fis-6.30pm bdiet ħierġa l-purċissjoni. Waqt li l-istatwa ta' Santa Marija kienet fil-bieb il-kbir kien esegwit l-innu immortali *A Maria Assunta* mill-Banda Ċittadina *Leone* bis-sehem tal-Kor, tenur, u baritonu. Il-Banda Ċittadina *Leone* akkumpanjat il-purċissjoni.
Fl-10.30 pm folla enormi fil-Pjazza tal-Katidral u fuq is-swar taċ-Ċittadella taw l-aħħar tislima tagħhom lill-Assunta fid-dħul tagħha fil-Katidral ta' Għawdex bil-kant ta' l-Ave Marija. F'din l-okkażjoni ngħatat il-Barka Sagramentali minn Mons. Lawrenz Sciberras. Kien hemm ukoll spettaklu meraviljuż u singulari ta' logħob tan-nar ta' l-ajru minn fuq l-għolja ta' Gelmus koordinat mill-Vampa Organisations li seta' jitgawda tajjeb ħafna mill-folla li kienet qed tassisti għad-dħul ta' l-istatwa.

23 Quddiesa ta' radd il-Ħajr bl-evalwazzjoni tal-festa mill-Arċipriet Joe Vella-Gauci. Wara l-quddiesa l-istatwa ta' Santa Marija ddaħħlet fin-niċċa tagħna fost il-kant ta' l-innijiet marjani u wara kien hemm barbecue ta' l-għeluq tal-festi fil-Pjazza tal-Katidral.

Settembru

5 Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

8 Fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja l-quddies fil-Knisja Katidrali kien iċċelebrat fl-4.45am, 5.30am, 6.15am, 7.00am, 8.00am, 9.15, 10.30am, 11.30, 5.00pm u 6.15pm.

14 Organizzata ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fil-knisja tal-Kapuċċini u light refreshments fil-Moby Dick, Xlendi.

16 Ħabat il-140 Anniversarju mit-twaqqif tad-Djoċesi u minn meta l-Matriċi u Kolleġġjata ta' Għawdex ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Katidral.
Ħarġa għal Malta għall-istudenti ta' Forms 2-5.

21 Coffee Morning fil-Crystal Palace, Masalforn.

24 Organanizzata ħarġa għall-istudenti ta' Forms 2-5 f'Kemmuna.

30 Seminar għall-katekisti f'Manresa, bis-suġġett "Iċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija f'Jum il-Ħadd" mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons Carmelo Mercieca.

Ottubru

1 Saret nofs siegħa adorazzjoni komunitarja quddiem Ġesù Sagramentat fl-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.

2 Reġgħet bdiet il-quddiesa tat-tfal fil-Katidral.
Lejl ta' Talb u Adorazzjoni fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi.

3 Festa tal-Madonna tar-Rużarju. Quddiesa mill-Vigarju Ġenerali Giovanni B Gauci, bl-omelija ta' l-okkażjoni bis-sehem tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. L-arċipriet ta l-mandat tat-tagħlim tad-duttrina lill-katekisti tal-parroċċa. Wara ħarġet il-Purċissjoni-Pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju mmexxija mill-Vigarju Ġenerali Giovanni B Gauci.
Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa

www.gozocathedral.org.mt

Marija.

4 Seminar għall-Presbiterju Parrokkjali f'Dar Stella Maris, bis-suġġett "Iċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija f'Jum il-Ħadd" mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons Carmelo Mercieca.
Bdiet il-quddiesa ta' kuljum għat-tfal fiċ-ċentru Parrokkjali.

5 Seminar għal-Lajċi Impenjati f'Dar Stella Maris, bis-suġġett "Iċ-Ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija f'Jum il-Ħadd" mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons Carmelo Mercieca.

8 Prayer Meeting għall-Istudenti ta' Forms 2-5 immexxi minn Fr. Rueben Micallef u wara kien hemm Night Hike.

11 Ħabat il-288 Anniversarju mill-Konsagrazzjoni tal-Katidral. Fis-7.15pm Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr flimkien mar-Rev.mu Kapitlu Katidrali. Ħa sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis.
Saret l-ewwel laqgħa għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

12 L-ewwel laqgħa għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.
Organizzata ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fil-kappella tal-Patroċinju u light refreshments fis-Sea Shells Restaurant, Xlendi.

17 B'effett mil-lum fil-Katidral żdiedet quddiesa oħra fil-għaxija, fis-7.00pm.

18 Sar Tour Kulturali ġewwa l-Katidral u madwar iċ-Ċittadella mmexxi minn Monsinjur Dr Joseph Bezzina bħala parti mill-festival kulturali organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Leone, Cittadella – Gozo for Arts and Culture.

21 Festa ta' Sant' Ursola. Kon-titular tal-Knisja Katidrali flimkien mal-Assunzjoni ta' Marija fis-sema u Patruna ta' Għawdex. Konċelebrazzjoni mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

23 Sar kunċert ta' mużika sagra fil-knisja Katidrali. F'dan il-kunċert ġew esegwiti siltiet mużikali mill-arkivju Mużikali tal-knisja Katidrali bħala parti wkoll mill-festival kulturali organizzat mis-Soċjetà Filarmonika Leone, Cittadella – Gozo for Arts and Culture.

24 Ġurnata Mondjali Missjunarja. Il-ġbir kien b'riżq l-Artijiet tal-Missjoni.

26 Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.

29 Saret quddiesa għall-istudenti ta' Forms 2, 3, 4, & 5, u wara kellhom attività soċjali għalihom.

Novembru

1 Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-ET Mons. Isqof, fl-okkażjoni tas-Sollenità tal-Qaddisin Kollha, bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Ħa sehem il-Chorus Ecclesia Cathedralis.
Ħabat il-54 anniversarju minn meta l-Papa Piju XII ipproklama bħala Domma ta' Fidi t-Tlugħ fis-Sema ta' Marija bir-ruħ u l-ġisem.

2 Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni tal-Għid ta' l-Imwiet immexxija mill-ET Mons. Isqof, fl-okkażżjoni tal-Festa tal-Qaddisin Kollha, bis-sehem tar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Ħa sehem il-Chorus Ecclesia Cathedralis. Matul dan il-jum il-quddies fil-Katidral kien iċċelebrat f'dawn il-ħinijiet: fil-5.00am, 5.20am, 5.40am, 6.00am, 6.20am, 6.40am, 7.00am, 7.20am, 7.40am, 8.00am, 8.20am, 8.40am, 9.30am(Ċentru), 9.50am (Ċentru), 12.40pm, 1.00pm, 1.20pm, 6.00pm u 7.15pm.

7 Mil-lum daħlu fis-seħħ il-ħinijiet il-ġodda tal-Quddies tal-Ħdud u tal-Festi fil-Katidral. Is-Sibt fil-għaxija 6.00pm u 7.00pm. Il-Ħadd fil-għodu: 4.45am, 5.45am, 6.45am, 7.45am, 9.00am (Konv), 10.00am, 11.00am u 12.00pm. Il-Ħadd fil-għaxija: 5.00pm, 6.00pm u 7.00pm.
Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
Mill-lum fetaħ il-bookings għall-intenzjonijiet tal-quddies għas-sena 2005.

8 Laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

9 Organizzata ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija u light refreshments fil-Lantern, Bar & Restaurant, M'Forn.
Laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

12 Mons. Isqof mexxa konċelebrazzjoni li fiha ta l-Ministeru tal-Lettorat u l-Akkolitat lis-seminaristi.
Attività għall-istudenti ta' Forms 2, 3, 4 & 5. Saret quddiesa fil-Kappella ta' Santa

www.gozocathedral.org.mt

Barbra, fejn ftakru fl-għeżież mejtin tagħhom u wara attività soċjali għalihom.
13 Quddiesa b'suffraġju tal-membri mejtin ta' l-SK Victoria Wanderers.
16 Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.
17-23 Infetħet wirja bl-Istatwi Titulari ta' l-Iskultur Għawdxi Wistin Camilleri. Din il-wirja ġiet inawgurata mill-ET Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi waqt serata kommemorattiva.
21 Il-ġbir li sar waqt il-quddies kien għall-karità.
Il-parroċċa tal-Katidral ħadet sehem fil-Korteo ta' Kristu Re u fil-manifestazzjoni djoċesana li ġiet organizzata fil-kumpless Sportiv.
28 Tqassam il-programm tal-Milied. Il-quddiesa ta' l-ewwel Ħadd ta' l-Avvent tmexxiet minn Fr. Martin Cilia MSSP.

Diċembru

3 Beda l-Kors ta' Tħejjija għaż-Żwieġ għall-għarajjes, organizzat mill-Family & Social Action Group fi ħdan il-Parroċċa tal-Katidral.
4 Nofs ta' nhar ta' talb bi tħejjija għall-Milied għat-tfal li ser jirċievu s-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina.
5 Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
Il-quddiesa tat-tieni Ħadd ta' l-Avvent tmexxiet minn Dun Karm Refalo.
6 Seminar għall-Presbiterju Parrokkjali u l-lajċi impenajti fi ħdan il-Parroċċa bis-suġġett "L-Ewkaristija Prefigurata fit-Testment il-Qadim issib il-Milja tagħha fil-Ġdid Testment". Tmexxa minn Mons. Lawrenz Sciberras u sar f'Stella Maris, iż-Żebbuġ.
7 Saret il-ħarġa tal-Milied f'Malta organizzata mill-Parroċċa tal-Katidral u s-Soċjeta' Filarmonika Leone. Fost l-oħrajn żaru l-Kunċizzjoni ta' Bormla u r-Redentur ta' l-Isla.
8 Solennità ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Il-quddies kien fl-istess ħinijiet tal-Ħadd. Fit-7.45am saret Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ. Cauchi.
9 Ħarġa tal-Milied f'Malta għall-Istudenti ta' Forms 2-5.
11 Nofs ta' nhar ta' talb bi tħejjija għall-Milied għat-tfal li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.
Fil-għaxija saret quddiesa tal-Milied għall-membri ta' l-SK Victoria Wanderers.
12 Il-quddiesa tat-tielet Ħadd ta' l-Avvent tmexxiet minn Dun Karm Refalo.
13 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Masalforn.
15-23 Novena tal-Milied għat-Tfal u għall-Kbar. Fil-5.00pm quddiesa bl-omelija tan-novena mill-Gwardjan Fr Christopher Farrugia ofm.
18 Lejl ta' Talb u Adorazzjoni fil-Katidral bi tħejjija għat-twelid ta' Ġesù Bambin. Mexxa l-Grupp Ewkaristiku Għawdxi flimkien mas-Seminaristi tal-Parroċċa.
19 Il-quddiesa tar-raba' Ħadd ta' l-Avvent tmexxiet minn Dun Karm Refalo.
21 Ħarġa tal-Milied għall-anzjani.
23 Quddiesa ta' l-aħħar jum tan-novena tat-tfal minn Fr Alfred Farrugia MSSP. Wara l-quddiesa Father Christmas qassam ir-rigali tal-Milied lit-tfal kollha li attendew għan-novena.
24 L-ewwel anniversarju minn meta ndaqqu għall-ewwel darba l-qniepen il-ġodda mill-kampnar tal-Katidral.
F'Nofs il-Lejl saret il-Konċelebrazzjoni Pontifikali mill-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi.
25 Jum il-Milied – Koċelebrazzjoni Pontifikali
Fil-għaxija mexxa quddiesa għat-tfal l-Arċipriet fejn fiha saret il-priedka tal-Milied mit-tfajjel Nicholas Grima. Wara reġgħew tqassmu bosta rigali lit-tfal.
28 Ġiet organizzata passiġġata għat-tfal tal-parroċċa fil-kampanja.
29 It-Tfal tal-parroċċa għamlu żjarat lill-morda u lill-anzjani rikoverati fil-kliniċi tas-Sorijiet Karmelitani (tal-Katidral), ta' Trionfi, u tad-Dumnikani.
31 Jum ta' adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat b'radd il-ħajr tas-sena li ntemmet.
Fil-għaxija, l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali ta' Radd il-Ħajr flimkien mal-kapitlu tal-Katidral bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis u orkestra.

Jannar

1 Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' l-Ewwel

www.gozocathedral.org.mt

Jum tas-Sena bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

2 Konċelebrazzjoni tas-Solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis.
Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
Tqassmet il-35 ħarġa tal-kalendarju għas-sena 2005 maħruġ mill-Uffiċċju Parrokkjali.

3-5 Live-in Experience għall-Istudenti ta' Forms 2-5, fid-Dar ta' San Ġużepp, Għajnsielem.

7 L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Saret quddiesa fil-Każin tal-Banda Leone għall-membri tal-kumitat, il-bandisti, is-soċji u l-partitarji kollha tas-Soċjetà Leone. Din kienet animata mill-Cathedral Youth Choir.

8 Ikla tal-Ħbieb organizzata mill-Parroċċa tal-Katidral, f'Palazzo Margerita, Sannat.

10 Laqgħa tax-xahar għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

11 Organizzata ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fil-knisja ta' Sant Anton Abbati, Xagħra u light refreshments f'San Andrea Hotel, Xlendi.
Laqgħa tax-xahar għat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina.

18 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.

24 L-amministrazzjoni tal-Katidral għarfet lill-pubbliku li b'effett mil-lum waqqfet is-servizz tal-parking tal-Katidral matul il-jiem tal-ġimgħa.

28 Attività, li kienet tikkonsisti f'Film-Forum, għall-Istudenti ta' Forms 2-5.

31 Fl-okkażjoni tal-Festa Liturġika ta' San Ġwann Bosco, l-Arċipriet mexxa l-konċelebrazzjoni ta' nhar il-Festa fl-Oratorju Don Bosco bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

Frar

2 Konċelebrazzjoni tal-Preżentazzjoni tal-Mulej. F'din l-okkażjoni saret il-preżentazzjoni tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof lil Mons. Isqof.

4 Saret laqgħa ta' ko-ordinament fl-annexe tal-knisja Katidrali għall-preżentaturi ta' Radju Katidral fuq l-iskeda l-ġdida tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa.
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Saret quddiesa fil-Każin tal-Banda Leone għall-membri tal-kumitat, il-bandisti, is-soċji u l-partitarji kollha tas-Soċjetà Leone. Din kienet animata mill-Cathedral Youth Choir.

6 Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
Mal-ħarġa tal-Bullettin tqassam il-programm dettaljat tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa.

8 Organizzata ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fil-knisja ta' San Pawl, M'forn u light refreshments fil-Cornucopia Hotel.

9 Ras ir-Randan. Amministrat is-Sagrament tal-qrar lit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u wara, l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali bit-tberik ta' l-Irmied, bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

10 Sollenità ta' San Pawl Missierna. Il-quddies fil-Katidral kien iċċelebrat fl-istess ħinijiet tal-quddies tal-Ħdud.

11 Saret l-ewwel laqgħa minn sensiela ta' tlieta, għaż-żgħażagħ tal-parroċċa, bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa, minn Dun Michael Said. Dawn il-laqgħat saru minflok l-Eżerċizzi Spiritwali għaż-Żgħażagħ.
Saret il-Via Sagra għall-Istudenti ta' Forms 2-5 fuq l-Għolja t'Għammar.

11-13 Weekend Break, f'lukanda Malta, organizzat mill-Parroċċa tal-Katidral.

13 Quddiesa ta' l-Ewwel Ħadd tar-Randan mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons. Carmelo Mercieca. Matul il-Ħdud tar-Randan il-quddiesa tas-7.00pm bdiet issir fis-7.15pm.

15 Laqgħa ta' talb bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa għall-membri tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis. Wara kienet organizzata ikla għall-istess membri.

18 Saret it-tieni laqgħa minn sensiela ta' tlieta, għaż-żgħażagħ tal-parroċċa, bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa, minn Dun Michael Said.

19 Lejl ta'talb u adorazzjoni mmexxi mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi.

20 Quddiesa tat-Tieni Ħadd tar-Randan mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons. Carmelo Mercieca.

22 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.

24 Saret laqgħa għall-membri tal-Presbiterju Parrokkjali, Kunsill Parrokkjali, Katekisti u Lajċi oħra impenjati fil-Parroċċa, f'Dar Stella Maris, Żebbuġ. Din ġiet immexxija

www.gozocathedral.org.mt

mis-Sur Peter Paul Portelli, Social Worker u ttratta s-suġġett "Il-Familja fi ħdan is-Soċjetà Għawdxija".

25 Saret it-tielet laqgħa minn sensiela ta' tlieta, għaż-żgħażagħ tal-parroċċa, bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa, minn Dun Michael Said. Saret l-ewwel laqgħa minn sensiela ta' tlieta, għall-Istudenti tal-parroċċa minn Forms 2-5, bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa, minn Fr Alfred Farrugia MSSP. Dawn il-laqgħat saru wkoll minflok l-Eżerċizzi Spiritwali għall-Istudenti.

26 Nofs ta' nhar ta' Irtir bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa għat-tfal li ser jirċievu s-Sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma ta' l-Isqof. Dan sar fil-Kunvent ta' Sant' Wistin, Victoria.

27 Quddiesa tat-Tielet Ħadd tar-Randan mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons. Carmelo Mercieca.

28-4 Eżerċizzi Spiritwali għat-tfal minn Fr Alfred Farrugia MSSP.

Marzu

4 Saret t-tieni laqgħa minn sensiela ta' tlieta, għall-Istudenti tal-parroċċa minn Forms 2-5, bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa, minn Fr Alfred Farrugia MSSP.
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Saret quddiesa fil-Każin tal-Banda Leone għall-membri tal-kumitat, il-bandisti, is-soċji u l-partitarji kollha tas-Soċjetà Leone. Din kienet animata mill-Cathedral Youth Choir.

6 Quddiesa tar-Raba' Ħadd tar-Randan mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons. Carmelo Mercieca.
Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

8 Tħabbret il-mewt ta' Mons Carmelo Scicluna Dekan tal-Kapitlu Katidrali u ex-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Katidral, fl-età ta' 73 sena.

7-11 Fil-5.15pm saru l-eżerċizzi Spiritwali għal kulħadd minn Dun Ġorġ Dalli, filwaqt li fis-7.30pm, l-eżerċizzi Spiritwali għall-Miżżewġin mill-istess predikatur.

9-11 Saret il-fiera tal-figolli fiċ-ċentru parrokkjali tal-Katidral

11 Saret t-tielet u l-aħħar laqgħa, għall-Istudenti tal-parroċċa minn Forms 2-5, bi tħejjija għall-Ġimgħa Mqaddsa, minn Fr Alfred Farrugia MSSP.

12 Sar il-funeral ta' Mons. Carmelo Scicluna. Il-korteo funebri telaq minn quddiem il-każin tas-Soċjetà Filarmonika Leone akkumpanjat mill-Banda Ċittadina Leone sa ħdejn is-Sorijiet Karmelitani fejn hemmhekk ġie milqugħ mir-Rev.mi membri tal-Kapitlu Katidrali u akkumpanjawh sal-knisja Katidrali. Il-quddiesa funebri ġiet iċċelebrata mill-Vigarju Ġenerali u Arċidjaknu Mons Giovanni B. Gauci flimkien ma' għadd ta' saċerdoti u bis-sehem tal-Chorus Ecclesiae Cathedralis. Fi tmiem il-quddiesa Monsinjur Isqof tah l-aħħar tislima u bierek il-katavru. Wara, saret id-difna fil-qabar tal-familja, fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija.

13 Quddiesa tal-Ħames Ħadd tar-Randan mill-Arċipriet tax-Xewkija Mons. Carmelo Mercieca.

14-18 Eżerċizzi Spiritwali għall-anzjani minn Mons Rużar Ġ. Borg fiċ-Ċentru Parrokkjali.

18 Jum id-Duluri tal-Verġni Marija. F'dan il-jum il-quddies fil-Katidral ġie ċċelebrat f'dawn il-ħinijiet: 4.45am, 5.30am, 6.15am, 7.00am, 7.30am, 8.00am, 9.30am (Ċentru Parrokkjali), 1.00am, 5.00pm, u 7.15pm.

19 Solennità ta' San Ġużepp. Quddies bħall-Ħdud. Fit-7.45am l-E.T. Mons Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.
Fil-għaxija, manifestazzjoni ta' Ħadd il-Palm għat-tfal u quddiesa li matulha ngħataw tifkira speċjali ta' Ħadd il-Palm kif ukoll itellgħu tnax bix-xorti bħala appostli.

20 Ħadd il-Palm. Konċelebrazzjoni Pontifikali tat-tberik tal-Palm.

22 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.
Il-Parroċċa flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Leone għamlu kunċert ta' mużika sagra bis-sehem tal-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*, tal-*Cathedral Youth Choir*, u l-Banda Ċittadina *Leone*.

23 L-Erbgħa tat-Tniebri. Ċelebrazzjoni Ewkaristika ta' l-Ikla tal-Mulej għat-tfal li fiha l-arċipriet ħasel ir-riġlejn ta' tnax-il tifel u tifla. Wara l-funzjoni, tqassmu l-kagħak ta' l-appostli lit-tfal kollha preżenti.

24 Ħamis ix-Xirka. Fil-għodu l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni tat-Tberik taż-Żjut fejn ikkonċelebraw il-qassisin kollha ta' Għawdex. Fi tmiem il-pontifikal l-Isqof ta

www.gozocathedral.org.mt

l-Barka Appostolika bir-rebħ ta' l-indulġenza plenarja.
Fil-għaxija l-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali ta' l-Ikla tal-Mulej.
Iż-żgħażagħ u l-istudenti tal-parroċċa flimkien ma' l-arċipriet għamlu l-visti tas-seba' sepulkri fl-irħula.

25 Il-Ġimgħa l-Kbira. L-Isqof mexxa l-funzjoni tat-Tifkira tal-Mewt tal-Mulej. Ħarġet il-purċissjoni tal-Passjoni mill-Knisja Katidrali bis-sehem tal-Kapitlu u tal-Banda Ċittadina *Leone*.

26 Sibt il-Għid. L-Isqof mexxa l-funzjoni tal-Vġili l-Kbira tal-Għid.

27 L-Għid il-Kbir. L-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali.
Fil-10.45 am manifestazzjoni bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt mill-Katidral bis-sehem tal-Banda Ċittadina *Leone*.
Fil-għaxija quddiesa għat-tfal mill-arċipriet u wara l-quddiesa tqassmu l-figolli tal-Għid lit-tfal kollha.

28 Beda t-tberik tal-familji mill-arċipriet.

30 Ħarġa f'Malta għall-festa ta' San Girgor, Marsaxlokk.

April

1 L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Saret quddiesa fil-Każin tal-Banda Leone għall-membri tal-kumitat, il-bandisti, is-soċji u l-partitarji kollha tas-Soċjetà Leone. Din kienet animata mill-Cathedral Youth Choir.

3 Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

8 Sar Night Hike għall-Istudenti ta' Forms 2-5.

9 Id-Djoċesi ta' Għawdex fakkret il-mejjet Papa Ġwanni Pawlu II b'konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons Isqof Nikol Ġ Cauchi, fil-Knisja Katidrali, flimkien ma' għadd kbir ta' saċerdot. Ħa sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis.

10 Il-Ġbir li sar waqt il-quddies kien b'riżq l-Art Imqaddsa

11 Saret l-aħħar laqgħa għat-tfal tal-Griżma ta' l-Isqof.

12 Saret l-aħħar laqgħa għat-tfal tal-Ewwel Tqarbina.
Organizzata ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fil-knisja ta' Sant' Antnin, Għajnsielem u light refreshments fis-Seashells Restaurant, Xlendi.

15-17 Weekend Break, f'lukanda Malta, organizzat mill-Parroċċa tal-Katidral.

19 Il-qniepen tal-Katidral l-ewwel li jħabbru lill-gżira Għawdxija l-għażla tal-Papa Benedittu XVI.
Mons Isqof iltaqa' mat-tfal li matul din is-sena ser jirċievu s-Sagramenti ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof.

24 Mal-ħarġa tal-Bullettin tqassam il-programm dettaljat għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġrajja tad-29 ta' April 1956, ta' l-Ewwel Erbgħa bi theġġija għall-festa ta' Santa Marija, u tal-Ġimgħa Liturgiko-Ewkaristika.

24-8 Ittellgħet Wirja ta' Ganutell, arranġamenti ta' fjuri, kif ukoll pittura b'temi marjani u b'rabta mal-knisja Katidrali.

26 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.

28 Ftuħ tal-Festi taċ-Ċinkwantenarju minn meta s-Soċjetà Filarmonika Leone rregalat l-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija lill-Katidral ta' Għawdex. Sar marċ miċ-ċentru sal-Katidral u wara sar il-ħruġ ta' l-Istatwa ta' Santa Marija min-niċċa. Ġiet inawgurata il-wirja "50 sena fil-Katidral".

29 Dun Jesmond Grech sdb mexxa Konċelebrazzjoni ta' Radd il-Ħajr fl-okkażjoni tat-49 anniversarju minn meta s-Soċjetà Filarmonika Leone rregalat l-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija lill-Knisja Katidrali bis-sehem il-Banda Ċittadina *Leone* u l-*Chorus Ecclesiae Cathedralis*. Wara l-quddiesa kull tifel u tifla li din is-sena ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof ingħataw tifkira tal-fidda.

Mejju

1 Fil-għaxija saret quddiesa mill-Gwardjan Christopher Farrugia. F'din l-okkażjoni tbierku l-għodda tal-ħaddiema fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp Ħaddiem. Ħa sehem il-Chorus Ecclesiae Cathidralis. Wara l-quddiesa tbierku l-inkwadri bix-xbieha ta' Santa Marija li ser jiddawru fid-djar tal-parruċċani kollha.
Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.

2 Dun Ġorġ Dalli ta konferenza bis-suġġett

www.gozocathedral.org.mt

"L-Ewkaristija tibni l-Knisja u l-Familja".
3 L-Isqof mexxa konċelebrazzjoni li fiha amministra s-sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina.
4 L-Ewwel Erbgħa bi tħejjija għall-festa ta' Santa Marija. L-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali ta' l-Ewwel Erbgħa ta' Santa Marija.
5 Konċelebrazzjoni li fiha l-Isqof amministra s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.
6-8 Tlett ijiem ta' adorazzjoni solenni tal-Kwaranturi.
6 Quddiesa mill-Gwardjan Patri Christopher Farrugia, bis-sehem tal-Katekisti f'għeluq is-sena Kateketika. F'din l-okkażjoni ingħata ċ-ċertifikat ta' tifkira lit-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof. Ha sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis.
7 Quddiesa mill-Gwardjan Patri Christopher Farrugia fejn ġie amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-anzjani. Ha sehem il-Chorus Ecclesiae Cathedralis. Wara, *get-together* għall-anzjani fl-annexie tal-Katidral.
Lejl ta' talb u adorazzjoni li tmexxa mill-Grupp Ewkaristiku Għawdxi u li ntemmet b'quddiesa f'nofs il-lejl.
8 L-Isqof mexxa konċelebrazzjoni pontifikali f'għeluq il-Kwaranturi. Wara, purċissjoni bis-Sagrament immexxija mill-Vigarju Ġenerali bis-sehem tat-tfal kollha ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof u tal-parruċċani.
10 Organizzata ħarġa għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fil-Kappella tal-Madonna tal-Blat, il-Qala u light refreshments f'Café Roma, Victoria.
11 Quddiesa tat-Tieni Erbgħa ta' Santa Marija minn Mons. Giovanni B. Gauci Vigarju Ġenerali.
15 Solennità ta' Għid il-Ħamsin. Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons Isqof flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral.
18 Quddiesa tat-tielet Erbgħa ta' Santa Marija mill-Arċipriet ta' l-Għarb, Mons. Carmelo Gauci.
22 Imniedi s-Summer Club għal żewġ kategoriji ta' tfal għas-Sajf 2005.
24 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.
25 Quddiesa tar-Raba' Erbgħa ta' Santa Marija mill-Arċipriet ta' l-Għarb, Mons Carmelo Gauci.
27 Prayer Meeting għall-Istudenti ta' Forms 2-5 fil-kappella tal-Madonna tal-Blat, Hondoq ir-Rummien u wara picnic fl-istess bajja.
29 Solennità tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu. Konċelebrazzjoni Pontifikali minn Mons Isqof flimkien mar-Rev.mu Kapitlu tal-Katidral. Ha sehem il-Kor tas-Seminaristi.

Ġunju

1 Quddiesa tal-Ħames Erbgħa ta' Santa Marija minn Fr. Jesmond Micallef.
3 L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Saret adorazzjoni komunitarja fil-knisja Katidrali.
5 Il-ġbir kien b'riżq il-festi esterni ta' Santa Marija.
Radju Katidral għamel appell lil dawk kollha li setgħu jgħinu kemm fit-tenika kif ukoll fil-preżentazzjoni tal-programmi.
8 Quddiesa tas-Sitt Erbgħa ta' Santa Marija minn Fr. Jesmond Micallef.
12 Tħabbru l-ħatriet ġodda fil-Kapitlu tal-Katidral. Mons. Isqof għoġbu jagħti d-dinjità ta' Dekan lil Mons Anton Gauci, dik ta' Kantur lil Mons Girgor Vella, u dik ta' Teżorier lil Mons Ġużeppi Azzopardi.
14 Organizzata l-ħarġa tax-xahar għall-anzjani, b'quddiesa ċċelebrata fil-knisja tal-Fontana fl-okkażjoni tal-Festa Titular tal-Qalb ta' Ġesù, u light refreshments fil-Bukkett Restaurant, il-Qala.
15 Quddiesa tas-Seba' Erbgħa ta' Santa Marija minn Fr. Christopher Farrugia ofm.
17 Saret quddiesa għall-Istudenti ta' Forms 2-5 u wara, Night Hike fil-kampanja.
19 Mikxuf dokument ta' importanza tremenda dwar l-Istorja Medjevali tal-Knisja Katidrali, li juri li l-istess Knisja Katidrali kienet ġa Kolleġġjata fl-1450.
Il-Cathedral Youth Choir għamel appell għall-membri ġodda fil-kor.
L-uffiċċju parrokjali għamel appell għall-abbattini ġodda.
21 Organizzat Coffee Morning fil-Crystal Palace, Marsalforn.
22 Quddiesa tat-Tmien Erbgħa ta' Santa Marija minn Fr. Christopher Farrugia ofm.
24 L-Isqof mexxa l-funzjoni ta' l-Ordinazzjoni ta' djaknu u ħames saċerdoti.

www.gozocathedral.org.mt

KRONAKA TAL-PARROĊĊA
1 ta' Lulju 2004 - 30 ta' Ġunju 2005

Magħmudijiet

DATA	ISEM TAT-TARBIJA	ISEM IL-ĠENITURI
01-07-04	MAURICE GAETANO ZAMMIT	Teddy u Jennifer Miriam
23-07-04	TIFFANY ANN GATT	Brian u Romina
31-07-04	NAHOR GRIMA	Patrick u Godwine
03-10-04	MIGUEL GRECH	Martin u Marita
31-10-04	KIRA LILIAN CAMILLERI	Jeremy u Diane
27-11-04	FRANCESCO MASINI	Ian u Doreen
28-11-04	CHARLON CURMI	Michael Godfrey u Luigiana
05-12-04	ANTONIO GRECH	Michael u Lara
11-12-04	LUIGI VELLA	Anthony u Maria
25-02-05	MARTINA MARIE GRECH	Joseph u Elise
26-03-05	MICHAELA MARIE VELLA	Joseph u Georgienne
03-04-05	ELLYN ROSE DEBRINCAT	Anthony u Natalie
22-05-05	ALYSSA BUGEJA	Liza
29-05-05	SIMON RAPA	Joseph u M'Concetta
05-06-05	JOACHIM GRECH	Gordon u Joyce
07-06-05	NICOLAI BONELLO	Mario u Katya
12-06-05	AMY MERCIECA	Marlon u Sarah Jane
17-06-05	NESIME TOUALI	Mahjoub u Margareth

Żwiġijiet

Data	Isem
03-07-04	Gordon Spiteri (Attard, Malta) u Mary Rose Sciberras (Katidral)
10-07-04	Robert Demarco (Attard, Malta) u Melanie Eve Grech (Katidral)
16-07-04	Edgar Joseph Mercieca (Għajnsielem) u Jacqueline Mary Galea (Katidral)
17-07-04	Tony Peter Grima (USA) u Estelle Muscat (USA)
23-07-04	Ivan Grech (Qala) u Maureen Paula Jane Gatt (Katidral)
01-08-04	George Azzopardi (San Ġorġ) u Miriam Apap (Katidral)
21-08-04	John Cassar (Għajnsielem) u Sarah Xerri (Katidral)
28-08-04	Kevin Charles Vella (Xagħra) u Eileen Camilleri (Katidral)
04-09-04	Pierre Galea (Xagħra) u Evelyn Bezzina (Katidral)
07-09-04	Raymond Zahra (Qormi, Malta) u Mary Camilleri (Kerċem)
25-09-04	Angelo Vella (Kerċem) u Marisa Grech (Katidral)
20-11-04	Victor Axiaq (Qala) u Marthese Sacco (Żebbuġ)
05-12-04	Robert Joseph Xuereb (Nadur) u Claire Camilleri (Katidral)
18-12-04	John Camilleri (Katidral) u Lorna Dimech (Katidral)
19-12-04	Christian Abela (San Ġorġ) u Mariella Gatt (Katidral)
30-04-05	Joseph Debrincat (Katidral) u Tanya Abela (Katidral)
21-05-05	Robert Borg (Xagħra) u Marlene Grech (Katidral)
28-05-05	Robert Pisani (Nadur) u Lisa Debono (Xewkija)
18-06-05	Joseph Cini (Żebbuġ) u Maureen Gatt (Katidral)

www.gozocathedral.org.mt

Mwiet

Date	Isem
14-08-04	Joseph Bugeja ta' 77 sena
17-08-04	Annunziata Vella ta' 95 sena
27-08-04	Dolora Attard ta' 67 sena
04-09-04	Maria Spiteri ta' 67 sena
04-09-04	Ċettina Debrincat ta' 58 sena
19-09-04	Dolora Attard ta' 83 sena
21-09-04	Maria Azzopardi ta' 67 sena
04-10-04	Hilda Debrincat ta' 89 sena
14-11-04	Giuseppe Toja ta' 78 sena
29-11-04	Michael Axiaq ta' 90 sena
02-01-05	Emanuel Caruana ta' 49 sena
10-01-05	George Fenech ta' 75 sena
20-01-05	Anastasia Portelli ta' 84 sena
29-01-05	Tarċisia Debono ta' 88 sena
16-02-05	Ewkaristiku Mifsud ta' 77 sena
24-02-05	Paul Xerri ta' 80 sena
05-03-05	M'Assunta Psaila ta' 96 sena
08-03-05	Mons Dekan Carmelo Scicluna ta' 73 sena
10-03-05	Maria Antonia Refalo ta' 83 sena
18-03-05	Anton Tabone ta' 85 sena
19-04-05	Mananni Scicluna ta' 95 sena
21-06-05	Kelina Fenech ta' 82 sena

L-Ewwel Tqarbina

03-05-05

Attard Marcello, Bezzina Rachael, Calleja Josephine, Cini Sabrina, Dimech Martina, Farrugia Filippo, Farrugia Trevor, Formosa Gordon George, Gatt Aurora Domenique, Gauci Josef, Grech Marise, Grech William, Grima Laura Emma, Grima Pia Marie, Grima Pierre Sylvio, Mercieca Christopher, Mercieca Elyse, Psaila Nicole, Said Ryan, Saliba Andrew, Spiteri Stephanie, Vella Chantelle, Xerri Carlos, Zammit Nicholas.

04-08-05

Abela Sarah, Bajada Jasmine Alexia, Bonnici Anna, Cordina Andrea, Farrugia Lara, Farrugia Luke, Fenech Deborah, Xuereb Karl.

Griżma ta' l-Isqof

05-05-05

Attard Elaine, Axiak Adrian, Bondi Hannah, Borg David, Calleja Joel, Cassar Steve, Cini Tony, Debrincat Maxine, Dimech Maria, Dimech Steve, Dimech Yana, Gerardi Rebecca, Grech Christiana Marie, Schembri Analise, Scerri Kristen, Scerri Maria, Scicluna Marie Christine, Vassallo Sarah, Vella Nicholas, Xuereb Melvyn, Zammit Gabriel.

04-08-05

Bajada Desiree Marie, Bonnici Joseph, Buttigieg Maria, Camilleri Nathaniel, Caruana Joseph, Farrugia Christiana, Farrugia Emma, Gatt Anabelle, Gatt Elio Joe, Grech Daniel, Grech Giovanni, Haber Gabriel, Mercieca Mario, Mizzi Lara Marie, Portelli Mary Anne, Vella Samantha, Zammit Maria.

www.gozocathedral.org.mt

WERREJ

- Editorjal — Kolleġġjata lejn is-sena 1445 3
- MAXIMILLIAN GRECH - Dun Ġużepp Bezzina, monsinjur tal-Katidral 4
- JOSEPH BEZZINA - Il-Matriċi Santa Marija, kolleġġjata lejn is-sena 1445 6
- ANTON F. ATTARD - Il-Knisja ta' l-Assunta, kolleġġjata sa mill-medjuevu 11
- JOSEPH BEZZINA - L-Arċipriet Saverio Cassar, mitejn sena minn mewtu 17
- Mija u ħamsin sena mill-Wirja ta' Santa Marija 21
- VICTOR J. GALEA - In-nisel ta' l-arma ta' Għawdex 23
- WINSTON L. ZAMMIT - Saċerdoti li taw sehemhom fil-Matriċi (1800-1830) 29
- SUPPLIMENT
  - *Il-Papa Benedittu XVI* 01
  - *Tislima lill-Papa Ġwanni Pawlu II, il-Papa l-Kbir li żar il-Katidral* 02
  - *Il-Parking tal-Katidral* 04
  - *Ġerusalemm fid-dar fejn mietet il-Madonna u fuq il-qabar tagħha* 06
  - *Il-qaddisin Patruni tal-Belt u l-irħula ta' Għawdex* 08
- JOHN MEILAK - L-Arkivju mużikali ta' Ġorġ Mercieca 43
- VICTOR J. GALEA - Iktar fuq il-purċissjoni ta' San Girgor 47
- NIKOL Ġ. CAUCHI - Omelija fil-quddiesa għall-Papa Ġwanni-Pawlu II 49
- ĠUŻEPPI FARRUGIA - Ħamsin sena saċerdot 51
- GIOVANNI B. GAUCI - Omelija fil-funeral tad-Dekan Carmelo Scicluna 53
- RUŻAR Ġ. BORG - Apprezzament Mons. Dekan Carmelo Scicluna 56
- LAWRENZ XIBERRAS - Simboliżmi Marjani 57
- ANĠLU XUEREB - Imqajma mill-imwiet bħal Kristu 60
- JOE CHETCUTI - Il-Verġni Marija u l-Ewkaristija 61
- MATTHEW SULTANA - U Alla? 62
- Mid-Djarju tal-parroċċa (1 ta' Lulju, 2004 - 30 ta' Ġunju, 2005) 63
- Kronaka tal-Parroċċa 72

www.gozocathedral.org.mt



quality is our commitment...

...because we know you deserve it!

- superior digital offset quality colour printing
- competitive prices
- no colour variations
- digital offset printing technology up to A2+
- short runs starting from only 1 copy
- long runs up to 100,000 copies
- personalisation and variable data printing
- pantone matching spot colour printing
- complete in-house digital printing finishing
- no chemicals, films and plates required
- waterless printing technology
- environmental friendly printing technology
- FREE delivery to Malta and Gozo

contact_21 55 22 19

fax_21 55 22 19
web_www.jdbprinting.com
email_info@jdbprinting.com

jdb DIGITAL PRINTING



GREAT DISCOUNTS ON THE LARGEST SELECTION OF TOYS, DECORATIONS, BICYCLES, COMPUTERS, SOFT TOYS ETC.

TAL-LIRA ITEMS ALSO AVAILABLE

PARTY ITEMS & GIFTS CAN BE FOUND AT UNBEATABLE PRICES

LARGEST RANGE OF SCHOOL BAGS & ACCESSORIES

Mro. G. Giardini Vella Street, Victoria, VCT 108, Gozo - Malta
(near water works department)
Tel / Fax: 2155 6431 Mob: 9949 0663

www.gozo.cathedral.org.mt

J. de Bono Printing Press Ltd. Nadur Tel: 21 552219, 79 5522